


EDIZZJONI
"LUMEN CHRISTI"
1989.

IL-KELMA TAR-RAGĦAJ

Ġabra ta' ittri pastorali,
ċirkulari, u atti oħra ta'
l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi,
Isqof ta' Għawdex

Vol. V

EDIZZJONI
"LUMEN CHRISTI"
1989.

IL-KELMA TAR-RAGĦAJ

Ġabra ta' ittri pastorali,
ċirkulari, u atti oħra ta'
l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi,
Isqof ta' Għawdex

Vol. V

Daħla

Ilment li jinstema' xi drabi ħiereġ minn fomm xi nsara ta' pajjiżna huwa dak li l-Isqof ma jitkellimx fuq ċerti problemi li ftit jew wisq ikollhom x'jaqsmu mat-tagħlim u l-ħajja tal-knisja. Dawn l-istess individwi jkunu jagħmlu iktar ġid lill-Knisja kieku jistaqsu lilhom infushom kemm qegħdin jagħmlu ħilithom biex isiru jafu x'qed igħidu u jgħallmu r-ragħajja spiritwali tagħhom, jippruvaw jifhmu tagħlimhom u jaċċettawh biex iwettquh ukoll fil-ħajja tagħhom. Dwar dan, il-Konċilju Vatikan II jistqarr li "meta l-Isqfijiet igħallmu f'għaqda ma' l-Isqof ta' Ruma, huma għandhom ikunu mismugħa minn kulħadd b'venerazzjoni bħala xhieda tal-verità divina u kattolika; il-fidili għandhom jaċċettaw il-ġudizzju ta' l-Isqof tagħhom, mogħti f'isem Kristu, fi hwejjeġ ta' fidi u morali u joqogħdu għalih b'qima reliġjuża." (Lumen Gentium, 25).

F'din il-ġabra ta' siltiet miċ-ċirkulari, pastorali u diskorsi, li issa tikkonsisti f'ħames volumi, taħt it-titlu "Il-Kelma tar-Ragħaj", hemm imfissrin il-fehmiet tiegħi kif ukoll it-tweġibiet għal mistoqsijiet ta' kull għamla li jiltaqgħu magħhom il-kattoliċi tad-Djoċesi Għawdxija. Kull ma jonqos hu, li dan it-tagħlim ikun iktar magħruf fost l-insara, biex jista' b'xi mod, jiggwidahom fil-ħajja tagħhom.

Nikol Ġ. Cauchi,
Isqof ta' Għawdex.

"Gozo Press", Għawdex. Tel. 551534.

1. IS-SAGRAMENT TAL-KONFERMAZZJONI
(24 - 6 - 1984)

F'dawn il-jiem ta' Ġunju, ħafna tfal subien u bniet, wara thejjija xierqa, jersqu biex jirċievu s-Sagrament tal-Konfirmazzjoni, jew kif huwa magħruf fostna, il-Griżma ta' l-Isqof. Din il-ġrajja ta' kull sena tqanqal interess mhux biss fl-adolexxenti li jkunu qed jithejjew għal dan is-Sagrament, iżda wkoll fil-ġenituri u fil-parrinijiet tagħhom. Iżda jeħtieġ li tkun ukoll okkażjoni, sabiex il-komunità nisranija tirrifletti iktar fuq il-valur ta' dan is-Sagrament fil-ħajja nisranija u tapprezzah iżjed. Għad li l-Griżma ta' l-Isqof neħduha darba biss, iżda għandna ngħixuha ta' kuljum fil-ħajja tagħna.

— **Rabta mas-Sagramenti l-oħra** —

Ta' min jiftakar qabel xejn li l-Konfirmazzjoni għandha rabta mill-qrib mal-Magħmudija u ma' l-Ewkaristija. Dawn it-tlieta flimkien, jissejħu s-Sagramenti ta' l-inizjazzjoni jew bidu tal-ħajja nisranija. Fi kliem ieħor, permezz tagħhom il-bniedem igħaddi mill-istat ta' sempliċi kreatura u jsir iben adottiv ta' Alla u membru tal-Knisja, il-Ġisem Mistiku ta' Kristu; b'ħekk jingħaqad ma' Kristu u jsir jixbah lilU.

Fil-Magħmudija, bl-ilma u fl-Ispirtu s-Santu, il-bnedmin isiru ħolqien ġdid u jingħaqdu mal-poplu t'Alla. Bis-Sagrament tal-Konfirmazzjoni jiġu ssiġillati bl-istess Spirtu s-Santu li jirċievu bħala don biex ikunu xiehda ta' Kristu quddiem id-dinja. Fl-Ewkaristija, huma jieħdu l-Ġisem ta' Bin il-Bniedem u jixorbu Demmu biex ikollhom il-ħajja ta' dejjem.

Ir-rit u l-kliem tal-Konfirmazzjoni jindikaw b'mod ċar il-grazzja sagramentali li tingħata lil dawk li jieħdu dan is-Sagrament: huwa d-don ta' l-Ispirtu s-Santu li bih Kristu jissiġilla lill-insara sabiex ikunu x-xiehda tiegħu fid-dinja.

Id-Duttur tal-Knisja, San Tumas, iqabbel is-Sagramenti mal-ħajja umana u jgħidilna li kif il-bniedem bit-twelid jibda ħajtu fid-dinja, hekk ukoll bil-magħmudija timbeda l-ħajja sopranaturali tiegħu, u kif fil-ħajja naturali jeħtieġ li t-tarbija tikber u tissaħħaħ, hekk ukoll fil-ħajja spiritwali, in-nisrani jissaħħaħ bis-sagrament tal-Konfirmazzjoni jew Griżma ta' l-Isqof.

— Il-Konfirmazzjoni u l-impenn tal-ħajja nisranija —

L-attenzjoni tat-tfal fi ċkunithom tkun ikkonċentrata fuq l-oġġetti ta' madwarhom u iktar tard jikkonċentrawha fuqhom infushom. Iżda, pass wara l-ieħor, kull tifel jeħtieġ li jimmatura u jsir adult. Jeħtieġ li jibda jieħu ħsieb l-oħrajn ukoll billi jixxierek fil-ħidmiet tagħhom. Jeħtieġ li nikbru fil-karità lejn Alla u lejn il-proxxmu tagħna u b'hekk nimmaturaw spiritwalment. Kristu sabilna l-mezz li bih nistgħu nsiru spiritwalment adulti, kapaċi

nagħrfu r-responsabiltajiet tagħna u lesti li naqsmu l-għana spiritwali tagħna ma' l-oħrajn. Dan hu li jwettaq fina s-sagrament tal-Konfirmazzjoni.

Huwa s-sagrament li fih Kristu jsawwab fuqna l-Ispirtu s-Santu ħalli jagħmilna appostli tal-fidi tagħna. Kif igħallimna l-Konċilju (Apostolicam Actuositatem 3): "Il-lajċi jiksbu d-dmir u l-jedd għall-appostolat mill-istess għaqda tagħhom ma' Kristu li hu r-ras tal-Ġisem. Għaliex Kristu nnifsu jaħtarhom għall-appostolat meta huma, permezz tal-Magħmudija, isiru parti mill-Ġisem Mistiku tiegħu, u permezz tal-Griżma, jissaħħu bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu".

Dan jispirana u jgħinna sabiex nagħtu sehemna għall-iżvilupp tas-soċjetà li fiha ngħixu. Għalhekk il-Konfirmazzjoni nistgħu nsejħulha wkoll sagrament soċjali. Biha, nagħrfu aħjar l-opportunitajiet u r-responsabiltajiet li għandna bħala membri tas-soċjetà u tal-komunità nisranija. Aħna nħarrġu l-qawwa tal-Griżma ta' l-Isqof, billi nippruvaw nagħmlu d-dinja aħjar, bit-talb, bir-riflessjoni, u bil-kollaborazzjoni ma' l-oħrajn għall-ġid ta' kulħadd.

Skond it-tagħlim tal-Konċilju (Lumen Gentium n. 11) l-insara, "bis-Sagrament tal-Griżma, jintrabtu mal-Knisja, b'mod iżjed perfett u jkunu mogħnija b'qawwa speċjali ta' l-Ispirtu s-Santu; b'hekk huma jsiru iżjed obbligati illi, bħala xiehda ta' Kristu, bil-kelma u bil-ħidma jxerrdu l-fidi u jiddefenduha".

Min jieħu l-Konfirmazzjoni, mhux sempliċement membru tal-Knisja, iżda għandu wkoll is-setgħa u d-dmir li jieħu sehem fil-ħajja attiva tagħha. Fil-

Griżma, nieħdu l-Ispirtu s-Santu li jqassam il-kariżmi u l-ministeri tiegħu kif jogħġbu, għall-ġid tal-komunità. Nirċievu l-Ispirtu s-Santu mhux biss għall-progress spiritwali tagħna nfusna, iżda wkoll biex naqdu lill-oħrajn, għas-servizz tal-komunità nisranija li għall-bini tagħha kull wieħed għandu jagħti sehmu.

Dawn huma l-impenji li jieħu fuqu għal ħajtu kollha, kull min jirċievi l-Konfirmazzjoni u hija ħaġa sewwa li nżommuhom dejjem quddiem għajnejna, anke meta nikbru fl-età, sabiex inwettquhom mill-aħjar li nistgħu.

— **Xi direttivi prattiċi** —

Ninqeda b'din l-okkażjoni sabiex infakkarkom f'xi direttivi prattiċi rigward il-Griżma ta' l-Isqof, li xi whud minnhom diġà huma msemmija fil-pjan katekistiku u fil-pjan liturġiku:

(a) Meta l-ulied ikunu sejrin jilħqu l-età tal-Griżma, il-ġenituri tagħhom għandhom jinformaw lill-Kappillan sa mill-bidu tas-sena skolastika li matulha wliedhom ikunu bil-ħsieb li jirċievu dan is-Sagrament, sabiex it-tfal jiffrekwentaw dik il-klassi tad-duttrina, li fiha ssir l-aħħar thejjija għalih.

(b) Għandha ssir insistenza mal-ġenituri sabiex l-ilbies tat-tfal li jagħmlu l-Griżma, speċjalment tal-bniet, ikun sempliċi. Huma għandhom jiġu mwissija sabiex fl-okkażjoni tal-Griżma ma jkunx hemm wirja ta' frugħat u l-anqas infieq ta' flus esaġerat.

(c) Lill-parrinijiet għandu jingħata tifsir dwar id-dmirijiet li jieħdu fuqhom meta jaċċettaw li jidħlu

għal dan l-uffiċċju. Fuq kollox jeħtieġ li huma stess ikunu jafu xi tfisser il-Griżma ta' l-Isqof u jkunu nies li jwettqu fil-ħajja tagħhom l-impenji konnessi ma' dan is-Sagrament.

(d) Fis-snin bejn l-Ewwel Tqarbina u l-Konfirmazzjoni, lit-tfal għandu jingħatalhom il-kors sħiħ ta' tagħlim reliġjuż, dejjem b'mod addattat għall-mentalità tagħhom. Il-katekisti għandhom igħinu lit-tfal sabiex kull wieħed minnhom jagħraf id-dinjità nisranija tiegħu bħala iben t'Alla u jsaħħaħ ir-rieda tiegħu ħalli jkun kapaċi jagħti xhieda tal-Fidi li jistqarr. Il-messaġġ nisrani għandu jiġi ppreżentat bħala għażla t'Alla u sejħa għall-qdusija.

(e) Il-preparazzjoni ta' dawk li jieħdu l-Konfirmazzjoni għandha tkun taqbel mal-personalità konkreta ta' kull wieħed u kull waħda minnhom. Mhux biżżejjed tagħlim reliġjuż mogħti b'mod ġenerali għat-tfal kollha flimkien, iżda hija meħtieġa attenzjoni individwali għal kull tifel jew tifla skond l-attitudni personali ta' kull wieħed jew waħda. Fi kliem ieħor meħtieġa kważi direzzjoni spiritwali individwali.

(f) Matul din it-thejjija, it-tfal għandhom jistudjaw u jfittxu li jiskopru l-vokazzjoni partikulari tagħhom billi jistaqsu lilhom infushom: "X'servizz ser nagħti lill-Knisja meta nikber?" Jekk ikun hemm xi bidu ta' vokazzjoni saċerdotali, reliġjuża jew missjunarja, il-katekisti għandhom jagħmlu ħilithom sabiex isaħħuha fit-tfal.

(g) Meta jagħmlu l-Griżma, it-tfal jiġu mħajra li jagħtu xi għajnuna lill-Missjonijiet jew iwettqu xi

opra oħra ta' karità. Jixraq li dak li jagħtu jkun proprju tagħhom sabiex ikun hemm ukoll sens ta' sagrifiċċju.

(h) Anke wara li jieħdu l-Konfirmazzjoni, it-tfal u ż-żgħażagħ għandhom iħossu d-dmir li jibgħu jattendu għal-laqgħat ta' tagħlim reliġjuż li jiġu organizzati għalihom.

2. IĊ-ĊENTINARJU TA' SAN ĠORĠ MARTRI (1 - 7 - 84)

L-istorja hija l-imgħallma tal-ħajja. Għalhekk hija drawwa tajba li jiġu ċċelebrati ċ-ċentinarji ta' personaġġi u ġrajjiet importanti fl-istorja mhux biss bil-għan li ma tintesiex it-tifkira tagħhom, iżda wkoll sabiex minnhom inkunu nistgħu nisiltu xi lezzjoni li tkun ta' siwi għalina.

Wara li saru riċerki storiċi bir-reqqa, ġie deċiż li jiġi ċċelebrat is-sbatax-il ċentinarju mit-twelid ta' San Ġorġ Martri u f'Ruma ġie mwaqqaf Kumitat magħmul minn Kardinali, Isqfijiet u personaġġi oħra magħrufa sabiex jorganizzaw b'mod xieraq iċ-ċelebrazzjonijiet ta' dan iċ-ċentinarju.

— Il-qima lejn il-Qaddisin —

Fost il-bosta martri li l-Knisja Kattolika tivvenera sa minn żminijiet l-iktar antiki, jiddi b'ġieh liema bħalu l-qaddis żagħżugħ San Ġorġ, suldat qalbieni ta' Kristu. Il-poplu ta' diversi pajjiżi mbegħda minn xulxin u ta' kulturi differenti għandu qima profonda lejn dan il-martri għax fih jilmaħ u jammira l-ideal ta' l-isbaħ valuri umani u spiritwali.

Fil-qalb tal-poplu Għawdxi wkoll, San Ġorġ għandu post ta' ġieh. Fl-Ittra Pastorali li kien ħareġ fl-20 ta' April, 1903, fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju tal-martirju ta' San Ġorġ, l-E.T. Mons. Ġovanni Camilleri O.S.A., ħalla miktub: "Aħna nafu bl-imħabba tagħkom lejn San Ġorġ, iżda l-protezzjoni tiegħu jistħoqqilha iktar minn daqshekk u aħna nixtiequ li d-devozzjoni tagħkom lejh tkun dejjem iżjed imħeġġa". Jeħtieġ qabel xejn li nkunu konvinti li d-devozzjoni lejn il-qaddisin fuq kollox għandha tikkonsisti fl-imitazzjoni tagħhom. Il-Konċilju Vatikan II igħallimna li "waqt li nħarsu lejn il-ħajja ta' dawk li mxew wara Kristu bil-fedeltà, aħna nħossu ruħna mħeġġa minn konsiderazzjonijiet ġodda għala għandna nfittxu li naslu fil-belt li għad trid tiġi (cf Lhud 13:14 u 11:10), u fl-istess ħin nitgħallmu t-triq l-aktar żgura li minnha għandna ngħaddu biex, fost il-ħwejjeġ tad-dinja li jitbiddlu, aħna nistgħu naslu, kulħadd skond l-istat u l-kondizzjoni tiegħu, għall-għaqda perfetta ma' Kristu, jiġifieri għall-qdusija" (L.G. 50).

Is-sejħa li nixtieq nagħmlilkom f'dan iċ-ċentinarju hija li tagħmlu ħilitkom biex issiru tixbhu lil San Ġorġ fil-qdusija partikolari tiegħu. Fih li kien martri żagħżugħ, tidher iż-żgħożija spiritwali tal-Knisja, li tinħass meta xi wħud mill-membri tagħha jgħixu skond it-tagħlim tal-Vanġelu li jgħodd għal kull żmien. Bħalu għandna nħarsu t-twissija ta' l-Appostlu Missierna San Pawl: "Intom ħuti, imsejħin għal-libertà; biss qisu li dil-libertà ma tinqdewx biha għall-ġisem...imxu mar-Ruħ u taqtgħux ix-xewqat tal-ġisem" (Galatin 5, 13-16). Il-libertà ta' wlied Alla ma tistax tinkiseb mingħajr

taqbida ta' kuljum sabiex wieħed jeħles mill-jasar tal-ġibdiet tal-ġisem u mill-kondizzjonament tal-ambjent pagan, għaliex b'hekk biss ikun jista' jsib l-identità nisranija tiegħu u ma jkunx imxekkel li jagħmel it-tajjeb kif tiddettalu l-kuxjenza tiegħu mdawwla mill-fidi.

— Sinjali taż-żgħożija spiritwali —

In-nisrani awtentiku mhux biss igawdi l-libertà ta' wlied Alla, iżda jidhru wkoll f'ħajtu s-sinjali taż-żgħożija. Fost dawn ta' min isemmi t-tama qawwija f'Alla, il-kuraġġ evanġeliku, u l-ġenerożità.

Ir-ruħ li fiha tgħammar it-tama għandha għamla ta' żgħożija eterna. Permezz tat-tama f'Alla, ħajjitna tieħu dimensjoni ġdida, li hija direzzjoni lejn il-ġejjieni. Sa minn din id-dinja aħna l-insara nintlew bl-enerġija ta' ħajja oħra. Bħall-bnedmin l-oħra li m'għandhomx fidi u tama f'Alla, aħna niżfnu mat-taqlib tal-ħajja fuq l-art, inġarrbu l-ferħ u n-niket, ngħaddu minn stati ta' ewforja għal stati ta' swied il-qalb u nafu wkoll li għad irridu nduqu l-mewt. Iżda ladarba nemmnu fil-misteru ta' l-Imħabba eterna ta' Alla u nittamaw fil-wegħdiet tiegħu, aħna konvinti li l-eżistenza f'din id-dinja, kif ukoll il-mewt ma għandhomx valur assolut, iżda huma realtà proviżorja jew passaġġ għall-ħajja bla tmiem u bla niket li Alla l-Missier hejja għalina. Kif josserva l-Konċilju Vatikan II, "Jekk jonqos il-pedament ta' Alla u t-tama tal-ħajja ta' dejjem, id-dinjità tal-bniedem tonqos ħafna, kif spiss jiġri llum, u l-enigma tal-ħajja u tal-mewt; tal-ħtija u ta' l-indiema, jibqgħu bla tweġiba u għalhekk mhux ftit drabi l-

bnedmin jaqgħu fid-disperazzjoni". (Gaudium et Spes, n. 21).

Il-kuraġġ nisrani ispirat mill-Vanġelu Mqaddes u li tiegħu l-martri ħallewlna eżempju mill-isbaħ, jikkonsisti filli wieħed jemmen il-veritajiet tar-Reliġjon għażiża tagħna b'konvinzjoni li tibqa' dejjem sħiħa minkejja kull theddid; jara ċar il-prinċipji li għandhom imexxuh matul ħajtu u jasal għad-deċiżjonijiet tiegħu fid-dawl ta' dawk il-prinċipji u f'koerenza sħiħa magħhom. Bla ebda biża' jistqarr il-fidi tiegħu mhux biss bil-kliem iżda wkoll bl-imġieba fil-ħajja tiegħu privata u pubblika li tkun taqbel dejjem mal-prinċipji li huwa jħaddan. Iżda meta wieħed ikun influwenzat mir-rispett uman, jisthi juri l-fehmiet reliġjuži tiegħu, jirrikorri għal ċerti kompromessi li ma jixirqux lin-nisrani jew jaħrab mir-responsabiltà għax jibża' mis-sagrifiċċju, dan kollu juri li huwa nieqes ħafna fih il-kuraġġ nisrani.

Mat-tama f'Alla u mal-kuraġġ evanġeliku, jeħtieġ li nżidu wkoll il-ġenerożità li biha nirbħu l-egoiżmu u niddedikaw l-enerġiji tagħna għall-ġid tal-proxxmu, imqanqlin mill-imħabba ta' Alla. Dan ukoll huwa ideal l-aktar nobbli ispirat mill-Vanġelu. Kif kien qal f'diskors tiegħu liż-żgħażagħ fis-7 ta' Marzu, 1970, il-Papa Pawlu VI, din il-ġenerożità hija "għajn ta' ottimiżmu u ta' fiduċja fil-ġejjieni: meta ż-żgħażagħ ikunu kapaċi jingħataw għall-ġid ta' ħuthom dan huwa sinjal li minkejja d-dlamijiet, għad fadal jiddi xi dawl fid-dinja tagħna, li r-rieda tajba għadha tirbaħ fuq l-indifferenza u fuq l-għażż u b'hekk jissaħħu t-tamiet ta' umaniżmu ġdid li bih

il-bniedem modern jirnexxilu jsib lilu nnifsu fil-waqt li jħaddan il-valuri għolja ta' l-imħabba, tal-ħbiberija, tat-talb u tal-kontemplazzjoni."

Aħna lkoll imsejħa biex nimxu fl-istess triq li għaddew minnha l-Qaddisin. J'Alla nitgħallmu minnhom kif inwettqu s-sejħa nisranija tagħna matul ħajjitna.

3. IS-SENA LITURĠIKA
(20 - 11 - 1984)

Fl-ewwel Ħadd ta'l-Avvent, tibda s-sena liturġika tal-Knisja.

Il-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija jgħallimna: "Il-Knisja Mqaddsa Ommna tħoss li jmiss lilha li tiċċelebra b'tifkira qaddisa, f'jiem magħżula matul is-sena, l-opra tas-salvazzjoni ta' l-għarus imqaddes tagħha. Kull ġimgħa, fil-jum li sejħitlu Jum il-Mulej, tfakkar il-Qawmien tal-Mulej li darba fis-sena jitfakkar ukoll flimkien mal-Passjoni Mqaddsa Tiegħu fl-akbar solennità ta'l-Għid. Matul is-sena, imbagħad, tfisser il-misteru kollu ta' Kristu, mill-Inkarnazzjoni u t-Twelid sat-Tlugħ fis-sema, sa Għid il-Ħamsin, sa ma sseħħ it-tama hienja u l-miġja tal-Mulej" (Sacrosanctum Concilium, n. 102).

L-Istorja tas-Salvazzjoni hija miġbura u mfissra b'mod simboliku fis-Sena Liturġika. It-tliet festi tagħha huma l-Milied, l-Għid u Għid il-Ħamsin, u kull waħda minn dawn il-festi għandha ż-żmien ta' preparazzjoni għaliha. L-Avvent li ser nibdew jirrappreżenta l-ġrajjiet tar-Rabta l-Qadima li servew bħala thejjija għall-miġja tal-Feddej. Il-festa

solenni tal-Milied tfakkar il-bidu ta' l-epoka nisranija, jiġifieri t-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu.

Permezz tas-sena liturġika, il-Knisja tmexxi 'l uliedha sabiex jidħlu dejjem aktar fil-qalba tal-misteru ta' Kristu. Fil-Liturġija tal-Kelma tal-Festi u tal-Ħdud tas-sena, l-insara kollha, iż-żgħar u ż-żgħażagħ u l-kbar huma mistednin sabiex jisimgħu l-messaġġ t'Alla, miġbur fil-Kotba Mqaddsa u jirriflettu fuqu. Is-Sena Liturġika mela tista' sservi bħala veru katekumenat għall-poplu t'Alla kollu kemm hu.

Kif josserva l-Papa Piju XII fl-enċiklika "Mediator Dei", "Is-Sena Liturġika kollha, nistgħu nsejħulha għanja mill-isbaħ ta' tifħir li l-familja nisranija tgħanni lill-Missier permezz ta' Kristu medjatur tiegħu għal dejjem; iżda trid minna wkoll studju bil-għaqal u sewwa biex nagħrfu u nfaħħru dejjem aktar il-Feddej tagħna; impenn serju u ġeneruż; ħidma bla heda biex nimitaw il-misteri tiegħu, biex naqbdu minn rajna t-triq tas-salib tiegħu, biex nissieħbu fl-aħħar fil-glorja tiegħu u fil-hena tiegħu li ma tispiċċa qatt".

Ma tkunx ħaġa sewwa li l-insara jitilfu okkażjoni sabiħa bħal din biex isaħħu l-fidi tagħhom u jidraw igħixu f'għaqda aktar mill-qrib mas-Sinjur tagħna Ġesù. Nixtieq għalhekk inħeġġeġ lill-insara ta' din id-djoċesi sabiex jagħmlu l-impenn tagħhom ħalli jgħixu s-sena liturġika b'dak l-ispirtu li tixtieq minnhom il-Knisja Mqaddsa.

Kif jingħad fil-Pjan Liturġiku għad-Djoċesi t'Għawdex, ippubblikat din is-sena u li għandu jiġi

segwit mill-kleru u mill-poplu nisrani, "huwa importanti ħafna li ċerti festi u ċelebrazzjonijiet speċjali matul is-sena liturġika, ikunu mhejjijin tajjeb minn qabel. (17f).

4. IL-QAGĦDA PASTORALI TAD-DJOĊESI (24 - 5 - 1986)

Matul il-Viżta Pastorali li ntemmet f'Ħadd il-Palm, 23 ta' Marzu, 1986, kelli okkażjoni nżur il-parroċċi, niltaqa' mal-membri tal-kleru u mal-lajċi mpenjati fil-ħidmiet ta' l-appostolat, u niddiskuti magħhom xi problemi li qiegħda tħabbat wiċċha magħhom il-Knisja lokali.

Bħala 'follow-up' ta' din il-Viżta, diġà għamilt l-osservazzjonijiet tiegħi kemm lill-Kappillani fil-korrispondenza ta' kull xahar 'Ad Parochos' kif ukoll lis-saċerdoti, fl-'Ad Clerum'. Iżda barra mir-rimarki li deherli li għandhom ikunu riservati għall-membri tal-Kleru, hemm ukoll xi kummenti oħra, li xtaqt li nagħmel in konnessjoni mal-Viżta Pastorali, u li naħseb li jgħoddu għal kulħadd.

Nixtieq li kemm jista' jkun nifli u niżen mhux biss l-aspett negattiv iżda wkoll l-aspett pożittiv tal-qagħda pastorali tad-djoċesi tagħna. Huwa impossibbli li nsemmi kollox, iżda nsemmi biss xi ħwejjeġ, waqt li minħabba t-tul ikolli nħalli ħafna oħrajn, forsi mhux inqas importanti. Inżid ngħid ukoll li fejn insemmi fatti negattivi, dan nagħmlu mhux

għall-gost li mmaqdar jew nikkritika, iżda għax nemmen li hemm possibiltà li ċerti difetti jiġu kkoreġuti u li xi affarijiet isiru aħjar. Jiena nemmen li dan il-pass 'il quddiem għat-tajjeb, kemm l-individwi kif ukoll il-komunità jistgħu jwettquh bil-qawwa li tiġi minn Alla, qawwa li tbiddel il-qalb u tagħtiha l-kapaċità li taċċetta r-rieda tal-Mulej.

— **Negħelbu l-konflitti** —

Qabel xejn, ta' min iżomm quddiem għajnejh li l-parroċċi tagħna huma komunitajiet ħajjin u attivi, mogħnija b'doni spiritwali mill-isbaħ, iżda għad jonqoshom ifittxu u jsibu l-mod kif japplikaw it-tagħlim ta' l-Evanġelju għall-problemi konkreti ta' żminijietna. F'xi wħud minnhom ma jonqsux il-kuntrasti u d-differenzi fl-opinjonijiet. Xi drabi jinħoloq ukoll konflitt bejn sistemi ġodda u sistemi qodma li ma jintegrawx biżżejjed flimkien. Però jeħtieġ li bil-mod il-mod nitgħallmu nfittxu dejjem il-ġid komuni tal-komunità ekkleżjali u mhux inħarsu biss lejn l-interessi u l-vantaġġi persunali jew tal-grupp tagħna. Jeħtieġ li iktar inħarsu lejn dak li jgħaqqadna milli lejn dak li jifridna. Għandna bżonn ukoll ta' sens ta' proporzjon, hekk li nagħtu importanza ikbar lil dak li jistħoqqlu l-ikbar importanza u biex insalvaw ċerti valuri vitali, inkunu lesti li nissagrifikaw valuri ta' inqas siwi.

F'xi ambjenti tinħass ukoll ċerta firda u nuqqas ta' tolleranza reċiproka, li f'ċerti mumenti tasal ukoll għal mibegħda u għadab lejn xulxin. Minflok il-maħfra nisranija, xi wħud jippreferixxu li jpattu d-deni bid-deni u lanqas jaħsbuha wisq biex jużaw

metodi vjolenti. Din il-mentalità hija għal kollox opposta għall-valuri li għallimna Kristu fl-Evanġelju Mqaddes, bħalma huma r-rispett reċiproku, l-imħabba ta' l-aħwa, u l-maħfra ta' l-egħdewwa. Il-Knisja, li għandha d-dmir li tkompli twettaq il-missjoni ta' Kristu, għal sekli sħaħ ilha tippriedka u tinsisti fuq il-valuri morali u spiritwali ta' l-Evanġelju, hekk li kif naqraw fl-eżortazzjoni Appostolika Post-Sinodali "Reconciliatio et Poenitentia", hija tipprova "tbiddel il-kundizzjoni storika ta' mibegħda u vjolenza f'ċivilizzazzjoni ta' mħabba". Iżda l-Knisja ma tistax tilħaq dan il-għan jekk l-insara wliedha ma jaħdmux għalenija biex tinbena soċjetà ġdida, aktar ġusta u fraterna.

— **Rispett lejn il-valuri nsara** —

Inrodd ħajr lil Alla li ħafna mill-familji tagħna, u anke familji ġodda, għadhom igħożżu bis-sħiħ ċerti valuri fundamentali bħal ma huma l-fedeltà konjugali, il-ħarsien tal-ħajja sa mill-bidu tagħha, l-imħabba lejn l-ulied u l-kura tagħhom, rispett lejn l-anzjani, eċċ. Iżda ftit jew wisq jinħass f'ħafna familji oħra l-influss ta' l-ideat u tad-drawwiet li tippreżentalhom iċ-ċiviltà pagana tal-lum, fosthom l-edoniżmu, jiġifieri l-għatx għall-pjaċir, u l-konsumiżmu, cioè, it-tellieqa ta' min iberbaq l-iktar flus. Iżda fejn jidħlu d-dmirijiet tal-ħajja nisranija, ma nistgħux nimxu mal-kurrent u nfarfru r-responsabiltà tagħna billi noqogħdu naraw x'qegħdin jagħmlu l-oħrajn. Jibqa' dejjem dmir tagħna li bil-għajnuna tat-tagħlim tal-Knisja u bir-riflessjoni tar-raġuni tagħna, insibu t-triq id-dritta li minnha jridna ngħaddu Alla. Dan igħodd ukoll

għall-imġiba sesswali ta' l-insara, għaliex anke f'dan il-qasam ir-regola tal-moralità ma tinbidilx malmoda, u ma tiddependi b'ebda mod minn dak li jgħidu u jagħmlu n-nies l-oħra. Fuq kollox, innisrani għandu jiftakar li bil-Magħmudija ngħaqad spiritwalment ma' Kristu u jeħtieġlu bħal Kristu u bil-għajnuna tiegħu jġorr is-salib ta' dmirijietu bi spirtu ta' sagrifiċċju.

— **Formazzjoni Reliġjuża kontinwa** —

Huwa evidenti wkoll l-impenn tal-ġenituri, talkatekisti u ta' l-għalliema sabiex igħallmu lit-tfal ilprinċipji tar-Reliġjon Nisranija. B'eċċezzjonijiet żgħar, it-tfal kollha, sakemm jaslu biex jirċievu l-Griżma ta' l-Isqof, jiffrekwentaw il-klassijiet tadduttrina li hija organizzata għalihom fil-parroċċi. Għadd sabiħ ta' adoloxxenti u żgħażagħ subien u bniet, għall-inqas darba fil-ġimgħa jkomplu jieħdu sehem f'laqgħat ta' tagħlim reliġjuż organizzati millgħaqdiet Kattoliċi. Iżda hija ħasra li dan it-tagħlim mhux qiegħed jilħaq liż-żgħażagħ kollha. Hija dieqa ta' qalb għalina li ninnutaw każijiet ta' injuranza reliġjuża, kif ukoll l-indifferenza li biha jiġu milqugħin ċerti programmi ta' tagħlim reliġjuż għall-kbar. L-injuranza reliġjuża hija waħda millegħruq ewlenin tal-ħażen u ftit għandha x'tittama l-Knisja minn uliedha li jgħixu f'dan id-dlam. Jeħtieġ li l-kattoliċi ta' għiritna jifhmu aħjar il-ħtieġa ta' formazzjoni reliġjuża kontinwa, kemm persunali kif ukoll komunitarja.

— **Il-ġenerożità** —

Fl-aħħarnett, ma nistax ma ninnutax u ma

nfaħħarx il-ġenerożità tal-poplu tagħna li jikkontribwixxi bil-ferħ biex igħin lill-proxxmu tiegħu kif ukoll għall-ħtiġijiet tal-Knisja. Ninqeda b'din l-okkażjoni sabiex inrodd ħajr lil dawk kollha li qdew dmirhom bħala membri tal-Knisja billi kkontribwew għall-ħtiġijiet tagħha sabiex ikollha "dak li huwa meħtieġ għall-kult divin, għall-ħidmiet ta' l-apostolat u tal-karità, kif ukoll għall-għajxien xieraq tal-ministri tagħha" (Kan. 222 par. 1), u nittama li dan ikompli wkoll għal li ġej.

Id-diffikultajiet u l-problemi ma humiex ftit, iżda ħadd ma għandu jaqta' qalbu. Imdawlin mill-fidi, għandna niftakru li l-Ispirtu t'Alla għadu jaħdem fid-dinja u li dan l-Ispirtu jwieżen in-nuqqas ta' ħila tagħna. Bil-għajnuna tiegħu jirnexxielna nħawlu u nrawmu fil-familji tagħna u madwarna l-valuri tal-Vanġelu, li huma fuq kollox tama qawwija f'Alla, serenità fit-taqlib kollu tal-ħajja, u karità li ma tiġi qatt nieqsa.

5. RIGALI TAL-QALB TA' KRISTU
(9 - 6 - 1986)

Fil-bidu ta' dan is-seklu, il-Papa Ljun XIII, fl-ittra enċiklika tiegħu "Mirae Charitatis" (28/5/1902) sejjaħ l-**Ewkaristija** "dak id-don li ħareġ mill-Qalb tar-Redentur, li bil-ħeġġa jixtieq li b'dan il-mezz jingħaqad mal-bnedmin, u jqassmilhom il-frott imbierek tal-fidwa tiegħu".

Iżda l-inventarju jew il-lista tar-rigali li tatna l-Qalb Divina tal-Feddej insibuhom fl-enċiklika tal-Papa Piju XII, "Haurietis Aquas". Barra mill-Ewkaristija, dan il-Papa jsemmi wkoll il-Madonna, il-grazzja, is-sagramenti, il-Knisja, u r-rigali l-oħra li ħallielna Kristu.

"Wieħed jista' jgħid bid-dritt kollu li l-Ewkaristija Divina, kemm bħala sagrament kif ukoll bħala sagrifiċċju...kif ukoll is-**saċerdozju** huma rigali ċari tal-Qalb Sagratissima ta' Ġesu".

Rigward il-**Madonna**, l-istess enċiklika tkompli tgħidilna: "Anke Marija, il-kbira Omm Alla u Omm maħbuba tagħna, hija don prezzjuż tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù," għaliex Kristu qabel ma miet, biex jurina mħabbtu lejna, tana lil Ommu biex tkun omm spiritwali tagħna.

Rigali oħra tal-Qalb ta' Kristu u xhieda ħajja ta' mħabbtu lejn il-bnedmin huma l-Knisja u s-sagramenti. Kif ifissrilna l-Papa Piju XII, "il-**Knisja**, li għandha f'idejha l-ministeru tad-Demm tal-Fidwa, twieldet mill-Qalb minfuda tar-Redentur u minn hemm ukoll li ħarġet kotrana l-**grazzja tas-sagramenti** li ssawwab f'ulied il-Knisja, il-ħajja eterna."

Fuq kollox, id-don ta'l-**Ispirtu s-Santu** mwieġħed u mogħti lill-Appostli u lil dawk li jemmnu fi Kristu huwa prova oħra ta' l-imħabba u l-ħniena tal-Qalb Divina. "L-għotja ta' l-Ispirtu s-Santu, lid-dixxipli, hija l-ewwel sinjal ċar tal-karità ġeneruża tas-Salvatur, wara t-tlugħ trijonfali tiegħu lejn il-leminija tal-Missier."

Fl-aħħarnett, il-**karità** imsawba f'qalbna mill-Ispirtu s-Santu hija ġejja wkoll mill-Qalb ta' Kristu. Għalhekk il-Papa jgħidilna li "din il-karità hija fl-istess ħin rigal tal-Qalb ta' Kristu u rigal ta' l-Ispirtu s-Santu."

Fi żminijietna, meta ħafna bnedmin huma aljenati u mitlufa wara l-affarijiet tad-dinja u ma jagħtu każ ta' xejn minn dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja spiritwali u max-xorti li se tmisshom fl-eternità, sabiex ma nittieħdux aħna wkoll bl-istess mentalità materjalista, jeħtieġ li naħsbu ta' spiss fuq ir-rigali kbar u prezzjużi li offrielna Kristu u nroddulu ħajr tagħhom minn qalbna.

Din ir-rikonoxxenza jew radd ta' ħajr issaħħaħ fina d-devozzjoni vera u ġenwina lejn il-Qalb ta' Kristu li aħna għandna nuruha speċjalment matul dan ix-xahar ta' Ġunju.

6. IL-KWINDIĊINA TA' L-ASSUNTA
(24 - 7 - 1986)

Iktar minn darba, fl-imgħoddi, l-isqfijiet ta' dawn il-gżejjer, fil-ġranet ta' qabel il-festa għażiża ta' l-Assunta — li b'mod popolari tissejjaħ il-festa ta' Santa Marija — bil-kliem u bil-kitba stiednu lill-ulied spiritwali tagħhom sabiex jiċċelebraw bl-ikbar qima din il-festa u jikbru dejjem iżjed fid-devozzjoni sinċiera lejn l-Imqaddsa Marija mtella' fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem. Bħal siġra tajba u f'saħħitha, id-devozzjoni lejn l-Assunta, meqjuma fil-Knisja Katidrali tagħna, rabbiet għeruq fil-fond tal-qalb tal-poplu tagħna u kibret u xterdet matul il-medda ta' snin.

Waħda mill-provi ta' din il-qima lejn l-Assunta hija l-kwindiċina, jew il-ħmistax-il ġurnata ta' talb u ta' penitenza, li ħafna min-nies tagħna josservaw u jwettqu bi thejjija għall-festa tas-Sultana tas-sema. Bħall-isqfijiet ta' qabli, nixtieq nirrikmanda bil-qawwa kollha din id-devozzjoni antika bit-tama li anke t-tfal u ż-żgħażagħ, fuq l-eżempju tal-ġenituri tagħhom u flimkien magħhom, ihejju ruħhom spiritwalment, permezz tal-kwindiċina għall-festa ta' l-Assunta, sabiex dan il-jum inissel f'qalbhom

ferħ ġej minn Alla. Xieraq ukoll li fl-istess jum, kull wieħed mill-insara ta' pajjiżna, mhux biss jieħu sehem fil-Quddiesa, kif inhu obbligu tiegħu għaliex hija festa kkmandata, iżda wkoll jersaq għat-Tqarbin Imqaddes, wara li jkun naddaf ir-ruħ tiegħu bi qrara sinċiera.

— **Id-devozzjoni ġenwina lejn il-Madonna** —

Però, ma nkunux iċċelebrajna kif imiss, din il-festa solenni tal-Madonna, jekk ma nieħdux iż-żmien tagħna sabiex neżaminaw kemm hi sħiħa fina d-devozzjoni lejn l-Imqaddsa Omm Alla, kif ukoll sabiex nitolbu bl-intercessjoni tagħha, dak li huwa meħtieġ għalina u għal Art Twelidna.

Fit-tieġ ta' Kana tal-Galilija, il-Madonna lill-qaddejja qaltilhom: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu" (Ġw 2, 5). Dan li jogħġob verament lil Marija, li aħna nagħmlu dak li jordnalna Binha Ġesù. F'dan tikkonsisti d-devozzjoni ġenwina lejn Sidtna Marija, li fuq l-eżempju tagħha, imħeġġin bil-fidi, aħna nwettqu r-rieda t'Alla, murija lilna fit-tagħlim ta' Kristu. Min jiċħad jew jittraskura t-tagħlim ta' Kristu, ma jistax jogħġob lill-Madonna jew jissejjaħ binha. Skond it-tagħlim ta' Kristu, kull wieħed minna għandu ruħ spiritwali li tibqa' tgħix għal dejjem u akkost ta' kull sagrifiċċju, din ir-ruħ jeħtieġ li nsalvawha. Min ma jinteressahx mill-ġid tar-ruħ tiegħu nnifsu u tal-proxxmu, mhux qed iwettaq it-tagħlim ta' Kristu u l-anqas m'għandu vera qima lejn l-Omm Imqaddsa tiegħu.

— Nitolbu 'l Madonna għat-tfal u għaż-żgħażagħ —

Fl-okkażjoni tal-festa hekk għażiża tal-Madonna ma jistax jonqos li bid-dmugħ f'għajnejna, ma nitolbuhiex bl-ikbar ħrara għat-tfal u għaż-żgħażagħ tagħna, kif ukoll għall-ġenituri u għal dawk kollha li huma responsabbli ta' l-edukazzjoni tagħhom. Ma nistgħux ma ninnotawx bi tħassib u b'dispjaċir, li ċerti ġenituri qegħdin iħassru l-karattru ta' wliedhom, għaliex jikkuntentawhom f'kollox u m'għandhom ebda ħjiel ta' dixxiplina.

Il-ġenituri għandhom dejjem ifittxu li jikkuntentaw lil uliedhom f'dak li huwa tajjeb u ta' ġid għalihom, iżda qatt m'għandhom jikkuntentawhom u jċedulhom f'dak li jista' jkun ta' ħsara għar-ruħ jew għall-ġisem. Il-ġenituri li ma jafux igħidu "le" fejn hemm bżonn, jitgħabbew bir-responsabiltà tal-ħsara li jġarrbu wliedhom u jkunu ħatja quddiem Alla, tar-rovina spiritwali li jġibu fuqhom. Ikun ta' ħsara għall-ulied, jekk dawn iduqu xi għamla ta' drogi, jekk jabbużaw minn xorb alkoħoliku, jekk jaħlu żmienhom quddiem it-T.V. jaraw films degradanti, jekk ma jagħrfux jikkontrollaw il-ġibdiet sesswali tagħhom fil-waqt, jekk jagħtuha għas-serq u għal-logħob ta' l-azzard, jekk il-gost tagħhom huwa s-sewqan perikoluż, jekk fil-"week-ends" jitbiegħdu minn djarhom u jmorru fejn ġie ġie, jekk igħaddu parti mil-lejl sas-sigħat bikrin ta' fil-għodu, fid-'discos' u fin-'nightclubs', u din il-lista tista' tibqa' sejra. Il-ġenituri li għandhom imqar l-iċken sens ta' responsabiltà, ma jistgħux jagħlqu għajnejhom quddiem din il-permessività, li tagħmel ħerba

mhux biss mill-ħajja nisranija taż-żgħażagħ, iżda wkoll mill-moralità tal-pajjiż. Barra minn hekk, kull min jixtieq il-veru ġid ta' pajjiżna u tal-ġenerazzjoni żagħżugħa, għandu jgħin b'kull mezz possibbli lill-ġenituri fil-ħidma edukattiva tagħhom.

— Nitolbu għall-paċi —

Grazzja oħra li nitolbu lill-Mulej bl-interċessjoni ta' l-Imqaddsa Omm Tiegħu, hija dik tal-paċi f'pajjiżna u fid-dinja. Fi tmiem l-ittra pastorali tas-26 ta' Lulju, 1975, kont irrikmandajt li jsir talb imħeġġeġ "lil Sidtna Marija mtellgħa fis-sema, sabiex f'din id-dinja bla paċi, itturmentata minn suspetti, firdiet, tilwim u mibegħda, għaliex iddgħajfet il-fidi u ntefa s-sens ta' mħabba u fraternità fi Kristu, Hija terġa' ġġib l-imħabba ħerqana fil-qlub tal-bnedmin." Il-ħtieġa ta' talb għall-paċi u għall-ftehim tinħass illum xejn inqas milli kienet ħdax-il sena ilu.

Iżda biex tinkiseb il-paċi, wieħed irid ikun lest li jagħmel xi sagrifiċċji, iħallas il-prezz tal-paċi. Mhix biżżejjed dik il-kwalità ta' paċi kif kienu jifhmuha l-imperaturi ta' Ruma, jiġifieri li min jiflaħ inqas ikollu jbaxxi rasu għal min jiflaħ iżjed. Aħna nixtiequ li jkollna l-paċi skond il-konċett nisrani, jiġifieri paċi li tkun mibnija fuq il-pilastri sħaħ li huma l-ħarsien tal-ġustizzja, ir-rispett reċiproku, il-verità, l-imħabba ta' l-aħwa u fuq kollox il-mħafra ta' l-egħdewwa li għallimna l-Imgħallem Divin tagħna. Kif josserva l-Kardinal Newman, bniedem għaqli u ta' karattru, waqt li jżomm iebes fuq dawk li huma prinċipji, ikun lest li jċedi u jitransiġi fuq ħwejjeġ ta' importanza sekondarja, u jissagrifika-

hom biex joħloq atmosfera ta' paċi. Meħtieġ imbagħad ħafna dixxerniment, sabiex wieħed jiddeċiedi, mingħajr iċ-ċpar tal-preġudizzju, x'inhu dak li għandu valur ta' prinċipju u dak li huwa biss dettal jew għandu valur sekondarju. Għandna napprezzaw sinċerament dak kollu li jwassal għar-rikonċiljazzjoni u paċi vera u l-ebda okkażjoni li toffri xi possibiltà li jiltaħaq dan il-għan, m'għandha titħalla tintilef fix-xejn.

Fuq kollox, in-nisrani konvint, għandu jkollu jidwu f'widnejh u fil-kuxjenza tiegħu, il-kelmiet qaddisa ta' Kristu: "Henjin dawk li jġibu l-paċi, għax huma jissejħu wlied Alla" (Mt 5. 9).

Fil-waqt li nissieħeb magħkom fit-talb lill-Madonna għall-ġid tal-familji tagħna u ta' pajjiżna, nagħtikom il-Barka Pastorali tiegħi.

7. IL-BIBBJA MINN IDEJN IL-KNISJA
(5 - 1 - 1987)

Għall-ħames darba se tiġi ċċelebrata fid-Djoċesi tagħna l-Ġimgħa Biblika, mit-12 sat-18 ta' Jannar, bis-suġġett **"L-Ewkaristija fil-Bibbja"**.

Mill-Konċilju Vatikan II 'l hawn kien hemm ħafna progress fl-imħabba lejn il-Bibbja u fil-qari tal-Kotba Mqaddsa. Ħafna qegħdin jagħmlu ħilithom biex jifhmu aktar il-qari li jkun hemm fil-Liturġija tal-Kelma, fil-Quddiesa. Ħafna oħrajn jaqraw ta' spiss u forsi ta' kuljum xi siltiet mill-Iskrittura Mqaddsa, u jimmeditawhom. Għandna għaliex inroddu ħajr lil Alla, li fil-kbar u fiż-żgħar tqanqal dan l-interess ġdid għall-Kelma Tiegħu.

Madankollu, jeħtieġ li nibqgħu ninsistu sabiex isir użu tajjeb mill-qari tal-Bibbja, li hija ħaġa hekk qaddisa għax tiġbor fiha l-messaġġ t'Alla lill-bnedmin ta' kull żmien. Tkun preżunzjoni jekk wieħed jaħseb li jista' jaqra l-Iskrittura u jitgħallem kollox waħdu mingħajr l-għajnuna ta' ħadd. Ikun żball li jista' jagħmel ħsara kbira lill-ħajja tal-fidi, jekk wieħed jippretendi li jaqra l-Bibbja bħal kwalunkwe ktieb ieħor, hekk li jifhimha u jfissirha kif jogħġob u jaqbel lilu. Il-Bibbja mhix ktieb

miktub b'inizjattiva privata u mħolli biex jinqara u jitfisser skond il-kurżità u d-devozzjoni ta' kull individwu li jiġi f'idejh.

Il-Bibbja ġiet miktuba b'ispirazzjoni t'Alla u afdata lill-Knisja, u din biss għandha l-jedd u setgħa li tagħtina t-tifsira vera u sħiħa tal-Kotba Mqaddsa. Nistgħu ngħidu li l-Bibbja hija l-ktieb tal-Knisja, għaliex il-Knisja għandha twettaq is-servizz li tħares il-Kotba Mqaddsa bħala teżor l-iktar prezzjuż u tara li xejn ma jitnaqqas jew jinbidel minnhom.

Mill-idejn tal-Knisja, aħna nirċievu l-Kotba Mqaddsa bħala Kelma t'Alla u hija wkoll permezz tat-tagħlim tagħha, tħarisna u żżommna 'l bogħod mill-qerq tal-kurżità żejda u tal-preżunzjoni, li jistgħu faċilment iwassluna biex indaħħlu ħsibijiet personali tagħna hekk li nżidu bla bżonn jew inbiddlu l-messaġġ ġenwin tal-Bibbja. Għalhekk għandna nifhmu l-Iskrittura Mqaddsa, skond is-sens u t-tifsir li tagħti l-Knisja u nħallu f'idejha biss id-dritt li tiddeċiedi b'mod awtorevoli liema hija l-interpretazzjoni ġenwina ta' l-Iskrittura.

Filwaqt li għamlu l-qalb lit-teoloġi u lill-istudjuż tal-Bibbja sabiex jiddedikaw iż-żmien u l-enerġija tagħhom għar-riċerki f'dan il-qasam, il-papiet ma naqsux li juruhom ukoll il-prinċipji ta' l-ermenewtika, jiġifieri l-mod kif għandu jsir it-tifsir tal-Kotba Mqaddsa, sabiex jiġu evitati l-iżbalji fit-tagħlim tal-fidi u tal-morali.

Meta tkellem dwar l-użu tajjeb tat-testi sagri, il-Kostituzzjoni "Dei Verbum" tal-Konċilju Vatikan II tgħidilna hekk: "Dawn għandhom ikunu mogħnija

b'mod sufiċjenti, bit-tifsir meħtieġ, biex ulied il-Knisja jkunu jafu sewwa, mingħajr biża' u bi profitt, l-Iskrittura Mqaddsa, u jimtlew bl-ispirtu tagħha" (n. 25).

Nixtieq hawnhekk intenni dak li kont ktibt fil-pastorali tiegħi "Il-Kelma t'Alla" ta' l-1973: "Il-qari tal-Bibbja huwa mod ta' talb; huwa bħal taħdita bejn Alla u l-bnedmin, għax 'meta nitolbu, aħna nitkellmu miegħu; meta naqraw il-Kelma t'Alla, aħna nisimgħu lilu' (S. Ambroġ, De Officis I, 20, 68). Huwa meħtieġ għalhekk li dan il-qari jsir bi spirtu ta' fidi, b'rispett kbir, b'rieda tajba u sinċiera u fuq kollox b'dik l-umiltà nisranija li biha nfittxu li nifhmu l-Iskrittura, unikament f'dak is-sens li bih Ommna l-Knisja tinterpreta l-Kotba Mqaddsa li f'idejha ġew afdati".

8. L-ATTWALITÀ TA' L-IRTIRI SPIRITWALI (1 - 2 - 1987)

Għaddew għaxar snin minn mindu ġie ppubblikat fid-29 ta' Jannar, 1977, l-ewwel dokument pastorali tas-Sinodu Djoċesan dwar "L-Irtiri Spiritwali".

Matul dan iż-żmien saru ħafna irtiri ta' kull għamla; irtiri bil-magħluq għal ħamest ijiem jew iktar, irtiri ta' ftit sigħat, 'directed retreats' jew irtiri tradizzjonali, irtiri għall-membri tal-kleru u rtiri għall-insara l-oħra. Kienu bosta wkoll in-nies li ħadu xi ġid spiritwali minn din l-esperjenza ta' rtiri, fosthom ġuvintur u xebbiet, professjonisti u nies tax-xogħol, ġenituri u saħansitra tfal. Huwa mixtieq li dan il-ġid spiritwali li jagħtu l-irtiri, ikompli jinkiseb anke fis-snin li ġejjin, u dejjem iktar bil-kotra.

Id-direttivi li hemm fid-dokument li semmejna b'xi tibdiliet li saru 'l hawn u 'l hemm, għandhom jibqgħu jiġu osservati anke fil-ġejjieni. Fuq kollox però, ta' min jagħti każ u jieħu bis-serjetà ċerti prinċipji li jissemmew f'dak id-dokument; għalhekk ser nerġa' ntennihom fil-qosor:

a) L-irtiri huma bħal ċenakli providenzjali, fejn

il-qlub ġenerużi, bil-qawwa tal-grazzja, jisimgħu leħen il-Mulej li jistedinhom isiru koperaturi fidili għall-fidwa tad-dinja, hu x'inhu l-istat tal-ħajja li fih qegħdin igħixu.

b) L-irtiri jistgħu jkunu mezz siewi sabiex l-Ispirtu s-Santu jkompli l-ħidma moħbija tiegħu fl-erwieħ.

c) Fl-atmosfera ta' l-irtir, in-nisrani jista' jagħti pass deċisiv 'il quddiem sabiex iġedded il-ħajja tar-ruħ tiegħu sa mis-sisien tagħha.

d) B'dak li wieħed jikseb mill-irtir, ikun jista' jagħti s-sehem tiegħu, ħalli tinbena dinja aħjar li fiha l-bnedmin igħożżu l-valuri spiritwali u jħarsuhom.

e) Jeħtieġ li f'irtir ikun hemm talb awtentiku, u titlob ifisser: taħseb, tiftakar, trid tixtieq... "titkellem bħal ħabib ma' ħabib ieħor, jew qaddej ma' l-imgħallem tiegħu", titlob xi grazzja, takkuża lilek innifsek minn xi ħtijiet, tikkomunika d-diffikultajiet tiegħek, titlob parir, fi kliem ieħor tidħol f'attività spiritwali — tħaddem l-intelliġenza u l-volonta".

— **Lejn qdusija awtentika** —

Il-ħajja nisranija tagħna tkun wisq fqira u magħluqa, jekk nikkuntentaw biss li ma nwettqux inġustizzji, diżonestajiet u li ma ngħidux dagħa u malafami. Għandna l-obbligu li nevitaw l-egħmejjel tad-dnub u li nħarsu l-Kmandamenti tal-Mulej, iżda l-ħajja nisranija hija wisq aktar minn daqshekk. Jeħtieġ li nsaħħu fina l-fidi, it-tama u l-karità, li l-

Ispirtu s-Santu jqanqal fi qlubna. Jeħtieġ li nħallu l-Ispirtu s-Santu jaħdem fir-ruħ tagħna u nikkoperaw miegħu sabiex nikbru fil-qdusija awtentika. Għal dan għandha twassal il-ħajja nisranija jekk neħduha bis-serjetà, u għall-istess għandhom jiswew bħala għodda l-iżjed prezzjuża l-irtiri spiritwali. Bir-raġun kollu, għalhekk, id-dokument imsemmi jinnota li "Għal-lajċi ordinaji, l-irtiri jiswew ta' spinta għall-ħajja verament nisranija jew ta' konverżjoni. Għal-lajċi mpenjati l-irtiri jservu ta' skola għall-formazzjoni spiritwali iktar profonda" (32a).

Jalla din l-attività ta' l-irtir spiritwali tissaħħaħ u ssir dejjem aħjar fid-djoċesi tagħna, sabiex ikollna nsara dejjem iktar maturi u disponibbli għall-ħidma tas-saltna.

9. IS-SENS NISRANI TAL-FESTI
(28 - 3 - 1987)

Fid-19 ta' Marzu, 1977, ħareġ id-Dokument Pastorali tas-Sinodu dwar "Is-Sens Nisrani tal-Festi". F'dak id-dokument ingħataw xi direttivi u suġġerimenti kemm dwar il-preparazzjoni kif ukoll dwar iċ-ċelebrazzjoni tal-festi ta' ġewwa u ta' barra li jsiru ta' kull sena fil-parroċċi u f'xi knejjes oħra tagħna. Issa li diġà għaddew għaxar snin minn meta ħarġu dawn id-direttivi, inħoss li għal darb'oħra għandi nappella lill-Kleru u lil-lajċi sabiex isegwu mill-aħjar li jistgħu d-direttivi kollha dwar il-festi, anke dawk li hemm iktar riċenti mid-dokument isemmi. Hekk nifhmu u nwettqu aħjar it-tifkira ġenwina tal-festi nsara u nneħħu minnhom dawk l-elementi negattivi li b'xi mod jipprofanawhom jew itellfu l-qdusija tagħhom. Fuq kollox il-festa titulari għandha sservi biex tgħaqqad iktar il-parroċċa u qatt biex toħloq tensjonijiet u firdiet ġodda.

Barra minn hekk, id-dokument imsemmi jagħtina katekeżi dwar il-festi nsara li tiswa ħafna għaż-żgħar u l-kbar. Fil-ktieb ta' l-Esodu naqraw li Mosè u Aron marru għand il-Fargħun ta' l-Eġittu u qalulu: "Hekk igħid il-Mulej, Alla ta' Iżrael: 'Ħalli l-poplu tiegħi jitlaq u jagħmilli festa fid-deżert'." Mhux biss fir-reliġjon Lhudija tar-Rabta l-Qadima,

iżda fir-reliġjonijiet kollha, il-festa hija element essenzjali tal-kult u tal-qima lil Alla. Fir-Reliġjon Nisranija, il-festi jiġu ċċelebrati qabel xejn biex ifakkru l-istorja tas-Salvazzjoni u l-ġrajjiet tal-ħajja ta' Kristu, li tilħaq il-quċċata tagħha fil-misteru ta' l-Għid bil-mewt, irxoxt u tlugħ fis-sema tal-Mulej.

— **Orjentament Kristoċentriku** —

Il-festi f'ġieh il-qaddisin huma parti jew aspett mill-qima li aħna obbligati nagħtuhom bħala ħbieb t'Alla u rifless tal-qdusija ta' Kristu. Għalhekk dawn il-festi għandu jkollhom orjentament Kristu-Ċentriku; jiġifieri, għall-inqas indirettament għandhom ifakkruna fi Kristu li minn għandu l-qaddisin kisbu qdusithom u l-kobor tagħhom; għandhom iressquna wkoll Lejh, billi jħajruna nixbhuh fil-perfezzjonijiet tiegħu. Il-festi huma okkażjoni tajba sabiex l-insara mimlijin b'ferħ spiritwali, jiżżuħajr lil Alla u bl-interċessjoni tal-qaddis jew qaddisa, jitolbuh il-grazzji li jkunu jeħtieġu.

Iċ-ċelebrazzjoni tal-festa hija għamla ta' talb, li fiha l-bniedem, bi spirtu komunitarju ma' sħabu l-oħra ta' l-istess belt jew raħal, jiftakar f'Alla u fil-qaddisin tiegħu u jroddilhom qima. Forsi fost l-għamliet kollha ta' talb, din hija l-aktar waħda elementari u primittiva, iżda huwa ċert li f'kull festa reliġjuża ftit jew wisq ikun hemm din l-esperjenza ta' laqgħa ma' Alla.

Nispera li kulħadd jagħti l-koperazzjoni tiegħu sabiex il-festi reliġjużi jibqgħu festi awtentikament insara u jilħqu l-iskop ewlieni tagħhom li jqanqlu qawmien spiritwali fil-poplu t'Alla.

10. RISPETT LEJN IL-ĦAJJA TAL-FAMILJA
(6 - 7 - 1987)

Il-messaġġ li l-Papa Ġwanni Pawlu II ta lilna l-Isqfijiet Maltin, fl-okkażjoni taż-żjara tagħna "ad limina" fl-4 ta' Ġunju, 1987, fih diversi punti li jistħoqqilhom jiġu miflija bir-reqqa u għalhekk ikun meħtieġ li nagħtuhom l-attenzjoni tagħna kemm fil-laqgħat li jsiru kif ukoll permezz ta' ittri ċirkolari oħra barra minn din.

— **Il-familja f'pajjiżna** —

Għal-lum nixtieq nieqaf fuq dak li jgħallimna dwar il-familja li "għandha sehem importanti kemm bħala 'knisja domestika', kif ukoll bħala ċellula primarja tas-soċjetà." Il-mod kif igħixu l-familji nsara jagħti xhieda tat-tifsira vera ta' l-imħabba, dedikazzjoni, servizz, djalogu, ħlusija, attenzjoni għall-ġid komuni u tant veritajiet fundamentali dwar il-ħajja li llum huma mhedda mill-materjaliżmu, mill-konsumiżmu u mill-għatx għall-pjaċir".

Il-Papa wera x-xewqa li Malta tibqa' dejjem xempju għar-rispett tagħha lejn il-ħajja tal-familja, iżda ma naqasx li jindikalna l-perikli li jhedduha u qawwilna qalbna biex inkomplu naħdmu għall-evanġelizzazzjoni tal-familji kemm permezz ta'

thejjija xierqa għaż-żwieġ kif ukoll billi ngħinuhom jegħlbu l-isfidi li jiltaqgħu magħhom.

Kulħadd jaf li f'pajjiżna hawn ħafna familji tajbin u ta' dan inroddu ħajr lil Alla. Iżda ħadd ma jaf kif ser ikunu l-familji ta' għada. Ħafna jiddependi mid-drawwiet li jkollhom u mill-għażliet li jagħmlu ż-żgħażagħ tal-lum, u biex inkunu realistiċi, jeħtieġ nammettu li hemm bosta tfixkil għaż-żgħażagħ li jixtiequ sinċerament igħixu bl-onestà.

F'ċerti ambjenti teżisti qisha atmosfera li toħloq fiż-żgħażagħ ċertu sturdament u ċċajpar il-viżjoni tal-ħajja tagħhom. Xi drabi l-immoralità mhux biss titwettaq fil-berah u bla mistħija, iżda ssib ukoll min jiddefendiha bħallikieku kienet xi bravura. Il-passjonijiet taż-żgħażagħ huma bumbardati mhux biss b'films u bi stampi oġġezzjonabbli, iżda wkoll bi kliem u b'imġieba skandaluża. Matul is-sena kollha, iżda forsi iktar fis-sajf, ċerti lokali tax-xalar iffrekwentati miż-żgħażagħ u anke minn dawk li m'għadhomx żgħażagħ, ma jixirqu xejn lil min iġib l-isem ta' nisrani u ma jgħinu b'ebda mod fil-formazzjoni ta' karattru sod, li huwa garanzija tal-familji tajbin fil-ġejjieni. Ta' min joġġezzjona wkoll għall-użu esaġerat tax-xorb alkoħoliku, li f'ċerti ndividwi jista' jsir vizzju, li minnu l-fejqan huwa diffiċli.

— **Drogi u pornografija** —

Għal darb'oħra nixtieq mhux biss nikkundanna apertament l-abbużi tad-droga, iżda nitlob ukoll il-koperazzjoni ta' kulħadd sabiex jinqerdu darba għal dejjem il-produzzjoni u t-traffikar tagħha, ħalli ma

tkomplix issir ħsara irreparabbli għas-saħħa u għall-moralità ta' tant żgħażagħ.

Fuq kollox huma ta' min jikkundannahom bil-ħaqq kollu dawk li jisfruttaw l-istinti taż-żgħażagħ biex jagħmlu profitti minn fuqhom. Hawnhekk intenni dak li għidt fil-Pastorali ta' l-10-2-1977 dwar il-Ħin Liberu: "Ma rridux ninsew imbagħad li mhux fil-ħajja tax-xogħol biss, iżda anke fil-ħin liberu hemm il-periklu ta' l-isfruttament. Anzi, fil-waqt li fejn jidħlu r-relazzjonijiet industrijali, il-leġislazzjoni soċjali u l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema għamlu progress kbir u waslu biex inaqqsu ħafna dan l-isfruttament, ma jidhirx li qed jittieħdu passi effikaċi biex jonqos l-isfruttament f'dak li jirrigwarda l-ħin liberu. U dan in-nuqqas jinħass anke f'dawk il-pajjiżi li jridu jissejħu ċivilizzati. Anke fihom jeżistu spekulaturi bla kuxjenza, li jisfruttaw il-ġibdiet għall-pjaċir sesswali ta' l-oħrajn u taħt għamla ta' pornografija jew spettakli immorali, joffrulhom bi prezz elevat divertimenti li jagħmlu l-ħsara fir-ruħ u jbaxxu l-bniedem". (Kelma tar-Ragħaj, Vol. II paġ 131-132).

Nagħlaq din ir-riflessjoni pastorali billi nagħmel sejħa liż-żgħażagħ u lill-ġenituri tagħhom: Jekk nixtiequ li anke fil-ġejjieni jkollna familji mill-aħjar, ejjew noħolqu għaż-żgħażagħ tagħna ambjenti moralment nodfa fejn ikunu jistgħu jaħdmu jew jiddevertu mingħajr perikli serji għall-ħajja spiritwali tagħhom. Min jirrispetta tabilħaqq liż-żgħażagħ, m'għandux jonqos li jagħtihom l-għajnuna kollha possibbli biex iħarsu l-valuri nsara u jkollhom il-paċi tal-kuxjenza.

11. IL-KATEKEŻI
(12 - 9 - 1987)

Kif hemm imħabbar fil-Kalendarju tad-djoċesi tagħna għas-sena Pastorali Liturġika li qegħdin fiha, nhar il-Ħadd, 27 ta' Settembru għandu jiġi ċċelebrat "JUM IL-KATEKIŻMU". Fl-imgħoddi kellimtkom ħafna drabi dwar il-ħtieġa ta' l-apostolat kateketiku, anke permezz ta' diversi ċirkularijiet. Però jixraq li nfakkarkom f'din il-ħtieġa waqt li ma ninsewx dak li qalilna l-Papa stess fil-messaġġ tiegħu lill-Isqfijiet Maltin, "Il-kontenut tal-Katekeżi, bħal fil-predikazzjoni, għandu jkun imsejjes fis-sod fuq il-kelma rivelata ta' Alla u jkun dejjem jaqbel mat-tagħlim awtentiku tal-Knisja; għandu wkoll jirrifletti l-għarfien ta' dawk l-iżviluppi sodi li llum qed iseħħu fl-istudji bibbliċi, teoloġiċi u liturġiċi. Il-mod kif titwassal għandu jkun tassew effettiv biex jaqdi ħtiġijiet ta' dawk li lejhom hi indirizzata".

Ta' min jinnota b'sodisfazzjon, li l-attendenza tat-tfal għal-lezzjonijiet tad-Duttrina li jiġu organizzati fil-parroċċi, u mill-Għaqdiet Kattoliċi hija tajba ħafna. It-thejjija tat-tfal għall-Ewwel Qrara, l-Ewwel Tqarbina u għall-Griżma ta' l-Isqof, bħala regola, titwettaq b'serjetà kbira. Nistgħu ngħidu li l-

Kummissjoni Kateketika, il-Kumitati Parrokkjali tad-Duttrina u fuq kollox il-Katekisti qegħdin jaħdmu ħafna f'dan il-kamp u jistħoqqilhom kelma ta' radd il-ħajr u inkoraġġiment. Huma ta' min ifaħħarhom ukoll il-ġenituri li jagħtu importanza lit-tagħlim tad-duttrina iktar minn kull tagħlim ieħor u jieħdu ħsieb li wliedhom jieħdu dan it-tagħlim kemm fl-iskejjel kif ukoll fil-lezzjonijiet tal-katekiżmu tal-parroċċa.

— Għall-kategoriji kollha —

Bla ma nittraskuraw xejn mit-tagħlim reliġjuż tat-tfal, jeħtieġ li fl-istess waqt nagħmlu nsistenza fuq il-katekeżi taż-żgħażagħ u tal-kbar. Sa mis-sena 1970, il-Kummissjoni Kateketika Djoċesana, ħasbet biex fil-parroċċi jsir kors ta' konferenzi għal kull kategorija: jiġifieri żgħażagħ (ġuvintur u xebbiet), u ġenituri (missirijiet u ommijiet). Dawn il-laqgħat huma importanti għaliex "kull nisrani li jrid jibqa' sħiħ fil-Fidi tiegħu, jeħtieġ it-tagħlim ta' Kristu u tal-Knisja; u fi żminijietna tagħlim bħal dan huwa meħtieġ wisq iżjed minn żminijiet oħra". (Ċirkulari 45/70). Huwa ovvju li t-tagħlim jista' jingħata anki b'mezzi oħra bħal ma huma ċ-ċelebrazzjoni tal-Kelma t'Alla, il-qari, u x-Xandir Reliġjuż; iżda fl-ambjent tagħna għandna nħossu li dawn il-laqgħat tal-kategoriji jistgħu jkunu utli ħafna għall-formazzjoni kontinwata ta' l-insara.

Għall-adoloxxenti u ż-żgħażagħ, il-katekeżi hija parti mill-proċess ta' l-edukazzjoni tagħhom fil-fidi. Hija għandha titfa' d-dawl tal-messaġġ nisrani fuq il-problemi li jinteressawhom l-iktar f'dak il-perjodu tal-ħajja tagħhom, bħal ma huma l-problemi ta' l-

imħabba u tal-familja, ix-xogħol, il-ħin liberu, il-ġustizzja u l-paċi, eċċ. Barra mid-dimensjoni orizzontali, il-messaġġ kateketiku jeħtieġ li jkollu dimensjoni vertikali wkoll, hekk li ż-żgħażagħ jagħrfu dejjem aħjar il-valuri reliġjużi u jiskopru t-tifsira tabilħaqq nisranija tal-ħajja, sabiex f'kollox jorjentaw ruħhom lejn Alla.

Bħala metadoloġija ta' min jirrikmanda li jkun hemm mhux biss priedki jew konferenzi iżda wkoll id-diskussjonijiet fi gruppi, taħt it-tmexxija tal-persuni li għandhom preparazzjoni għal din l-għamla ta' appostolat.

Rigward il-katekeżi tal-kbar, nixtieq intenni dak li hemm fiċ-ċirkulari 200/82: "Il-membri kollha tal-poplu t'Alla għandhom bżonn kontinwament li jisimgħu l-kelma ta' Alla biex jikbru u jissaħħu fil-fidi tagħhom. Hija meħtieġa mela, għal kulħadd, formazzjoni kontinwata. Dan ifisser li l-katekeżi għandha tingħata mhux biss liż-żgħar u liż-żgħażagħ, iżda wkoll lill-kbar, b'metodi adatti għall-mentalità ta' min jirċeviha."

Fit-Tielet Kungress Pastorali Djoċesan ta'l-1985, kienet tressqet il-proposta "li għal tliet snin sħaħ fid-djoċesi, f'kull quddiesa ta' nhar ta' Ħadd, issir omelija katekistika fuq programm stabbilit li jkollu rabta mal-liturġija tal-Ħadd. B'hekk matul tliet snin, il-massa kollha tal-fidili jisimgħu fuq it-temi ewlenin kollha tar-reliġjon".

Huwa pjaċir tagħna nħabbrulkom li din il-proposta se tibda titwettaq mill-Ewwel Ħadd ta' l-Avvent, 29 ta' Novembru li ġej.

12. IĊ-ĊENTINARJU TAL-MEWT TA' SAN ĠWANN BOSCO (27 - 12 - 1987)

Matul is-sena se jiġi mfakkar l-ewwel ċentinarju mill-mewt ta' Don Bosco. Difatti huwa miet fil-belt ta' Turin fil-31 ta' Jannar, 1888. Don Bosco kien qassis li ddedika ruħu għall-apostolat fost iż-żgħażagħ. Kien ukoll il-Missier spiritwali tal-patrijiet sależjani u tas-sorijiet ta' Marija Awżiljatriċi, li f'diversi artijiet għadhom iwettqu l-ħidma apostolika mibdija minnu. Jixraq li f'pajjiżna wkoll nissieħbu ma'l-ulied spiritwali ta' Don Bosco biex niċċelebraw iċ-ċentinarju ta' mewtu.

F'dan il-qaddis li ma huwa xejn inqas popolari fi żmienna milli kien matul ħajtu, aħna nammiraw l-attività tiegħu bla waqfien, iżda fuq kollox l-ideali għolja tiegħu. Anke l-insara tas-seklu tagħna minn Don Bosco jistgħu jieħdu tagħlim siewi għall-ħajja ta' ruħhom.

Minn meta sar qassis, Don Bosco medd għonqu għal ħidmiet apostoliċi kbar mingħajr ma beża' minn ebda sagrifiċċju jew tbatija. It-tagħlim tal-Katekiżmu lit-tfal u liż-żgħażagħ, il-priedki, l-amministrazzjoni tas-sagramenti tal-Qrar u

Tqarbin, id-direzzjoni spiritwali, kienu parti mill-programm tiegħu ta' kuljum. Il-ħajja apostolika tiegħu kienet tidher fl-aqwa tagħha fl-Oratorji li fetaħ, sabiex jiġbor fihom iż-żgħażagħ neqsin mit-tagħlim. Inqeda wkoll b'kitbiet ta' kull għamla biex iwassal il-messaġġ nisrani anke lill-kbar. Għal kollox kien isib ħin biżżejjed, imma l-mumenti li l-iktar kienu għal qalbu kienu dawk li fihom jinġabar biex jimmedita u jaħseb f'Alla.

— **L-ideal ewlieni tiegħu** —

L-ideal ewlieni tiegħu kien dak li jagħti glorja lill-Mulej u li jikkopera miegħu għall-fidwa ta' l-erwieħ. Don Bosco stqarr li "l-uniku għan ta' l-Oratorju huwa li jsalva l-erwieħ" (Memorie Biografiche di D. Giovanni Bosco, Vol IX pag 215).

Lill-ewwel missjunarji tiegħu qalilhom: "Dan huwa l-ewwel skop tal-vjaġġ tagħkom, li tfittxu li ssalvaw ħafna erwieħ" (Memorie XI, 464). Għalhekk il-motto li għażel mill-bidu għall-Oratorji tiegħu kien: "Agħtini l-erwieħ u ħudli l-bqija".

Ix-xewqa ta' Don Bosco li jsalva l-erwieħ, bħal dik ta' Kristu, kienet imħeġġa u tħaddan lil kulħadd. Iżda huwa kellu attenzjoni ikbar għall-bnedmin li kienu aktar foqra mill-oħrajn li s-soċjetà twarrabhom u tpoġġihom fil-ġenb. Fuq kollox xtaq jiġbed lejh l-erwieħ tat-tfal u ż-żgħażagħ biex iwassalhom għand Kristu. Kien imur ifittixhom mhux biss fil-pjazez u fit-toroq iżda saħansitra fil-ħabsijiet. Bil-metodu preventiv li fuqu kien imexxi l-opra edukattiva tiegħu, Don Bosco rnexxielu jaħtaf ħafna żgħa-

żagħ mill-perikli ta' l-għażż u tal-vizzji u jagħmel minnhom ċittadini onesti u nsara eżemplari.

— **Il-Madonna, Għajnuna ta' l-Insara** —

Ma setax jonqos li bħala alleata setgħana tiegħu fit-tħabrik għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ, Don Bosco kellu lill-Madonna, għajnuna ta' l-insara. Lilha waqqaf tempju mill-isbaħ ġewwa Turin. Qalbu kienet ħuġġieġa ta' mħabba lejn din l-Omm tas-sema u rnexxielu jkebbes xrara ta' din id-devozzjoni fil-qlub ta' dawk kollha li kienu qrib tiegħu.

Fl-istess żmien li qegħdin niċċelebraw is-Sena Marjana, nitfgħu ħarsitna fuq Don Bosco u minnu nitgħallmu kif għandha tkun il-qima tagħna lejn il-Verġni Mqaddsa. L-eżempju tal-ħajja qaddisa tiegħu kemm għall-membri tal-kleru, kif ukoll għar-reliġjużi u l-lajċi, huwa stedina u sejħa sabiex bla ma nintelqu, inwettqu bil-għaqal l-apostolat afdat lilna, għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ.

13. IL-75 ANNIVERSARJU TAL-KUNGRESS EWKARISTIKU INTERNAZZJONALI (30 - 5 - 1988)

Iktar minn darba, fis-snin li għaddew, ħassejt il-ħtieġa li bil-kelma u bil-kitba nsaħħaħ fikom il-qima lejn Ġesù Ewkaristija; iżda fuq dan is-suġġett qatt ma nkunu għidna biżżejjed u nagħmlu x'nagħmlu qatt ma nistgħu naslu biex lil Kristu Ewkaristiku nħobbuh u nqimuh kemm tabilħaqq jistħoqqlu.

— It-teżor ta' l-Ewkaristija —

Għal darb'oħra, ġiet l-okkażjoni li nagħmlilkom stedina biex tgħożżu t-teżor infinit ta'l-Ewkaristija. Kif tafu għaddew 75 sena minn mindu ftit qabel l-Ewwel Gwerra Dinjija tas-seklu tagħna, fl-1913, ġie ċċelebrat f'Malta l-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali. Okkażjoni bħal din għandna nqisuha bħala grazzja u sejħa ġdida biex inżommu tixgħel f'qalbna l-imħabba lejn il-misteru ta' l-Ewkaristija.

Din l-imħabba tintwera fl-imġiba tagħna esterna u għalhekk ma nistgħux ma nfaħħrux ċerti drawwiet qaddisa li jagħmlu ġieh lill-poplu nisrani ta'dawn il-ġżejjer. Huwa dmir tagħna li waqt li qegħdin infakkru dak il-Kungress Ewkaristiku, insebbħu u ntejbu dak kollu li huwa xhieda ta' qima awtentika lejn l-Ewkaristija.

Se nsemmi biss l-atti ta' qima ewlenin, u nibda bis-sehem fis-Sagrifiċċju tal-Quddiesa. Il-Konċilju Vatikan II u l-istruzzjonijiet dwar il-Liturġija li ħarġu warajh, igħallmuna x'għandna nagħmlu biex l-attendenza għall-Quddiesa tħalli fina frott spiritwali. Hija xewqa tal-Knisja li waqt is-sagrifiċċju Ewkaristiku, l-insara "ma jkunux għal dan il-misteru tal-fidi bħallikieku barranin jew iħarsu siekta, iżda waqt li jifhmuh tajjeb permezz tar-riti u t-talb tiegħu, jieħdu sehem li jifhmuh, sehem qaddis u ħaj fl-azzjoni Mqaddsa" (Sacr. Conc. n. 48). Huma għandhom jitgħallmu wkoll iroddu ħajr u joffru lilhom infushom lil Alla, flimkien ma' Kristu, sabiex hekk isaħħu l-għaqda tagħhom miegħu u bejniethom.

Dawk li fil-kuxjenza tagħhom iħossu li m'għandhomx dnubiet gravi u għalhekk huma fil-paċi m'Alla, jagħmlu ħaġa sewwa jekk jersqu jitqarbnu, wara thejjija xierqa u ma jinsewx biex wara t-tqarbin iroddu ħajr lil Alla.

— Qima barra mill-Quddiesa —

Il-qima lejn l-Ewkaristija tintwera wkoll barra mill-Quddiesa. Qatt ma nistgħu nirrikmandaw biżżejjed l-Ora Santa jew l-adorazzjoni lil Kristu preżenti fl-Ostja Mqaddsa, u l-Viżti lil Ġesù Sagramentat li jistgħu jsiru kemm fi gruppi kif ukoll kull wieħed għal rasu. Hija x-xewqa tagħna li għadd sabiħ ta' nsara ta' kull filgħaxija jkunu preżenti għall-Benedizzjoni Ewkaristika, kif ukoll jixraq li għall-inqas darba jew darbtejn fis-sena, f'kull parroċċa ssir il-purċissjoni ewkaristika bl-ikbar

solennità possibbli. Dawn huma xi ftit mill-atti ta' qima lejn Ġesù fl-Ewkaristija, li fl-imgħoddi swew ħafna sabiex iżommu ħajjin fil-poplu tagħna, il-fidi u l-imħabba lejh.

Nittamaw li bil-koperazzjoni ta' kulħadd, speċjalment tal-ġenituri u ta' l-edukaturi l-oħra, anke fil-ġenerazzjonijiet li telgħin, ir-rispett u d-devozzjoni lejn Kristu fis-Sagrament ta' mħabbtu ma jiddgħajfux, iżda jikbru u jissaħħu dejjem iżjed.

1. ĠUBLEW TAD-DEHEB TA' L-ORATORJU
(27 - 3 - 1984)

Ħamsin sena ilu, il-mibki Dun Pawl Micallef, ispirat mill-idejali ta' San Ġwann Bosco, fetaħ fil-Belt Victoria, l-ewwel oratorju għat-tfal u għaż-żgħażagħ. Din l-okkażjoni se tiġi mfakkra b'ċelebrazzjonijiet speċjali u jixirqilha l-attenzjoni ta' l-insara tad-djoċesi tagħna.

Dun Pawl Micallef kien wieħed mill-għadd sabiħ ta' saċerdoti Għawdxin, li ddedikaw ħajjithom u l-enerġiji tagħhom għall-ġid spiritwali tal-poplu t'Alla f'din il-gżira. Huwa xieraq li nies bħal dawn, ma jibqgħux minsija: il-ħidmiet imħeġġa u sagrifiċċji moħbija tagħhom jeħtieġ li jkunu magħrufa u apprezzati aktar.

Barra minn hekk, l-eżempju ta' Dun Pawl huwa xhieda bil-fatti ta' kemm il-Knisja tinteressa ruħha sinċerament fl-edukazzjoni integrali tat-tfal u taż-żgħażagħ. L-Oratorju "Don Bosco" joffrilhom mhux biss tagħlim reliġjuż u formazzjoni spiritwali, iżda wkoll rikreazzjoni onesta li ssaħħaħ il-karattru tagħhom.

Waqt li niċċelebraw il-Ġublew tad-Deheb ta' l-Oratorju, nitolbu lill-Mulej biex iseddaq il-ħidma ta' dawk kollha li jiddedikaw ruħhom għall-formazzjoni nisranija tal-ġenerazzjoni żagħżugħa.

2. TIĠDID TAL-KONSAGRAZZJONI TAL-PARROĊĊI
(24 - 5 - 1984)

Kif kien ordnat fiċ-ċirkulari 53/71 u ċirkulari oħra li ħarġu wara, fl-għeluq tax-xahar ta' Mejju għandu jsir it-tiġdid ta' l-Att ta' Konsagrazzjoni tal-parroċċa lill-Qalb Safja ta' l-Imqaddsa Verġni Marija.

Jeħtieġ però li din il-konsagrazzjoni ma tkunx sempliċement funzjoni ta' darba fis-sena, li tinżamm fil-parroċċi għax hekk hi d-drawwa. Hemm bżonn li l-insara li jagħmlu din il-konsagrazzjoni jimpenjaw ruħhom serjament li jwettqu d-dmirijiet reliġjużi taġħhom ta' kuljum fuq l-eżempju ta' l-omm tagħna Marija Santissima, u taħt il-ħarsien tagħha.

Jixraq għalhekk li fit-tlett ijiem ta' qabel din il-funzjoni, fil-parroċċi jingħata xi tifsir dwar il-Konsagrazzjoni lill-Madonna, u l-insara jiġu mħeġġin biex jieħdu sehem fiha, ippreparati kif imiss.

Għandna nkunu perswaži li d-devozzjoni awtentika lejn il-Madonna hija triq żgura li twassalna biex nagħrfu, inħobbu u nobdu aħjar lil Kristu.

3. IL-QIMA LEJN IL-MADONNA TA' PINU
(31 - 5 - 1984)

Is-sena l-oħra, fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjoni taċ-Ċentinarju tad-Dehra ta' Pinu, fil-jum tat-22 ta' Ġunju, minn fil-għodu kmieni sa tard bil-lejl, eluf ta' Għawdxin marru jżuru lis-Santwarju u taw qimithom lill-Imqaddsa Verġni Marija.

Hija x-xewqa tiegħi u ta' ħafna oħrajn li din ix-xhieda ħajja tal-qima tagħna lejn il-Madonna tirrepeti ruħha ta' kull sena fil-jum għażiż tat-22 ta' Ġunju. B'dan il-mod nitħeġġu dejjem iżjed f'imħabbitna lejn l-omm tagħna tas-Sema. Barra minn hekk, nerġgħu niftakru fil-messaġġ li wasslitilna mis-Santwarju tagħha li huwa messaġġ ta' penitenza f'għaqda ma' Kristu li tgħabba bis-salib għall-maħfra ta' dnubietna u messaġġ ta' tama fil-qawmien mill-mewt biex nissieħbu fil-glorja ta' Kristu rxoxtat u ta' l-omm tiegħu mtellgħa fis-sema.

Nistedinkom għalhekk li tieħdu sehem fil-funzjonijiet li jsiru fis-Santwarju ta' Pinu jew f'dik ta' fil-għodu, li fiha tiġi reċitata s-Supplika, jew f'dik ta' fil-għaxija.

Nirrikmanda wkoll f'dan il-jum il-pellegrinaġġi devoti għas-santwarju sew mill-familji kif ukoll minn gruppi ta' nsara.

Fil-parroċċi kollha, matul il-jum, tiġi ċċelebrata għall-inqas darba l-Quddiesa tal-Madonna ta' Pinu,

kif tinsab fis-Sagramentarju Malti paġna 953. Fil-għaxija qabel it-Te Deum ta' ringrazzjament tiġi reċitata s-supplika tal-Madonna ta' Pinu, li dan l-aħħar ġiet riveduta, sabiex tkun aktar adattata għall-okkażjoni li fiha tingħad.

Kif kien ordna l-Isqof ta' qabli, Mons. Ġużeppi Pace, fiċ-ċirkulari tiegħu tal-11 ta' Ġunju, 1945, il-qniepen tad-djoċesi fil-jum stess tal-festa tal-Madonna ta' Pinu fil-ħin tal-10.30 a.m. għal żmien kwarta, jakkompanjaw is-supplika u t-Te Deum li jitkanta fl-istess Bażilika.

Huwa xieraq ukoll li f'jum il-festa u f'lejlietha jkun hemm mixgħela tal-knejjes.

Nieħu wkoll din l-okkażjoni sabiex infakkar lill-kappillani u lil kull min hu interessat li sa mit-22 ta' Ġunju, 1970, ġiet imwaqqfa l-Pia Unjoni tal-Madonna ta' Pinu. Fost għanijiet oħra għandha dak li titlob u taħdem għar-rikonċiljazzjoni. Iktar tagħrif dwar din il-Pia Unjoni jista' jinkiseb miċ-Ċentru tal-Kultura Marjana, li hemm quddiem il-Bażilika ta' Pinu.

4. IT-TIELET ĠIMGĦA BIBLIKA (9 - 1 - 1985)

Minn nhar it-Tnejn, 14 ta' Jannar, sa nhar il-Ħadd, 20 tax-xahar, se tiġi ċċelebrata fid-djoċesi

tagħna t-**Tielet Ġimgħa Biblika** li ser ikollha bħala suġġett ewlieni tagħha "Is-Siġill ta' l-Ispirtu s-Santu" li jingħata fil-Konfermazzjoni.

Il-għan tal-Ġimgħa Biblika huwa dak li jħajjar lill-insara sabiex jagħmlu ħilithom ħalli l-messaġġ ta' l-Iskrittura Mqaddsa, isir aktar familjari għalihom.

F'okkażjoni bħal din, ma jistax jonqos li ssir sejħa mħeġġa lill-insara kollha sabiex jieħdu d-drawwa li jaqraw personalment ta' spiss u forsi wkoll ta' kuljum, xi siltiet mill-Kotba Mqaddsa. Din is-sejħa, tista' tintlaqa' u titwettaq iktar faċilment issa li ġiet ippubblikata u mqassma l-Bibbja bil-Malti f'volum wieħed.

Il-Knisja tixtieq li jsir dan il-qari personali tal-Bibbja sabiex l-insara jagħrfu aħjar lil Kristu u jikbru f'imħabbtu kif iwissina San Pawl: "B'hekk tkunu tistgħu tifhmu, flimkien mal-qaddisin kollha, x'inhu l-wisa' u t-tul, il-għoli u l-fond ta' l-imħabba ta' Kristu; tagħrfu kemm din l-imħabba ta' Kristu tisboq kull għerf, biex timtlew bil-milja kollha ta' Alla" (Efes 3:18-19).

Barra minn hekk, huwa fatt magħruf li l-fidi tiddgħajjef u tibred il-ħeġġa nisranija f'min ma jitlobx u ma jiddedikax xi ħin matul il-jum għall-ħsibijiet spiritwali. Però, wisq iżjed milli f'kotba oħra, l-insara jsibu fl-Iskrittura Mqaddsa, ispirata minn Alla, dawl li jsaħħaħ il-fidi tagħhom u li jmexxihom fit-toroq imwiegħra tal-ħajja.

Huwa rrikmandat ħafna għalhekk il-qari

għad-Djoċesi tagħna, kif ukoll biex jingħata bidu għat-thejjija tat-Tieni Sinodu t'Għawdex. Iktar tard ġiet milqugħa l-proposta li dan il-Kungress isir kull ħames snin u għalhekk sar ukoll fl-1980.

Din is-sena, il-Kungress Pastorali jibda f'Għid il-Ħamsin, 26 ta' Mejju, u jitkompla fit-tlett ijiem ta' wara, 27, 28 u 29 tax-xahar, fuq programm li jiġi mxandar iktar 'il quddiem. Is-suġġett li se jiġi studjat fil-laqgħat tal-Kungress huwa: "Iż-Żgħożija tal-Knisja: għoxrin sena wara l-Konċilju".

Wara li ġew ippubblikati d-Dokumenti Pastorali tas-Sinodu Djoċesan kif ukoll l-abbozz tad-digriet tiegħu u wara li saru magħrufa l-Pjan Kateketiku u l-Pjan Liturġiku għad-djoċesi t'Għawdex, jixraq li jsir studju biex naraw fejn wasalna fit-twettiq tagħhom. Barra minn hekk, huwa mistenni li fil-Kungress jitressqu proposti siewja li jgħinu sabiex tissaħħaħ il-ħajja nisranija, speċjalment b'ħidmiet ta' evanġelizzazzjoni fost il-ġenerazzjoni żagħżugħa.

Sabiex il-Kungress Pastorali jkollu s-suċċess mixtieq hemm bżonn mhux biss il-koperazzjoni intelliġenti tal-membri tal-Kleru u tal-lajċi li jieħdu sehem fih, iżda meħtieġ ukoll li l-insara kollha tad-djoċesi tagħna jieħdu interess fih u jitolbu l-Mulej biex iseddaq il-ħidmiet tiegħu. Għalhekk, mil-lum sa meta jintemm il-Kungress, fil-parroċċi u fil-knejjes l-oħra, fit-talba tal-fidili u qabel il-Benedizzjoni Ewkaristika, tingħad din l-invokazzjoni: "Sabiex bil-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu jinkiseb frott spiritwali bil-kotra, mill-Kungress Pastorali Djoċesan".

Jixraq ukoll li barra minn talb ieħor, fil-laqgħat ta' l-Għaqdiet Kattoliċi u f'dawk tal-Kunsilli Parrokkjali, tingħad ukoll din it-talba qasira.

7. IL-QIMA LEJN L-ISPIRTU S-SANTU
(11 - 5 - 1985)

Hija drawwa għażiża li fil-knejjes tagħna, fil-jiem ta' qabel il-festa ta' l-Għid il-Ħamsin, issir novena ta' talb lill-Ispirtu s-Santu. Kien il-Papa Ljun XIII, bl-Enċiklika tiegħu "Divinum Illud Munus" tad-9 ta' Mejju, 1897, li ta ordni sabiex ta' kull sena, għall-inqas fil-knejjes parrokkjali, tinżamm dik in-novena.

Huwa xieraq li fl-okkażjoni tal-Pentekoste, nerġgħu nitfakru fit-tagħlim kattoliku dwar il-misteru tat-Trinità Mqaddsa, kif ukoll dwar il-missjoni u l-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu fil-Knisja u fir-ruħ ta' kull nisrani. Din ir-riflessjoni għandha tqawwi fina l-fidi fil-Knisja, il-Ġisem Mistiku ta' Kristu u tiswa wkoll biex insiru iktar rikonoxxenti għad-doni spiritwali li nirċievu kontinwament mill-Ispirtu Mqaddes t'Alla.

Kif tgħidilna l-enċiklika msemmija, "Id-divinità tal-Knisja tidher fis-sbuħija kollha tagħha, fid-dija tal-kariżmi li bihom hija mżejna; iżda l-awtur li jqassam dawn il-kariżmi huwa l-Ispirtu s-Santu. Dan huwa biżżejjed biex wieħed jista' jistqarr li kif

Kristu huwa r-ras tal-Knisja, l-Ispirtu s-Santu huwa r-ruħ tagħha" (n. 11).

Dan it-tagħlim ġie mtenni fi żmienna kemm mill-Konċilju Vatikan II, kif ukoll mill-Papa Ġwanni Pawlu II. "L-Ispirtu jgħammar fil-knisja u fil-qlub tal-fidili, bħal f'tempju u jitlob fihom u jixhed li huma wlied adottivi. Hu jwassal il-Knisja għall-verità kollha, igħaqqadha fis-sħubija u fis-servizz, jagħniha b'għotjiet differenti, b'doni ġerarkiċi u b'kariżmi u b'dawn id-doni jmexxiha u jżejjinha bil-frott tal-grazzja tiegħu" (Lumen Gentium n. 4). Fl-ittra tiegħu tal-25 ta' Marzu, 1981, il-Papa kiteb: "L-Ispirtu s-Santu għadu jagħti l-ħajja lill-Knisja u jmexxiha 'l quddiem fit-toroq tal-qdusija u ta' l-imħabba".

Hija xewqa tiegħi li tikber u tissaħħaħ fid-djoċesi tagħna, il-qima lejn l-Ispirtu s-Santu Alla. Meta Hu niżel fuq l-appostli miġburin fiċ-ċenaklu, mela l-qlub tagħhom bil-karità u ippreparahom sabiex iwettqu l-missjoni tagħhom fost il-ġnus. Huwa l-istess Spirtu s-Santu li jifforma spiritwalment l-insara, iseddaq il-ħajja interjuri tagħhom u jagħmel minnhom xhieda ta' Kristu fid-dinja.

Nirrikmanda, għalhekk, li ssir bl-iktar impenn, in-novena ta' talb, qabel il-Pentekoste, li hija wieħed mill-mezzi sabiex toktor il-qima lejn l-Ispirtu s-Santu. Kif hemm imfisser fiċ-ċirkulari nru. 227/85, nhar Għid il-Ħamsin, se jibda t-Tielet Kungress Pastorali Djoċesan. In-novena hija okkażjoni mill-aħjar sabiex fiha jsir talb imħeġġeġ ħalli, bil-għajnuna ta' l-Ispirtu Mqaddes, joħroġ mill-Kungress, il-frott spiritwali, li kollha kemm aħna nittamaw.

8. L-INKORORNAZZJONI TAL-MADONNA TAS-SOKKORS (1 - 7 - 1985)

Waħda mill-provi tal-qima tal-poplu tagħna lejn il-Madonna hija l-għadd ta' xbihat tagħha li ġew inkoronati solennement fi gżiritna. Ma' l-inkoronazzjonijiet li twettqu fl-imgħoddi, nhar it-Tlieta, 9 ta' Lulju, ser inżidu wkoll dik tax-xbiha tal-Madonna tas-Sokkors meqjuma fil-parroċċa ta' Kerċem, li s-sena qegħda tiċċelebra l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tagħha.

It-titlu ta' Sidtna Marija li x-xbiha tagħha ser tiġi nkoronata jimla qlubna b'tamiet ġodda. It-titlu tal-Madonna tas-Sokkors, juri li kemm il-knisja kif ukoll kull wieħed mill-insara, għand Marija jirrikorru fil-ħtiġijiet tagħhom u fiha jsibu l-għajnuna u l-faraġ li jkunu jeħtieġu. Anke fil-ġejjieni, ikunu kemm ikunu kbar id-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom, dejjem ikollha qalbna qawwija li bil-għajnuna tal-Madonna u taħt il-ħarsien tagħha, minn Alla niksbu l-ħila biex ngħixu ħajjitna fis-sliem.

Dan ifakkarna f'dak li jgħid il-Konċilju Vatikan II dwar il-ħarsien tal-Madonna li qatt ma jiġi nieqes: "Għalkemm ittellgħet fis-sema, hi ma telqitx minn taħt idejha din il-ħidma għas-salvazzjoni tagħna imma għadha tidħol għalina b'kull mod biex Alla jagħtina l-grazzji meħtieġa għas-salvazzjoni ta' dejjem. Fl-imħabba tagħha ta' omm hija taħseb il-ħin kollu f'dawk l-aħwa ta' Binha li, fit-triq tagħhom

lejn is-sema, għadhom jitħabtu fost perikli u diffikultajiet, u tibqa' tieħu ħsiebhom sa ma jidħlu fil-patrija tal-hena" (L.G. n. 62).

Għal din l-okkażjoni, nixtiequ nagħmlu sejħa l-ewwelnett lill-ulied devoti ta' Marija, li nafu li, għall-grazzja t'Alla, anke fost iż-żgħażagħ il-għadd tagħhom mhux żgħir f'pajjiżna. Il-Verġni Nkoronata hija s-Sultana ta' l-Anġli u tal-Qaddisin, hija tirċievi kontinwament it-tifħir u l-qima tagħhom fis-sema. Jekk irridu tabilħaqq li l-qima li nagħtuha fuq l-art tkun tixbah lil dik li tingħatalha fis-smewwiet, jeħtieġ li ħajjitna ma tkunx nieqsa mis-safa u mill-qdusija.

Iżda ladarba l-Verġni Mbierka hija wkoll il-kenn tal-midinbin, anke dawn huma msejħin sabiex jitfgħu ħarsithom lejha u jitolbuha tiksbilhom minn għand Alla indiema sinċiera u maħfra ta' ħtijiethom.

Fl-aħħarnett nirrikmanda lill-insara kollha ta' din il-gżira sabiex "igħollu talb ħerqan lil Omm Alla u Omm il-bnedmin biex hi, imsebbħa fis-sema fuq il-qaddisin u l-anġli kollha, tinterċiedi, fix-xirka tal-qaddisin kollha, quddiem Binha biex il-familji kollha tal-popli, kemm dawk li jiżżejnu bl-isem ta' Nsara kemm dawk li għadhom ma jafux is-Salvatur tagħhom, jingħaqdu fil-hena, fil-paċi u fil-ftehim" (L.G. 69).

9. IT-43 KUNGRESS EWKARISTIKU INTERNAZZJONALI
(8 - 8 - 1985)

F'dawn il-ġranet, jiġifieri mill-11 sat-18 ta' Awissu, ser jinżamm f'Nairobi, fil-Kenja, it-tlieta u erbgħin Kungress Ewkaristiku Internazzjonali, li fih se jieħu sehem anke l-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II. Is-suġġett li fuqu se jsiru l-laqgħat ta' studju u ta' tagħlim matul il-Kungress huwa "L-Ewkaristija u l-Familja Umana".

Din il-ġrajja għandha tqanqal l-interess fil-Kattoliċi tad-dinja, ħekk li kollha kemm aħna ningħaqdu spiritwalment ma' ħutna tal-Kenja, biex nitolbu lil Ġesù Ewkaristija u nagħtuh qimitna.

Id-djoċesi tagħna f'dan il-Kungress hija rappreżentata wkoll minn żewġ saċerdoti u grupp ta' żgħażagħ li f'dan iż-żmien qegħdin jagħmlu esperjenza missjunarja f'dan il-pajjiż ta' l-Afrika.

Dan il-Kungress Internazzjonali huwa okkażjoni tajba sabiex niftakru fid-dmirijiet tagħna lejn il-popli Afrikani kif wissewna l-Papiet ta' żminijietna.

"Il-Knejjes ta' l-Afrika jeħtieġu l-għajnuna ġeneruża u bla ma taqta' tal-insara kollha", kien kiteb il-Papa Pawlu VI fil-messaġġ tiegħu tad-29 ta' Ottubru, 1967. Barra mill-kontribut li taw fl-imgħoddi u għadhom jagħtu sal-lum, is-saċerdoti u reliġjużi Maltin u Għawdxin bil-ħidma missjunarja tagħhom f'dan il-kontinent Afrikan, hija mistennija wkoll l-għajnuna tagħna kemm spiritwali kif ukoll materjali.

Nirrikmanda għalhekk li f'dawn il-ġranet nitolbu biex tkompli tikber u tissaħħaħ il-Knisja Kattolika fil-kontinent Afrikan u nsieħbu b'talbna l-Missier tagħna l-Papa fil-vjaġġ tiegħu sabiex minnu jinkiseb il-frott mixtieq u b'mod speċjali l-paċi u l-koperazzjoni fost il-ġnus.

10. ID-DEĊENZA FL-ILBIES
(12 - 8 - 1985)

Huwa d-dmir ta' kull nisrani li joqgħod attent sabiex ma jagħmilx ħsara lill-proxxmu tiegħu la fil-ġisem u l-anqas fir-ruħ u li bi kliemu jew b'eġħmilu ma jkun qatt ta' skandlu għalih. Għalhekk l-Appostlu Missierna San Pawl iwissina sabiex bl-imġiba tagħna ma nkunux ħtija li jintilef dak li "għalih miet Kristu" (Rum 14:15).

Jista' jingħata skandlu lil ħaddieħor anke meta l-ilbies ikun indiċenti, jiġifieri meta jista' jqanqal fl-oħrajn ħsibijiet u xewqat li ma jixirqux lin-nisrani. Verament li fi żminijietna, il-virtù tal-modestja, li tgħallimna nrażżnu kliemna u l-imġiba tagħna biex ma nipprovokawx lil ħaddieħor, mhix virtù apprezzata ħafna fost il-bnedmin, iżda xorta waħda jibqgħu validi l-kelmiet ta' Kristu, "Ma jistax ikun li ma jingħatawx skandli; imma ħażin għalih min ikun ħtija tagħhom. Ikun aktar jaqbillu jekk jorbtulu ma' għonqu ġebla tat-tħin u jitfgħuh il-baħar milli jagħti skandlu lil wieħed minn dawn iċ-ċkejknin. Oqogħdu attenti" (Lq 17: 1-3).

In-nisrani mhux biss joqgħod attent ħalli ma jagħtix skandlu, iżda jagħmel ħiltu kollha sabiex iżomm ruħu 'l bogħod mill-iskandlu u minn dak li ftit jew wisq jiġbdu għall-ħażen. Kif għallimna Kristu aħna nitolbu: "La ddaħħalniex fit-tiġrib" (Mt 6:13) u ħadd ma jista' jiċħdilna l-jedd li niddefendu ruħna minn dak li jipprovokana għad-dnub.

Il-kampanja tad-deċenza, mela, mhix xi kapriċċ ta' nies fanatiċi jew intolleranti, iżda hija bbażata fuq il-jedd li nesiġu li l-oħrajn, huma min huma, ma joffendux is-sentimenti morali u reliġjużi tagħna, bl-ilbies mhux xieraq tagħhom.

Bħas-snin l-imgħoddija, nhar is-Sibt, 17 ta' Awissu, fil-għaxija, fix-Xlendi, se tinżamm il-Manifestazzjoni Marjana, li fiha nitolbu sabiex f'pajjiżna tinżamm dejjem id-deċenza fl-ilbies. L-insara kollha tad-djoċesi tagħna huma mistiedna biex jieħdu sehem fiha.

11. IR-RUŻARJU U Ż-ŻGĦAŻAGĦ
(25 - 9 - 1985)

Fil-ġranet qabel ix-xahar ta' Ottubru, l-insara ta' pajjiżna soltu jiġu mfakkrin fid-devozzjoni tar-Rużarju Mqaddes u mħeġġin sabiex iwettqu dan l-att ta' qima lejn il-Verġni Marija, speċjalment matul dan ix-xahar.

Iżda llum, peress li qegħdin fis-sena taż-żgħażagħ, nixtieq nagħmel sejħa speċjali lilhom biex inħajjarhom ħalli jdaħħlu fil-ħajja tagħhom din id-drawwa qaddisa tar-Rużarju.

Ħadd fost iż-żgħażagħ ma jista' jistqarr li huwa tabilħaqq nisrani, jekk tkun nieqsa fih il-qima lejn l-Imqaddsa Verġni Marija, Omm Kristu Feddej tagħna u Omm spiritwali tal-bnedmin kollha. Issa r-Rużarju mhux biss xhieda li wieħed iħobb lill-Madonna iżda huwa wkoll mezz qawwi sabiex jikber u jissaħħaħ f'din il-qima tiegħu lejha.

Iż-żgħażagħ tabilħaqq insara jsibu gost spiritwali meta jaħsbu fuq Kristu, l-għemil u t-tagħlim tiegħu. Issa meta nqasstu l-misteri tal-ferħ, tat-tbatija u tal-glorja, aħna għandna l-isbaħ okkażjoni sabiex nimmeditaw dwar il-ħajja tas-Sinjur tagħna Ġesù u ta' l-Imqaddsa Omm tagħna.

Barra minn hekk, ir-Rużarju huwa t-talba li fiha nistgħu nikkontemplaw bħalma kienet tagħmel Marija Santissima, l-għemejjel ta' l-għaġeb imwettqa minn Alla, kemm dawk li ġraw fl-istorja tas-salvazzjoni, kif ukoll dawk li jsiru fil-ħajja ta' kull nisrani. "Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien, fuq dawk li jibżgħu minnu".

J'Alla ż-żgħażagħ tagħna, ġuvintur u xebbiet, minn din id-devozzjoni tar-Rużarju jitgħallmu jwieġbu bil-qalb għad-doni li jagħtihom Alla l-Imbierek, jissaħħu dejjem iżjed fil-fidi nisranija, jagħtu xhieda ta' Kristu billi jieħdu sehem attiv fit-talb, fit-twettiq ta' l-impenji ekkleżjali u soċjali tagħhom, kif ukoll fil-ħidmiet ta' karità lejn għajrhom.

12. IL-50 ANNIVERSARJU TA' LOURDES HOME (10 - 10 - 1985)

Nhar il-Ħadd, 27 ta' Ottubru, jintemmu ċ-ċelebrazzjonijiet li se jsiru fl-okkażjoni tal-Ħamsin Anniversarju mit-twaqqif ta' Lourdes Home.

Hija ħaġa tajba li aħna nfakkru dawk il-persuni li ddedikaw parti sewwa minn ħajjithom għall-ġid tal-bnedmin l-oħra ħuthom. Id-Dar ta' Lourdes taf il-bidu tagħha lil Ġużeppa Debono li, imqanqla minn sentimenti ta' karità nisranija, bdiet tiġbor it-trabi li ma kellhomx min jieħu ħsiebhom. Għall-ewwel hija kienet twettaq din il-ħidma ġewwa darha stess fir-Rabat u iktar tard fl-Imġarr, fid-Dar ta' Lourdes, li nbniet bil-għajnuna ta' diversi benefatturi.

Fuq kollox jeħtieġ li nżommu kontinwament quddiem għajnejna l-għemil it-tajjeb ta' l-oħrajn biex nitħajru aħna wkoll ħalli fuq l-eżempju ta' ħaddieħor, nagħtu s-sehem tagħna f'kull għemil ta' ħniena. Matul is-snin li għaddew, mijiet ta' trabi u tfal, sabu kenn fid-Dar ta' Lourdes. Is-Sorijiet Dumnikani li huma responsabbli mit-tmexxija ta' din id-Dar, mhux biss ħasbulhom għall-ikel u għall-ilbies, iżda ħadu ħsieb li jduru bihom b'imħabba u b'sagrifiċċju ta' ommijiet. Iżda żgur li din il-ħidma kollha kienet tieqaf ħesrem u opra ta' ħniena bħal din kienet tiġi fix-xejn, kieku ma kienx hemm insara b'qalb ġeneruża li bla ma jaqtgħu, iwiżnuha bl-għajnuna tagħhom. Iċ-ċinkwantinarju tad-Dar ta' Lourdes huwa wkoll att ta' radd il-ħajr lill-benefat-

turi kollha kbar u żgħar li taw sehemhom biex din l-opra ma tieqafx iżda tkompli tissaħħaħ. J'Alla dawn is-sentimenti ta' ħniena jibqgħu dejjem ħajjin fil-poplu tagħna, biex id-Dar ta' Lourdes u inizjattivi oħra ta' karità nisranija, jissoktaw fil-ħidmiet tagħhom.

Nieħu din l-okkażjoni biex infakkarkom li s-sena l-Ġurnata tal-Karità se tiġi ċċelebrata nhar il-Ħadd, 17 ta' Novembru, 1985, bit-tema: **"Jekk inħennu, insiru l-maħturin ta' Kristu"**.

13. X'INHU S-SEMINARJU
(5 - 3 - 1986)

Għal bosta snin, ilha teżisti d-drawwa li fiż-żmien tar-Randan issir ġabra għall-ħtiġijiet tas-Seminarju Maġġuri tad-Djoċesi tagħna. Is-sena, biex jiġi mfakkar il-120 anniversarju mit-twaqqif tas-Seminarju Djoċesan, mill-10 sal-15 ta' Marzu, se tinżamm il-Ġimgħa tas-Seminarju, li fost ħwejjeġ oħra, tinkludi wkoll il-Konsagrazzjoni ta' l-Artal il-Ġdid tal-Kappella u l-Ftuħ Uffiċjali tal-Bibljoteka l-Ġdida.

Iżda sabiex l-insara ta' pajjiżna jkunu lesti li jgħinu mill-aħjar li jistgħu lis-Seminarju, jeħtieġ li qabel xejn jifhmu x'inhi din l-istituzzjoni u liema huwa l-għan tagħha fil-Knisja.

Kulħadd jaf li mis-Seminarju joħorġu s-Saċerdoti li jiddedikaw ħajjithom u l-enerġiji tagħhom biex

jaqdu 'l Kattoliċi mhux biss ta' gżiritna, iżda wkoll dawk ta' artijiet oħra. Huwa magħruf li dan huwa l-għan ewlieni tas-Seminarju.

Iżda forsi l-idea ta' Seminarju mhix ċara f'moħħ kulħadd. Nistgħu ngħidu li s-Seminarju huwa komunità ta' aħwa, miġbura flimkien fil-preżenza tal-Mulej, ħalli waqt li jisimgħu Lilu u jagħtuh it-tweġiba tagħhom, jagħmlu flimkien studju serju dwar Alla u dwar il-bniedem, u b'hekk jithejjew biex ikunu qaddejja mħeġġa ta' Kristu u tal-Knisja tiegħu kif jitolbu ż-żminijiet tal-lum.

Il-formazzjoni tas-saċerdoti ta' għada hija ħidma delikata li tinkludi mhux biss l-impenn ħieles u totali ta' l-individwu li jixtieq isir qassis, iżda wkoll il-fedeltà kontinwa għas-sejħa ta' Alla u għall-ispirazzjonijiet tiegħu.

Is-Seminarju għalhekk, huwa wisq iktar minn skola li fiha tingħata edukazzjoni terzjarja. Huwa fuq kollox dar ta' formazzjoni li fiha l-membri kollha tal-komunità għandhom ifittxu li jgħixu f'atmosfera sopranaturali minsuġa mit-talb, riflessjoni, u meditazzjoni tal-Kelma ta' Alla.

Minn dan li għidna, tidher aħjar il-ħtieġa li l-insara joffru talb ħerqan għal dawk li qegħdin ihejju ruħhom għas-saċerdozju, u jitolbu ħalli tingħatalhom formazzjoni li biha, waqt li jagħmlu s-sewwa fl-imħabba, jikbru f'kollox Fih, f'dak li Hu r-Ras, Kristu (cfr. Efes 4:15).

14. MEJJU, IX-XAHAR TAL-MADONNA
(29 - 4 - 1986)

Reġa' wasal ix-xahar ta' Mejju, ix-xahar li fih, fil-pajjiżi bi tradizzjoni kattolika, tingħata qima speċjali lill-Imqaddsa Verġni Marija. F'dan ix-xahar, ix-xbiha tal-Madonna fil-knejjes, fid-djar, fl-iskejjel u fil-lokali ta' l-Għaqdiet Reliġjużi, tiġi mdawla u mżejna bil-fjuri, u jinstema' aktar ta' spiss l-għana u t-talb f'ġieh il-Madonna, speċjalment it-talba għażiża tar-Rużarju Mqaddes.

Iktar minn darba fl-imgħoddi, stedintkom sabiex matul ix-xahar ta' Mejju, tkomplu dawn id-drawwiet sbieħ u qaddisa, u fi tmiem ix-xahar iġġeddu l-konsagrazzjoni tal-parroċċa lill-Qalb Imqaddsa ta' Marija. Anke llum nerġa' ntenni din l-istedina tiegħi, li hija miftuħa għal kulħadd, iżda nixtieq li tiġi milqugħa fuq kollox mit-tfal, mill-ġenituri tagħhom u dawk li qegħdin ibatu minħabba l-mard jew diffikultajiet oħra tal-ħajja.

Il-fehmiet li għalihom isir it-talb bl-interċessjoni tal-Madonna, matul Mejju, jistgħu jkunu differenti, skond il-ħtiġijiet ta' kull individwu, iżda nixtieq li ninsistu iktar fit-talb tagħna sabiex ikollna l-paċi fil-familji f'pajjiżna u fir-relazzjonijiet bejn pajjiż u ieħor. Huwa fatt magħruf li f'ċerti mumenti, din il-paċi tista' tkun mhedda u mhedda serjament, bil-konsegwenzi kollha li jistgħu jinqalgħu, bħal ma hija gwerra, li tħalli ħafna vittmi.

Ma' dan li għidt, inżid rakkomandazzjoni oħra: li

nhar il-Ħamis, 8 ta' Mejju, festa tal-Madonna ta' Pompej, dawk kollha li jkunu jistgħu, jiġu jżuru s-Santwarju tagħha fir-Rabat. Fil-parroċċi,dak in-nhar fil-għaxija għandha tingħad it-talba li soltu tingħad f'dan il-jum, lill-Madonna tar-Rużarju, Sultana tal-Paċi.

15. ĊENTINARJU TAL-KONVERŻJONI TA' SANT'WISTIN
(30 - 7 - 1986)

Is-sena qiegħed jiġi ċċelebrat is-sittax-il ċentinarju mill-konverżjoni ta' Sant'Wistin, li ġrat f'Milan fis-sena 386, meta huwa kellu 33 sena.

Din il-ġrajja, li mhux biss bidlet għal kollox il-ħajja tiegħu, iżda kellha wkoll effetti importanti fl-istorja tal-Knisja, nistgħu ngħidu li kienet ir-riżultat tal-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu, kif ukoll tax-xewqa sinċiera tiegħu li jsib il-verità. Fi kliem ieħor, Wistin ikkonverta għaliex bil-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu fittex bla heda l-verità fuqu nnifsu, fuq Alla u fuq il-ħolqien, u meta sab il-verità, ħaddanha miegħu u ma telaqha qatt iktar.

Din l-onestà intellettwali ta' Sant'Wistin għaġġbet lil dawk kollha li qraw il-kitbiet tiegħu, insara u m'humiex. Kif jikkummenta l-Papa Piju XI, "Bosta, għalkemm mifrudin mill-Knisja u ma jimpurtahom xejn mit-twemmin tal-fidi, iħossuhom miġbudin lejn il-kotba ta' Agostinu, għaliex fihom tagħlim profond, u min jaqrahom iġarrab faraġ u paċi" (L-

Ittra f'Għluq il-Ħmistax-il Mitt Sena tal-Mewt ta' Sant'Wistin, 20-4-1930).

Il-messaġġ li nistgħu nisiltu mit-tagħlim u l-qdusija ta' Sant'Wistin huwa dan: "Ngħożżu l-verità, infittxuha bil-ħerqa, inħarsuha meta nsibuha." Kristu qalilna: "Il-verità teħliskom" (Ġw 8:32). Il-verità tmexxina fit-triq id-dritta u twassalna għand Alla.

Ninqeda b'din l-okkażjoni biex nistedinkom tieħdu sehem fil-korteo li se jinżamm nhar is-Sibt, 23 ta' Awissu, fil-għaxija, mill-Knisja ta' San Franġisk għall-Knisja ta' Sant'Wistin, li fih jingarr ir-relikwarju ta' dan il-qaddis, kif ukoll fil-funzjonijiet l-oħra li se jsiru biex ifakkru dan iċ-ċentinarju.

16. LAQGĦA EKUMENIKA F'ASSISI (15 - 10 - 1986)

Il-Missier tagħna, il-Papa Ġwanni Pawlu II, stieden lir-rappreżentanti tar-reliġjonijiet ewlenin tad-dinja, sabiex nhar it-Tnejn, 27 ta' Ottubru, jiltaqgħu fil-belt ta' Assisi, u flimkien jitolbu 'l Alla ħalli jagħti d-don tal-paċi lill-umanità. Huwa mistenni li ħafna jkunu dawk li jwieġbu għas-sejħa tal-Papa u jingabru fil-belt fejn għex u miet il-Patrijarka San Franġisk. Mhux biss l-insara, iżda wkoll lhud, mawmettani, induisti, xintoisti u nies ta' reliġjonijiet oħra se jieħdu sehem f'din it-talba ekumenika għall-paċi.

Il-problema li fuqha se jikkonċentraw l-attenzjoni tagħhom dawn in-nies, fis-27 ta' Ottubru, għandha importanza mill-aqwa għaliex minnha tiddependi saħansitra t-tweġiba għad-domanda jekk il-bniedem jirnexxilux iħares il-ħajja tiegħu nnifsu f'din id-dinja jew jekk din il-ħajja hix ikkundannata għall-qerda.

Nixtieq għalhekk nistedinkom biex f'dak il-jum, anke intom tingħaqdu spiritwalment, ma' din l-assemblea ta' Assisi sabiex nitolbu lill-Missier tagħna tas-sema, li jagħti l-paċi mixtieqa lill-bnedmin. Nissuġġerixxi li fil-knejjes parrokkjali f'dak il-jum ikun hemm l-adorazzjoni ewkaristika u fil-għaxija jiġi rreċitat ir-Rużarju Mqaddes għall-istess skop. Jixraq ukoll li waħda mill-quddisiet tkun dik votiva għall-paċi (Sagramentarju Malti p. 905).

Fl-aħħarnett, nieħu din l-okkażjoni biex infakkarkom li l-jum ta' qabel, nhar il-Ħadd, 26 ta' Ottubru, se tiġi ċċelebrata fid-djoċesi tagħna "Il-Ġurnata tal-Papa". Fil-knejjes, speċjalment fil-parroċċi, isir talb speċjali għall-Papa u fl-omelija jissemmew ukoll id-dmirijiet tagħna lejn ir-Raghaj tal-Knisja Universali. Qrib din il-ġurnata, issir fil-parroċċi l-ġabra msejħa "L-Obolo ta' San Pietru".

17. FESTA TA' KRISTU SULTAN (11 - 11 - 1986)

Is-sena jaħbat is-sittin anniversarju minn meta ġiet iċċelebrata għall-ewwel darba fid-dinja

kattolika l-festa liturġika ta' Kristu Sultan. Difatti, kien il-Papa Piju XI li waqqaf din il-festa bl-enċiklika tiegħu "Quas Primas" tal-11 ta' Diċembru, 1925 u ordna li tibda tiġi ċċelebrata mis-sena ta' wara, jiġifieri mill-1926.

F'dik l-Enċiklika, il-Papa stqarr li kellu tama qawwija li l-festa annwali ta' Kristu Re, "twassal lis-soċjetà sabiex tirritorna għand is-Salvatur maħbub tagħna, kif kulħadd jixtieq. Huwa d-dmir tal-kattoliċi li bil-ħidma u t-tħabrik tagħhom iħaffu t-twettiq ta' dan ir-ritorn".

Jekk is-soċjetà f'diversi pajjiżi għadha mbiegħda minn Kristu, jeħtieġ li nammettu li waħda mill-kawżi ta' din is-sitwazzjoni hija n-nuqqas ta' responsabiltà u l-bruda ta' ċerti nsara. Mhux biżżejjed li n-nisrani jistqarr lil Kristu bħala Feddej u Sultan tiegħu, iżda jeħtieġ ukoll li jagħmel ħiltu sabiex issaltna ta' Kristu tikber u tissaħħaħ fid-dinja. Il-festa ta' Kristu Sultan, hija okkażjoni tajba mhux biss biex nagħtu qima pubblika lil Kristu, l-Iben t'Alla magħmul bniedem, iżda wkoll sabiex inġeddu l-impenn tagħna li ngħixu ta' nsara u nagħtu xhieda tat-twemmin nisrani tagħna.

Fid-djoċesi tagħna, fl-1980, reġgħet inbdiet id-drawwa li kif kien isir xi snin qabel, fil-festa ta' Kristu Re, fuq bażi djoċesana, fil-belt Victoria, jinżamm korteo li fih ikun hemm talb u kant reliġjuż. Il-funzjoni tagħlaq fil-Pjazza ta' Sant' Wistin bil-Benedizzjoni Ewkaristika. Nistedinkom għalhekk sabiex tieħdu sehem f'din il-funzjoni li sejra ssir nhar il-Ħadd, 23 ta' Novembru fil-għaxija

u hekk tagħtu xhieda ta' mħabbitkom lejn Kristu Sultan ta' l-Imħabba u tal-Paċi.

Nirrikmanda wkoll li fil-knejjes parrokkjali, f'xi waħda mill-ġranet ta' qabel il-festa, għal xi ħin tinżamm l-Espożizzjoni Solenni u l-insara jiġu mistiedna biex jagħtu l-adorazzjoni tagħhom lil Ġesù Ewkaristija. Barra minn hekk, fil-funzjoni ta' fil-għaxija nhar is-Sibt, lejliet il-festa, għandu jiġġedded l-Att ta' Konsagrazzjoni tal-Papa Piju XI.

18. JUM RADD IL-ĦAJR
(20 - 11 - 1986)

F'dawn l-aħħar seba' snin, fir-raba' Ħamis ta' Novembru, ta' kull sena ċċelebrajna JUM IR-RADD IL-ĦAJR fid-Djoċesi tagħna. Din iċ-ċelebrazzjoni ssir mhux biss biex ngħidu grazzi lil Alla għall-ġid kollu li jagħtina matul is-sena, iżda wkoll biex niftakru f'Alla u fil-jeddijiet tiegħu. Huwa għandu d-dritt għal qimitna, għal imħabbitna u għall-ubbidjenza tagħna Lejh.

Iżda ħafna drabi jiġri li l-bniedem jiċħad dan id-dritt lil Alla, u jħobb aktar lill-ħlejjaq milli lill-Ħallieq tagħhom. Fil-'Gaudium et Spes', naqraw hekk: "Il-bnedmin, għad li kienu għarfu 'l Alla, ma tawhx il-ġieh li kien jistħoqqlu bħala Alla, il-qalb belha tagħhom bħal iddalmet u għażlu li jaqdu l-ħlejjaq maħluqa iżjed milli lil Dak li ħalaqhom" (Nru. 13). Sabiex inżommu bogħod minna dan id-dlam spiritwali li jwassal għall-iżball ta' l-intelliġen-

za u għall-ebusija tal-qalb, jeħtieġ li nistqarru l-jeddijiet t'Alla fuqna, nirrikonoxxu li aħna niddependu minnu u nroddulu ħajr għall-għotjiet tiegħu.

Jum ir-Radd il-Ħajr niċċelebrawh fuq bażi djoċesana nhar il-Ħamis, 27 ta' Novembru, billi dak in-nhar fil-għaxija, ikun hemm Konċelebrazzjoni fis-Santwarju ta' Pinu, li għaliha huma mistednin l-insara kollha tad-Djoċesi.

Fl-istess jum fil-parroċċi, fil-ħin li jagħżel il-Kappillan, fil-għodu jew fil-għaxija, tiġi ċċelebrata quddiesa ta' ringrazzjament (Sagramentarju Malti paġ. 929) u f'dik l-okkażjoni jiġi mġedded il-Pleġġ tal-Ħajja Nisranija.

19. ĊELEBRAZZJONI TAL-MILIED NISRANI
(11 - 12 - 1986)

Hija drawwa antika u sabiħa f'pajjiżna li ssir thejjija spiritwali għall-festa liturġika tal-Milied, matul id-disat ijiem ta' qabilha, li aħna nsejħulhom "In-Novena tal-Milied". Din it-thejjija ssir fuq kollox billi l-insara jieħdu sehem fil-funzjonijiet li jirrikorru fin-Novena u jisimgħu l-kelma t'Alla li tiġi mfissra lilhom fil-priedki jew fl-omelija tal-quddiesa.

Nixtieq li f'dawn il-jiem tan-Novena, inwasslilkom ukoll il-messaġġ u l-istedina tiegħi sabiex kulħadd, bla ebda eċċezzjoni, jiċċelebra l-

Milied bi spirtu nisrani u bħala Milied Ewkaristiku u Milied ta' rikonċiljazzjoni.

Ma naħsibx li nkun nitlob iżżejjed jekk nistenna minnkom li fl-okkażjoni tal-festa tal-Milied, tieħdu sehem fil-Quddiesa u tersqu għat-Tqarbin Imqaddes. Din l-istedina qed nagħmilha lil kulħadd, iżda b'mod partikulari liż-żgħażagħ, ġuvintur u tfajliet, sabiex huma wkoll igawdu l-ferħ u l-paċi ta' Kristu. Bil-għan li anke l-morda jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, fl-okkażjoni tal-Milied, nagħti permess lis-saċerdoti li bil-kundizzjonijiet tas-soltu, iqaddsu fid-djar tal-morda li jkunu jixtiequ din il-quddiesa. Il-morda jistgħu jinqdew bil-ministri straordinarji biex iwasslu din ix-xewqa tagħhom lill-kappillan jew lil xi saċerdot ieħor tal-parroċċa.

Jixraq ukoll li l-Milied ikun jum ta' rikonċiljazzjoni. Dan ifisser qabel xejn li jekk wieħed ikun 'il bogħod minn Alla, għandu jfittex li joqrob Lejh u jitolbu maħfra. Għalhekk min ma jkunx fl-istat tal-grazzja, qabel jitqarben, għandu jersaq għas-sagrament tal-qrar. Ir-rikonċiljazzjoni tfisser ukoll li ma nħallux mibegħda f'qalbna u da parti tagħna nfittxu li nirranġaw ma' ħutna l-bnedmin, li għal xi raġuni jew oħra ma naqblux magħhom. Dwar dan Kristu jwissina bi kliem ċar: "Jekk tkun qiegħed ittella' l-offerta tiegħek fuq l-artal, u hemm tiftakar li ħuk għandu xi ħaġa kontra tiegħek, ħalli l-offerta tiegħek hemmhekk quddiem l-artal, u mur l-ewwel irranġa ma' ħuk, u mbagħad ejja tella' l-offerta tiegħek" (Mt 5:23-24).

Ma' dawn il-kelmiet inżidu wkoll it-twissija ta' l-

Appostlu Missierna: "Jekk jista' jkun, sakemm ikun ġej minnkom, għixu fil-paċi ma' kulħadd. Tivvendikawx ruħkom b'idejkom" (Rom 12:18). Min irid sinċerament il-paċi, għandu jwarrab minnu kull ħsieb ta' mibegħda u ta' vendetta u jaħdem tabilħaqq għall-paċi.

20. TALB GĦALL-VOKAZZJONIJIET
(4 - 4 - 1987)

Il-Knisja Kattolika se tiċċelebra l-erbgħa u għoxrin (24) Jum Dinji ta' talb għall-Vokazzjonijiet, fir-raba' Ħadd ta' l-Għid, fl-10 ta' Mejju, 1987.

Nistgħu ngħidu li l-għan ta' dan il-Jum Dinji huwa doppju: l-ewwelnett huwa żmien li fih l-insara huma mitlubin li jieqfu biex jirriflettu dwar il-problema tal-vokazzjonijiet u dwar il-konsegwenzi koroh li din il-problema jista' jkollha fil-ħajja tal-Knisja. It-tieni, dan il-Jum huwa wkoll żmien ta' talb imħeġġeġ għall-vokazzjonijiet kollha li fihom jingħata servizz speċjali lill-poplu t'Alla, bħal ma huma l-vokazzjonijiet għas-saċerdozju, għall-impenn missjunarju, għall-ħajja reliġjuża u għamliet oħra ta' ħajja kkonsagrata lil Alla.

Dan il-ħsieb dwar il-vokazzjonijiet, imsieħeb mat-talb u l-ħidma, jaqbel ħafna mat-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II, li fl-"Optatam Totius" igħidilna hekk: "It-tħabrik għall-vokazzjonijiet

huwa dmir tal-komunità nisranija kollha; dan id-dmir għandha taqdih qabel xejn billi tgħix ħajja għal kollox nisranija. L-iżjed li jistgħu jikkontribwixxu għal dan huma l-familji u l-parroċċi" (nru. 2).

Il-Papa Ġwanni Pawlu II, fil-messaġġ tiegħu fl-okkażjoni ta' Jum il-Vokazzjonijiet ta' din is-sena, għamel appell lill-ġenituri nsara, lill-Katekisti, lill-għalliema mpenjati fl-iskejjel kattoliċi, lill-movimenti, gruppi u lill-għaqdiet kollha.

Għalhekk nistiednu lill-insara tad-Djoċesi Għawdxija sabiex jieħdu sehem fit-talb għall-vokazzjonijiet li jsir fil-knejjes f'dan il-Jum. Barra minn hekk, inħeġġiġkom sabiex matul is-sena, ta' spiss titolbu lill-Mulej jagħti lill-Knisja tiegħu għadd ta' saċerdoti, reliġjużi, missjunarji u erwieħ ikkonsagrati oħra li jiddedikaw ruħhom kollha kemm huma biex igħinu lil Kristu jsalva lill-bnedmin.

21. IL-ĠURNATA TAL-PAPA
(14 - 10 - 1987)

Kif hemm imħabbar fil-Kalendarju għas-Sena Pastorali - Liturġika 1986 - 87, nhar il-Ħamis, 22 t'Ottubru jaħbat l-Anniversarju ta' l-għażla tal-Papa Ġwanni Pawlu II, u nhar il-Ħadd, 25 ta' l-istess xahar, tiġi ċċelebrata fid-djoċesi tagħna "Il-Ġurnata tal-Papa".

Fil-messaġġ tiegħu, fl-okkażjoni taż-żjara "ad limina" (4/6/87), il-Papa kien qalilna li l-insara ta' pajjiżna "huma magħrufin sewwa għall-qima tagħhom lejn is-Sede ta' Pietru u għall-ħeġġa tal-ħajja ekkleżjali tagħhom."

Aħna nwettqu dmirijietna lejn ir-Raghaj tal-Knisja Universali billi nitolbu għalih ta' kuljum u billi nkunu dejjem lesti li nilqgħu t-tagħlim li jagħtina. Iżda fil-jum iddedikat għalih, jixraq li bħas-snin ta' qabel isir talb speċjali għall-ħtiġijiet tiegħu u jitwettqu wkoll xi attivitajiet oħra li bihom nuru l-imħabba ta' wlied li għandna lejh.

Skond id-digriet numru 10 tas-Sinodu Djoċesan, ta' kull sena fil-knejjes parrokkjali għandu jiġi ċċelebrat solennement Jum il-Papa u f'din l-okkażjoni jingħata tagħlim dwar il-missjoni għolja li Alla afdalu f'idejh bħala Kap viżibbli tal-Knisja Mqaddsa. Fil-knejjes għal din il-ħabta tinżamm il-ġabra msejħa l-Obolu ta' San Pietru.

Nistedinkom ukoll biex nhar il-Ħadd, 25 t'Ottubru, filgħodu, tingħaqdu miegħi u mal-membri l-oħra tal-Kleru li se nikkonċelebraw Quddiesa fil-Katidral skond l-intenzjonijiet tal-Papa. Għandu jippresiedi din il-Konċelebrazzjoni, l-E.T. Mons. Pier Luigi Celata, Nunzju Apostoliku għal Malta. L-insara kollha tad-djoċesi Għawdxija huma mħeġġin sabiex joffru t-talb tagħhom ħalli l-Mulej iżomm qawwi u sħiħ lill-Missier tagħna l-Papa Ġwanni Pawlu II u jieqaf dejjem miegħu fil-qadi tal-ministeru apostoliku tiegħu.

22. IR-RABA' MISSJONI DJOĊESANA
(17 - 10 - 1987)

Nixtieq inħabbrilkom li r-Raba' Missjoni Djoċesana se tinżamm f'Għawdex fil-jiem bejn l-14 u t-28 ta' Novembru li ġej. Biex jieħu ħsieb it-thejjija u t-twettiq ta' din il-Missjoni, ġie maħtur Kumitat apposta li diġà beda l-ħidmiet tiegħu. Huwa ttamat li permezz tas-smigħ tal-kelma ta' Alla, l-insara ta' gżiritna jitqanqlu biex iħobbuh iżjed u jersqu iktar qrib tiegħu fis-sagramenti tal-qrar u tat-tqarbin.

Is-suġġett ewlieni ta' din il-Missjoni huwa: **"Fuq il-passi ta' Kristu lejn is-sena 2000"**. Kulħadd qiegħed iħares 'il bogħod lejn il-bidu tat-tielet millenju, bit-tama u fl-istess ħin mhux mingħajr biża' dwar il-ġejjieni ta' l-umanità. Iżda kif jgħid il-kittieb ta' l-Ittra lil-Lhud, "Ġesù Kristu hu dak li kien fl-imgħoddi issa u għal dejjem" (Lhud 13:8). It-tagħlim ta' Kristu jgħodd għal kull żmien u l-għajnuna tiegħu qatt ma tiġi nieqsa. Għalhekk f'għaqda ma' Kristu nistgħu naffrontaw bil-kuraġġ il-problemi tal-lum u ta' għada. Iżda jeħtieġ li din l-għaqda tissaħħaħ dejjem iżjed, billi nniżżlu l-għeruq tagħna fl-imħabba u fuqha nibnu ħajjitna (Efesin 3. 17). Lejn is-sena 2000 nersqu b'qalbna qawwija jekk inkunu tabilħaqq dixxipli ta' Kristu u xhieda tiegħu fid-dinja.

Għal dan kollu tista' twassal il-Missjoni Djoċesana jekk nagħmlu ħilitna biex nilqgħu l-kelma ta' Alla u nħallu l-grazzja ta' Kristu taħdem fina.

Nistieden lill-membri tal-Kleru u l-lajċi sabiex jagħtu s-sehem attiv tagħhom u jitolbu lil Alla ħalli din il-Missjoni ġġib magħha qawmien spiritwali fi gżiritna, għall-glorja ta' Alla u għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ.

Mil-lum sa tmiem il-Missjoni, qabel il-Benedizzjoni Ewkaristika, għandha tingħad kuljum it-talba tal-Missjoni Djoċesana, u fit-talba tal-fidili tiġi nkluża l-invokazzjoni għall-istess intenzjoni.

Inqiegħdu din l-attività pastorali taħt il-ħarsien ta' l-Imqaddsa Verġni Marija, Omm Alla u Omm il-bnedmin sabiex matul is-Sena Marjana, bl-interċessjoni qawwija tagħha, inħossu l-ferħ u l-paċi ta' Kristu.

23. TALB GĦALL-AGONIZZANTI
(11 - 2 - 1988)

F'ċerti djoċesijiet tal-pajjiżi Kattoliċi, hemm iddrawwa li x-xahar ta' Frar jitqies bħala xahar ta' talb għall-agonizzanti. Hija xewqa tiegħi li din iddrawwa tidħol ukoll fid-djoċesi tagħna.

Verament li matul is-sena kollha għandna nitolbu lill-Mulej għal dawk li sejrin iħallu din id-dinja, iżda hija ħaġa tajba li matul ix-xahar ta' Frar l-insara jiġu mħeġġin sabiex iwettqu dan l-għemil ta' ħniena għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ ta' ħuthom.

Dawk kollha li bħalna l-insara jemmnu u jistqarru li wara din il-ħajja hemm ħajja oħra, jifhmu bla diffikultà kemm huwa importanti għal kull bniedem il-punt tal-mewt u kemm hija kbira l-ħtieġa li wieħed jaħseb minn qabel għal dan il-pass. Kif igħallimna l-Appostlu Missierna San Pawl, kull wieħed minna minnufih wara mewtu jidher **"quddiem it-tribunal ta' Kristu ħalli kulħadd jieħu skond it-tajjeb jew il-ħażin li jkun għamel meta kien għadu ħaj fil-ġisem" (II Kor 5:10).**

Il-Konċilju jfissrilna kif għandu jkun l-atteġġjament tan-nisrani quddiem il-mewt meta jgħidilna: "Billi la nafu l-jum u l-anqas is-siegħa, jeħtieġ li, kif wissiena l-Mulej, nishru l-ħin kollu biex wara li ntemmu din il-ħajja li tiġi darba biss, aħna jistħoqqilna nidħlu għall-festa tat-tieġ u ningħaqdu ma' l-imberkin u ma nkunux ordnati bħal qaddejja ħżiena u għażżenin li mmorru fin-nar ta' dejjem mitfugħin barra fid-dlam fejn hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien" (Lumen Gentium, 48).

Meta aħna nitolbu għall-agonizzanti, inkunu ngħinuhom iwettqu din it-thejjija għal tmiem il-ħajja. Għat-talb tagħna Alla jagħtihom il-grazzja u l-għajnuna meħtieġa ħalli jilqgħu l-mewt bl-indiema ta' ħtijiethom. Hekk huma, bi spirtu nisrani, joffru ħajjithom lil Alla f'għaqda mas-sagrifiċċju li offra Kristu fuq is-salib għall-fidwa ta' kulħadd.

24. IL-25 KUNGRESS TAX-XIRKA TA' L-ISEM IMQADDES T'ALLA
(4 - 4 - 1988)

Nhar il-Ħadd, 17 ta' April, fil-għaxija, fin-Nadur se jiġi ċċelebrat il-Ħamsa u Għoxrin Kungress Djoċesan tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla. Huwa magħruf li dan il-Kungress kif ukoll ħafna mill-ħidmiet l-oħra tax-Xirka msemmija jitwettqu bil-għan li neħduha kontra l-għada mishuta taddagħa u li npattu lil Alla għall-offiżi li jsirulu minħabba dan id-dnub li b'xorti ħażina tagħna huwa komuni ħafna f'pajjiżna.

Iżda l-ħidmiet diversi tax-Xirka, u fosthom il-Kungressi li torganizza, isiru wkoll bl-iskop li teduka lill-insara ta' gżiritna sabiex jagħrfu liema huma dmirijiethom lejn Alla u fuq dawn il-valuri spiritwali jfasslu l-ħajja tagħhom.

It-tagħlim ta' l-Appostli San Pietru u San Pawl, kif insibuh fil-ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli u fl-ittri tagħhom, jista' jkun ta' l-ikbar għajnuna għalina sabiex nagħrfu sewwa liema huma l-jeddijiet t'Alla u liema d-dmirijiet tagħna lejH.

Ma jistax ikun li għemilna jkun onest u l-kuxjenza tkun imdawla u ffurmata kif imiss jekk ma nagħmlux ħilitna kollha ħalli nagħrfu l-liġi tal-Mulej. Ebda bniedem ma jista' jagħmel pjan għal ħajtu mingħajr ma jagħti każ ta' dak li jrid minnu Alla. Wisq u wisq aktar, in-nisrani jeħtieġ li jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu fid-dawl tar-Rieda t'Alla. Dan hu l-qofol tal-ħajja

nisranija awtentika, li r-rieda tal-bniedem tkun immexxija f'kollox mir-rieda Mqaddsa t'Alla u tkun taqbel magħha.

It-tagħlim ta' l-Appostli jfakkarna fil-preċett talkarità, jiġifieri d-dmir li nħobbu lil Alla u lill-proxxmu, kif ukoll fid-dmir ta' l-adorazzjoni u ta' radd il-ħajr.

Bħala frott ta' dan il-ħamsa u għoxrin Kungress Djoċesan tax-Xirka, nixtieq inħeġġiġkom sabiex tieħdu iktar bis-serjetà l-Adorazzjoni Ewkaristika, li tiġi organizzata fil-parroċċi fi ġranet u ħinijiet determinati u li tista' ssir ukoll b'inizjattiva privata. Il-ħin li ngħaddu ma' Ġesù Ewkaristija huwa l-aħjar ħin li minnu nistgħu niksbu profitt għas-saħħa ta' ruħna.

25. JUM IL-VOKAZZJONIJIET
(12 - 4 - 1988)

Il-problema tal-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi hija importanti ħafna għall-Knisja u għas-salvazzjoni tad-dinja. Din il-problema fiha żewġ aspetti: in-numru u l-kwalità tal-ministri tal-knisja. In-numru huwa importanti, ladarba l-Imgħallem Divin stess isemmi dan l-aspett, meta qalilna li l-ħaddiema huma ftit. Fil-messaġġ tiegħu għal **Jum il-Vokazzjonijiet**, il-Papa Ġwanni Pawlu II josserva: "Il-Knisja llum qed tħoss ħtieġa kbira ta' rġiel u nisa lesti biex ikomplu t-tradizzjoni tal-Knisja fl-Ordni Sagri, fil-Missjonijiet, fil-ħafna Kongregazzjonijiet reliġjużi u istituti sekulari".

Iżda huwa aktar importanti dak li nistgħu nsejħulu l-potenzjal spiritwali tagħhom: l-ispirtu tal-fidi, l-imħabba lejn Alla u ż-żelu għall-erwieħ. Kemm il-frott tal-ministeru kif ukoll it-tkattir tal-vokazzjonijiet fost iż-żgħażagħ jiddependu ħafna mill-ħeġġa ta' l-apostolat tas-saċerdot u ta' l-erwieħ l-oħra kkonsagrati lil Alla. Il-konvinzjoni persunali, il-ġenerożità, l-imħabba lejn Kristu u d-dedikazzjoni għas-servizz huma kwalitajiet li bħal ħmira jtejbu l-komunità u joħolqu atmosfera favorevoli biex jinbtu l-vokazzjonijiet.

Aħna nittamaw li matul is-Sena Marjana, kif qalilna l-Papa fl-istess messaġġ, dawk kollha li għandhom vokazzjoni, iħarsu lejn Marija, Omm il-vokazzjonijiet kollha, ħalli "jaraw fiha xbiha l-aktar perfetta ta' min irid jagħraf it-triqat t'Alla, ta' min f'fehma sħiħa jrid jagħmel dak li Alla jrid minnu, ta' dak li, fiċ-ċokon tiegħu, u b'ferħ liema bħalu, jilqa's-sagrifiċċji li titlob minnu sejħa għall-qadi u għall-imħabba".

Għalhekk ħixtieq nistedinkom ħalli titolbu ta' spiss lill-Mulej, sabiex bl-intercessjoni tal-Madonna jagħmel sejħat ġodda għall-ħidmiet fil-qasam tiegħu u jsaħħaħ lil dawk li afdalhom din il-missjoni. Nirrikmandalkom ukoll sabiex nhar il-Ħadd, 24 ta' April, tieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġurnata Mondjali tal-Vokazzjonijiet, kif jixtieq il-Papa.

1. ID-DELITT FAĦXI TA' L-ABORT
(15 - 1 - 1985)

Kif naqraw fl-Atti ta' l-Appostli li smajna fit-tieni qari, "Ġesù għadda jagħmel il-ġid u jfejjaq". Għad li m'għandniex is-setgħa li nagħmlu l-mirakli, anke aħna l-insara għandna d-dmir li bħalu nagħmlu l-ġid madwarna għaliex huwa dmirna li nippruvaw nimitawh. Kulħadd, ftit jew wisq, jista' jagħmel il-ġid tarruħ jew tal-ġisem tal-proxxmu fl-ambjent li fih ikun igħix.

Peress li qegħdin fi tmiem il-Ġimgħa tal-Familja, tajjeb li nitkellmu fuq l-ambjent tad-dar u nsemmu l-ġid li jistgħu jagħmlu l-ġenituri speċjalment ma' wliedhom.

Kif igħallimna l-Konċilju (Lumen Gentium n. 41) "jinħtieġ li l-miżżewġin u l-ġenituri nsara, waqt li jissuktaw fit-triq li hi tagħhom, igħinu lil xulxin bil-grazzja t'Alla f'imħabba fidila matul ħajjithom u jgħinu bit-tagħlim u bil-virtujiet ta' l-Evanġelju lil

uliedhom li huma jilqgħu b'imħabba mingħand Alla."

L-ewwel ġid li jistgħu jagħmlu l-ġenituri ma' wliedhom huwa dak li jħarsulhom il-ħajja tagħhom **sa mit-tnissil tagħha u jgħinuhom biex jikbru f'saħħithom u jżommuhom 'il bogħod mill-ħsara tar-ruħ u tal-ġisem. Bir-raġun għalhekk li l-Konċilju jwissina: 'Il-ħajja darba mnissla, għandha titħares; l-abort u l-qtil tat-trabi huma delitti l-iktar koroh'.** (Gaudium et Spes 51). Il-liġi t'Alla li l-Knisja tfissrilna u tfakkarna fiha hija ċara: 'La toqtolx'. Il-ħajja ta' kull bniedem hija sagra, u Alla waħdu hu s-sid tagħha: ħadd ħliefu ma għandu jedd ineħħiha. Il-ħajja ta' kull bniedem għandha tiġi mħarsa sewwa jekk hu xiħ mimli bil-għomor sewwa wkoll jekk hu tarbija ta' ftit xhur jew li għadha ma twelditx. B'dan id-dmir huma marbutin sewwa l-ġenituri, kif ukoll is-soċjetà anke jekk tiftaħar li hija pluralista u trid tirrispetta fehmiet differenti.

Is-soċjetà għandha d-dmir li taqbeż għall-jeddijiet tal-membri tagħha u tiddefendihom. Aktar ma dawn il-membri jkunu dgħajfin u ma humiex kapaċi li jiddefendu ruħhom b'idejhom, ikbar huwa l-obbligu li s-soċjetà tindaħal biex tħarishom bil-mezzi kollha tagħha. Issa fost il-membri kollha tas-soċjetà, l-aktar dgħajfin u vulnerabbli huma t-trabi li għadhom ma tweldux. Mhux biss m'għandhomx saħħa u ħila li jipproteġu lilhom infushom, iżda lanqas għandhom leħen biex ifissru l-ħtiġijiet tagħhom. Is-soċjetà għandha għalhekk tieħu passi sabiex tħares il-jeddijiet tagħhom, qabel xejn sabiex tipproteġi l-ħajja tagħhom sa mit-tnissil tagħha, għax dan huwa l-ewwel u l-aqwa jedd li għandhom.

Xi pajjiżi li jiftaħru li huma ċivilizzati, mhux talli ma jiddefendux il-ħajja tal-frott tal-ġuf uman, iżda waslu saħansitra biex ineħħu kull deterrent għall-abort u jagħmluha faċli, a spejjeż ta' l-Istat, li mara tkun tista' twettaq din il-kefrija li teqred il-ħajja li nisslet hija stess.

X'uħud iġibu l-iskuża li jekk ma jsirx hekk jitwettaq xi abort bil-moħbi jew kif soltu jgħidulu 'klandestin' minn nies li m'humiex kompetenti u mingħajr il-prekawzjonijiet meħtieġa biex titħares il-ħajja ta' l-omm.

Dan huwa raġunament falz għaliex anke fejn l-abort huwa tollerat bil-liġi tal-pajjiż, xorta għal raġuni jew oħra għadhom isiru aborti klandestini. Barra minn hekk huwa raġunament ipokrita għaliex min jitkellem hekk, waqt li juri ħniena ma' l-omm u jgħid li jrid iħarsilha ħajjitha u saħħitha, ma għandu ebda ħniena mit-tarbija u ebda rispett lejn il-ħajja taħha, li hija prezzjuża daqs dik ta' l-omm.

Iżjed ukoll, iċ-ċittadini, li bit-taxxi li jħallsu jagħtu sehemhom għal dak li jonfoq l-Istat u li suppost ikun għall-ġid ta' kulħadd, qatt ma għandhom ikunu mġiegħla li jsiru kompliċi f'delitt faħxi bħalma huwa l-abort, kif jiġri f'dawk il-pajjiżi fejn l-Istat jiftaħ l-isptarijiet tiegħu għal operazzjonijiet abortivi u jikkontribwixxi għat-twettiq tagħhom.

Ma tkunx qed tagħmel vera progress dik is-soċjetà li tippermetti l-abort u tiffaċilitah, anzi tkun qiegħda tmur lura ħafna sekli għaż-żmenijiet tal-

barbariżmu ta' qabel il-miġja tal-Kristjaniżmu. Difatti x'uħud mill-ġnus pagani kif ukoll xi tribu primittivi, qabel ma saru nsara kien komuni fosthom l-abort u l-qtil tat-trabi. Huwa ġieh tar-Reliġjon Nisranija li ċċivilizzat u għallmithom li l-kmandament 'la toqtolx' igħodd ukoll biex iħares il-ħajja ta' l-innoċenti li għadhom ma tweldux.

Ngħożżu l-valuri spiritwali u morali li tgħallimna r-Reliġjon għażiża tagħna. Niftħu għajnejna fil-waqt u minn kmieni nieqfu bħal sur kontra l-mewġa ta' l-immoralità u l-ħażen li għamlet tant ħsara f'pajjiżi oħra.

Kif josserva l-Papa Ġwanni Pawlu II f'diskors tiegħu ġo Vancouver fit-18 ta' Settembru, 1984, 'Id-delitt infami kontra l-ħajja umana li jarmi l-ħajja u jeħridha sa mill-bidu tagħha, ihejji t-triq sabiex tiġi ddisprezzata, mhedda u meqruda l-ħajja ta' nies adulti u tiġi attakkata l-ħajja tas-soċjetà. Bil-jedd kollu ngħollu leħinna kontra kull xorta ta' vjolenza; bil-jedd kollu nikkundannaw lil min jagħmel attentati fuq il-ħajja ta' ħaddieħor. Iżda bl-istess loġika, għandna nikkundannaw ukoll il-qtil ta' l-innoċenti; hu min hu li jagħmel dan il-qtil, anke jekk tkun omm il-vittma.

Jekk irridu l-paċi fis-soċjetà, niddefendu l-ħajja sa mill-bidu tagħha, kif tagħmel il-Knisja. Nippruvaw innisslu f'kulħadd rispett ġenwin lejn kull għamla ta' ħajja umana għaliex aħna żguri li b'hekk inkunu nagħmlu dak li jrid Alla.

2. L-ATTWALITÀ TAT-TAGĦLIM TA' SANT'WISTIN
(16 - 2 - 1985)

Fl-ewwel enċiklika tiegħu "Redemptor Hominis" ta' l-4 ta' Marzu, 1979, il-Papa Ġwanni Pawlu II meta jitkellem dwar il-bniedem kemm bħala persuna kif ukoll fir-relazzjonijiet tiegħu mas-soċjetà, kiteb: "Kien sewwasew dan il-bniedem, fil-verità kollha tal-ħajja tiegħu, fil-kuxjenza tiegħu, fl-inklinazzjoni kontinwa tiegħu għad-dnub u fl-istess ħin fl-aspirazzjoni kontinwa tiegħu għall-verità, għat-tajjeb, għal dak li hu sabiħ, għall-ġustizzja u għall-imħabba, kien dan il-bniedem li l-Konċilju Vatikan II kellu quddiem għajnejh meta iddeskriva s-sitwazzjoni tal-bniedem fid-dinja moderna u mill-elementi u l-kawżi esterni ta' din is-sitwazzjoni, ħareġ il-verità (li hemm fil-bniedem) dwar l-umanità" (n. 14).

Fi kliem ieħor, il-bniedem bil-problemi kollha li hemm konnessi miegħu kien fiċ-ċentru ta' l-attenzjoni u tar-riflessjoni ta' l-Isqfijiet tal-Konċilju.

L-anqas seta' jkun xort'oħra, għaliex fis-seklu tagħna, il-bniedem huwa fl-istess waqt, it-tema ċentrali tal-kultura ta' żmienna, kif ukoll il-problema ewlenija li tipprova tħoll il-filosofija kontemporanja.

Ma hemm ebda skola jew korrent filosofiku li ma jinteressahomx mill-misteru jew problema tal-bniedem. Anzi, kollha kemm huma, evoluzzjonisti jew spiritwalisti, marxisti jew tomisti, eżistenzjalisti

jew strutturalisti, atej jew insara, jaqblu li għandha tingħata importanza kapitali għall-istudju tal-bniedem.

"F'ċertu sens — josserva Max Scheler (Von Umsturz der Werte in Gesammalte Werte" III p. 173) — il-problemi fundamentali kollha tal-filosofija jistgħu jinġabru fil-mistoqsija: x'inhu l-bniedem u liema post u pożizzjoni metafiżika huwa jokkupa fit-totalità tal-esseri, tad-dinja u ta' Alla". U fil-ktieb tiegħu "Mansch und Geshicte" in "Philosophische Weltanschauung" p. 48 jafferma li "Jekk hemm problema filosofiku, li għalih, l-epoka tagħna b'urġenza partikulari qegħda titlob soluzzjoni, dan hu l-problema ta' l-antropoloġija filosofika".

Jekk inħarsu lejn is-sekli tal-passat, nistgħu ngħidu li fost il-kittieba ta' l-età patristika, ħadd daqs Sant'Wistin ma kellu dik il-ħeġġa straordinarja fl-istudju tal-bniedem; difatti l-ħsieb u t-tagħlim agostinjan huwa iċċentrat essenzjalment, barra milli fuq Alla, anke fuq il-bniedem. Fil-ktieb tas-Soliloqui, Sant'Wistin jistqarr li huwa jrid jistħarreġ fuq kollox żewġ temi: ir-ruħ u Alla u jagħmel ħsieb li jibda bl-istudju tar-ruħ, għaliex hija wkoll il-post li fih Alla jimmanifesta ruħu b'mod l-iktar ċar.

L-istħarriġ dwar il-bniedem fit-tagħlim ta' Sant' Wistin ma hux biss antropoloġija filosofika, iżda wkoll teoloġika; huwa jindaga dwar il-bniedem, mhux biss fid-dawl tar-raġuni, iżda wkoll fit-tagħrif tar-rivelazzjoni. Fl-opinjoni tiegħi, din il-preokkupazzjoni antropoloġika ta' Sant'Wistin, hija waħda mir-raġunijiet ewlenin għaliex il-ħsieb tiegħu huwa

daqshekk attwali u jista' jgħin mhux ftit ir-riflessjoni filosofika u teoloġika ta' żminijietna.

Iżda kemm fil-metodoloġija kif ukoll fil-kontenut tiegħu kien hemm żvilupp fit-tagħlim antropoloġiku ta' Sant'Wistin u dan huwa mmarkat b'żewġ dati u ġrajjiet importanti fil-ħajja tiegħu; cioè l-Magħmudija tiegħu li ġrat fl-Għid tas-sena 386 u l-elezzjoni tiegħu bħala isqof fis-sena 396.

Il-konverżjoni ta' Sant'Wistin kienet pass importanti fit-tfittix tal-verità li huwa kien jagħmel. Il-Magħmudija fil-Knisja Kattolika kienet għalih irrebħa fuq ix-xettiċiżmu: il-verità mhux biss tista' tiġi mfittxija, iżda tista' wkoll tinstab fi ħdan il-Knisja Kattolika, cioè l-Knisja li hija wkoll l-Għassiesa integrali tal-verità. (De vera religione (390) u De utilitate credendi (391).) Kienet ukoll għalih rebħa fuq il-manikejiżmu jew id-dwaliżmu ta' prinċipju tat-tajjeb u prinċipju tal-ħażen. Iżda dawn iż-żewġ rebħiet intellettwali, fuq id-dubju tax-xettiċiżmu u d-dwaliżmu tal-manikej, fl-iżvilupp tal-ħsieb ta' Sant'Wistin, ma setgħux jitwettqu mingħajr irriċerka filosofika appassjonata tiegħu u b'mod partikulari, mingħajr il-medjazzjoni tal-platoniżmu li huwa tgħallem mill-kotba ta' Plotino u Porfirio tradotti għal-Latin minn Mario Vittorino (Djalogi bejn 386 u 391).

Meta Wistin sar isqof (396) għad li din iċ-ċirkostanza ċaħħditu miż-żmien liberu biex jiddedikah għall-istudju, iżda għenitu biex isir aktar familjari mal-bibbja u mal-Kristjaniżmu kif tipproponih il-Knisja Kattolika fil-formulazzjoni tal-fidi u fir-riti tagħha.

F'din il-fażi, twettaq tibdil metodoloġiku, fit-tfittix tal-verità, speċjalment dwar il-bniedem, li kien mehdi fih Sant'Wistin, u dan il-kambjament jidher ftit jew wisq fil-kitbiet tiegħu ta' wara s-sena 396. Fid-djalogu d-domandi jsiru lil bniedem u t-tweġiba tiġi mill-bniedem ukoll. Huwa l-bniedem li jgħarrex għall-verità bid-dawl tar-raġuni "Liema huwa l-oġġett tar-riċerka tiegħi? — jistaqsi Wistin u jagħti tweġiba — li jiena nagħraf lili nnifsi u nagħraf lilek" (Soliloqui 2, 1, 1). Fil-kitbiet ta' wara t-396, il-bniedem ikompli jistaqsi biex jagħraf aħjar lilu nnifsu, iżda t-tweġiba jistenniha mhux minn għand ir-raġuni, imma fuq kollox mir-rivelazzjoni miġbura fl-Iskrittura Mqaddsa u mħarsa fil-Knisja Kattolika. Għall-aħħar ta' ħajtu, ma jibqax iktar domandi, il-bidu jew punt ta' partenza tar-riflessjoni dwar il-bniedem mhux iktar id-domanda li jagħmel il-bniedem stess, iżda jieħdu l-ewwel post u l-pedament ta' kollox huwa dak li tgħid l-Iskrittura Mqaddsa, id-deċiżjonijiet tal-knisja, il-liturġija tagħha. Biex tifhem il-bniedem, skond din il-metodoloġija antropoloġika ta' Sant'Wistin, iktar milli tkun filosofiku, jeħtieġ li tkun eseġeta ta' l-Iskrittura, u eseġeta attent għall-prassi konkreta tal-Knisja. Din il-metoloġija tidher u tinħass l-iktar fil-**Konfessjonijiet** (mill-10 sat-12-il ktieb tas-sena 400) fid-De Civitate Dei (413-426) u fid-De Trinitate (399-420).

— Il-Problema tal-Libertà —

Sant'Wistin jittratta diversi problemi interessanti li jagħmlu parti mill-antropoloġija, bħal ma huma

per eżempju: ix-xbiha ta' Alla fil-bniedem, l-unità tar-ruħ u tal-ġisem, l-oriġini jew il-ħolqien tar-ruħ, l-ispiritwalità u l-immortalità tagħha. Iżda żgur li għandha interess partikulari għalina li ngħixu fis-seklu għoxrin, il-problema tal-libertà, peress li hija kwistjoni dibattuta kemm minn dawk li jiċħduha għaliex igħidu li r-rieda tal-bniedem hija determinata minn kondizzjonamenti psikoloġiċi, li forsi l-individwu l-anqas jintebaħ bihom; kif ukoll minn dawk li jaffermaw li l-bniedem hu sid assolut tiegħu nnifsu, jenfasizzaw id-deċiżjonijiet tiegħu u jaħsbu li l-libertà umana hija hekk bla limiti tant li l-bniedem jista' joħloq regola tal-ħajja għalih innifsu. Din it-tendenza ta' l-aħħar hija evidenti kemm fil-filosofija eżistenzjali u dik tal-prassi, kemm ukoll fl-etika tas-sitwazzjoni.

Id-Duttur tal-Knisja, Sant'Wistin jittratta l-kwistjoni tal-libertà umana f'konnessjoni mal-grazzja jew l-għajnuna t'Alla li l-bniedem jeħtieġ biex jagħmel it-tajjeb fl-ordni soprannaturali. Peress li l-kotba ta' dan id-Duttur, li fihom iktar milli fl-opri l-oħra, jiddiskutu fit-tul is-suġġett tal-libertà, kienu aktarx miktubin f'polemika mal-Pelaġjani, jixraq li qabel xejn ikollna ħjiel tal-viżjoni tal-libertà umana li kellhom dawn l-eretiċi.

Il-Pelaġjani ma kienux jeskludu l-għajnuna tal-grazzja, iżda biha kienu jifhmu għajnuna esterna għad-deċiżjoni tal-volontà, bħal ma hi r-rivelazzjoni, il-liġi, l-eżempju ta' Kristu u tal-Qaddisin li jqanqalna biex nagħmlu t-tajjeb. Mill-bqija, ir-rieda tal-bniedem hija mħollija weħidha biex tieħu d-deċiżjonijiet tagħha u twettaq l-għemil li tiegħu hi

responsabbli. Il-bniedem u Alla huma meqjusin bħal żewġ kompetituri, qishom għandhom tellieqa bejniethom. Iktar ma jindaħal Alla, iktar tonqos id-dinjità tal-bniedem; hemm bejniethom problema ta' jeddijiet - dmirijiet reċiproċi. B'dawn il-fehmiet tagħhom, il-Pelaġjani poġġew il-pedament ta' l-antropoloġija umanistika ta' żminijietna mibnija fuq l-awtonomija tal-bniedem, awtonomija li minħabba fiha, il-bniedem u Alla jgħixu separatament minn xulxin u kull interferenza t'Alla m'hix ħlief vjolazzjoni, sostituzzjoni u annullament tal-libertà umana. (Vittorino Grossi "Lineamenti di Antropologia Patristica" paġ. 73).

Iżda l-viżjoni antropoloġika li kellu Sant'Wistin kienet diversa u opposta f'ċerti aspetti għal dik tal-Pelaġjani u ta' l-umanisti moderni. Hija mibnija fuq dawn il-prinċipji:

(1) Il-libertà tal-bniedem ma tistax tiġi miċħuda, għaliex hemm xhieda tagħha fl-Iskrittura Mqaddsa; "Fis-siltiet fejn jingħad la tixtieqx din il-ħaġa jew l-oħra, u meta fit-twissijiet t'Alla jiġi mitlub xi għemil tal-volontà, hemmhekk hemm prova biżżejjed tal-liberu arbitriju" (De gratia et lib arb. 2.4).

(2) Il-volontà umana tista' tagħti l-kunsens jew ma tagħtix għad-don tal-grazzja t'Alla. "Il-ħniena tiegħu tipprevenina f'kollox, iżda jekk takkonsentix jew le għas-sejħa divina jmiss lir-rieda ta' l-individwu" (De Spiritu et littera 34, 60).

(3) Il-libertà u l-grazzja jaġixxu jew jaħdmu flimkien. Ladarba l-volontà tal-bniedem weħidha ma tistax togħla għal-livell divin tal-grazzja, din

tadatta ruħha għaliha u tgħinha sabiex il-libertà tikber gradwalment hekk li l-bniedem mhux biss ikun jista' jixtieq li jagħmel it-tajjeb, iżda jasal ukoll għall-għażla u għal deċiżjoni effettiva. (De gr. lib. arb. cc. 15, 17).

Allura, fit-tagħlim ta' Sant'Wistin, il-libertà u l-grazzja, il-bniedem u Alla ma humiex żewġ rivali, iżda huma bħal żewġt iħbieb. Il-bniedem, min-natura tiegħu, jeħtieġ lil Alla. Min-naħa tiegħu, Alla hu ħabib tal-bniedem u dan mingħajr Alla, ma jibqax dak li suppost li hu, jitlef l-identità tiegħu bħala bniedem u jibda juri sintomi ta' nuqqas ta' paċi u ta' aljenazzjoni.

Fir-relazzjoni tal-libertà umana mal-grazzja divina, ma ssir ebda vjolenza jew invadenza da parti ta' Alla fuq l-awtonomija umana, iżda Alla jagħti għajnuna proporzjonata (auxilium) lil-libertà biex din tkun tista' tegħleb il-kondizzjonamenti jew irbit tal-konkupixxenza, cioè l-ġibdiet għall-ħażen. Il-libertà umana għandha bżonn assolut ta' din l-għajnuna ġejja minn Alla, għaliex din hija għall-ġid tagħha, anzi f'din l-għajnuna jikkonsisti l-uniku ġid tagħha. B'tixbiha meħuda mill-Għanja ta' l-Għanjiet (8, 5) Sant'Wistin ifissrilna li l-libertà umana, waqt li sserraħ fuq il-grazzja t'Alla, titwieżen fuq Dak li hu l-imħabba tagħha. Skond il-viżjoni agostinjana, il-bniedem jista' jwettaq il-vjaġġ uman tiegħu, unikament jekk ikollu miegħu lil Alla.

Forsi nistgħu nikkonkludu bi ħsieb ta' Jacques Maritain, li huwa mtenni fid-diskorsi ta' l-aħħar Papiet Pawlu VI u Ġwanni Pawlu II. Qegħdin ngħixu fi żminijiet ta' umanezmu li jista' jkollu

diversi għamliet: anke l-marxiżmu u t-teoloġiji tal-liberazzjoni nistgħu nqegħduhom fil-kategorija tal-umaneżmu. Iżda dawn is-sistemi li huma moda llum, fil-biċċa l-kbira tagħhom jaraw biss xi aspett tal-ħajja tal-bniedem; huma umaneżmi parzjali. Il-Kristjaniżmu biss li jista' jissejjaħ Umaneżmu Integrali, għaliex jieħu ħsieb tal-bniedem kollu kemm hu, fid-dimensjonijiet kollha tiegħu. Fl-umaneżmu nisrani, il-libertà u r-responsabiltà tal-bniedem ma humiex mifrudin għalihom, iżda jitqiesu dejjem f'relazzjoni ma' Alla, li huwa l-bidu u t-tmiem aħħari tal-bniedem. Id-dinjità umana tista' tiġi mħarsa kif jixraq u żviluppata fil-kuntest tal-pjan li Alla għandu għall-bnedmin u fir-rispett għar-rieda mqaddsa tiegħu. Dan hu l-kontribut kbir kulturali li l-Knisja tista' toffri lill-bnedmin ta' żmienna, mitlufin kif inhuma fid-dubji, fl-inċertezzi u fid-diżorjentament ġenerali tagħhom. Dan ukoll huwa l-wirt prezzjuż li ħallielna d-Duttur tal-Knisja Sant'Wistin, li aħna fid-dmir li ngħożżu u nutilizzaw kif imiss.

3. ISSA LI GĦANDNA L-BIBBJA BIL-MALTI F'IDEJNA

(10 - 4 - 1985)

Ħafna kien ilhom bix-xewqa li jkollhom il-Bibbja bil-Malti. Jiena stess fissirt din it-tama fil-Pastorali tiegħi tas-7 ta' Marzu, 1973, meta ktibt: "Peress li għadha tithejja edizzjoni popolari tal-Bibbja bl-ilsien tagħna, aħna nkunu grati lejn dawk kollha fost

uliedna, li ġenerożament jagħtu offerti ta' flus, biex din l-opra hekk ta' fejda tkun tista' titlesta fi żmien qasir u titqassam bi prezz moderat.

Hekk għall-inqas il-ġenerazzjonijiet li telgħin, ikunu jistgħu, mingħajr diffikultajiet żejda, jieħdu f'idejhom il-Bibbja u jaqrawha bl-ilsien tagħhom biex jibbenefikaw minn dan it-teżor prezzjuż, kif jistgħu jagħmlu l-popli kollha ċivilizzati, li għandhom traduzzjoni bil-lingwa tagħhom".

Bir-raġun għalhekk, li l-aħbar tal-publikazzjoni ta' din l-opra mill-Għaqda Biblika ġiet milqugħa bil-ferħa. Ħafna għamlu ħilithom u forsi wkoll xi sagrifiċċju sabiex kmieni kemm jista' jkun jiksbu kopja tagħha.

Però l-Bibbja mhix bħal oġġett ta' l-arti li wieħed iżommu f'daru għat-tiżjin u biex kull tant iħares lejha. Issa li għandna l-Bibbja f'idejna, jeħtieġ li nużawha kif imiss. Il-profeta Eżekjel sema' leħen misterjuż li qallu: "Kul dan il-ktieb, u mbagħad mur kellem lid-dar ta' Israel"....Imbagħad qal: "Jien kiltu, u f'ħalqi ħassejtu ħelu għasel" (Eżek 3:1-3). Aħna wkoll jeħtieġ li naqbdu l-kotba ta' l-Iskrittura Mqaddsa, biex naqrawhom, nimmeditawhom u niggustaw il-benna spiritwali tagħhom.

Fuq kollox jeħtieġ li naqraw il-Bibbja bi spirtu ta' fidi, u dan il-qari jsir parti mit-talb tagħna ta' kuljum. Il-fidi tgħallimna li fil-Bibbja, Alla nnifsu jitkellem magħna u permezz tagħha aħna nħossu iktar mill-qrib il-preżenza tiegħu. Din il-fidi mħeġġa twassalna wkoll sabiex naċċettaw il-kelma ispirata t'Alla bħala messaġġ personali tiegħu għalina u li

jistenna tweġiba minn għandna. Jeħtieġ lil Alla ngħidulu "iva" minn qalbna waqt il-qari tal-Bibbja u mbagħad inwettqu t-tweġiba tagħha u nuru li aħna sinċieri miegħu billi nfasslu ħajjitna skond ir-rieda mqaddsa t'Alla.

Din hija okkażjoni tajba sabiex l-insara ta' pajjiżna li jridu jieħdu bis-serjetà d-dmirijiet reliġjużi tagħhom, jagħmlu proponiment li jibdew jew jissaħħu fid-drawwa qaddisa li ta' kuljum, jaqraw mingħajr għaġġla u bil-qima kollha xi siltiet mill-Iskrittura, u b'hekk iwettqu x-xewqa tal-Konċilju Vatikan II "li jħeġġeġ bil-ħerqa u bil-qawwa l-insara kollha, l-aktar ir-reliġjużi biex jitgħallmu 'l-qliegħ kbir li hemm illi nagħraf lil Kristu Ġesù' (Fil 3:8) billi spiss jaqraw il-kotba mqaddsa. 'Għax min ma jafx l-Iskrittura, ma jafx lil Kristu'." (Dei Verbum n. 25).

4. IL-KNISJA SAGRAMENT TA' KRISTU
(26 - 5 - 1985)

Fl-ewwel Għid il-Ħamsin twettqu l-weghdiet ta' Kristu. L-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli, u l-Knisja ħarġet fil-beraħ u bdiet il-missjoni tagħha. Għid il-Ħamsin kien jum ta' Ħajja ġdida, ta' valuri ġodda, ta' relazzjoni ġdida mas-Sinjur tagħna Ġesù, għaliex qatt qabel l-Appostli ma ħassew din l-enerġija spiritwali li ġiet fuqhom nhar Għid il-

Ħamsin, qatt qabel ma kienu fehmu hekk tajjeb min huwa Ġesù Kristu u x'ifisser it-tagħlim tiegħu; u din il-bidla li ġrat fihom kienet kollha kemm hi effett tal-ħidma mohbija ta' l-Ispirtu s-Santu Alla.

Dan ma kienx imwiegħed lill-Appostli biss, iżda lil dawk kollha li jemmnu fi Kristu. Allura din il-ħeġġa ġdida u dawn il-valuri ġodda li rċevew l-Appostli nhar Għid il-Ħamsin, għadhom jeżistu fil-Knisja ta' Kristu. Għalhekk meta aħna nitkellmu dwar il-Knisja, jeħtieġ li aħna nagħrfuha u nirrikonoxxuha mhux biss bħala realtà soċjali, imma wkoll bħala realtà soprannaturali. Difatti sa mill-ewwel Għid il-Ħamsin ninnotaw fil-Knisja l-element viżibbli, li jidher, l-appostli miġburin flimkien mal-Madonna, fiċ-Ċenaklu. Ninnotaw ukoll l-element inviżibbli, li ma jidhirx, jiġifieri dik il-qawwa li ġejja mis-sema, illi biddlet l-Appostli, dawlet il-mohh tagħhom bil-għerf, wettqet ir-rieda tagħhom u mliethom bil-kuraġġ.

Għalhekk il-Knisja, sa minn żmien l-ewwel Għid il-Ħamsin, tissejjaħ u hija tabilħaqq is-Sagrament ta' Kristu, għaliex fiha, barra minn dak li jidher, hemm ukoll dak li ma jidhirx; bil-Knisja nqeda Kristu bħala għodda u strument tiegħu biex iwassal il-frott tal-fidwa lill-bnedmin ta' kull żmien, ta' kull ġens u ta' kull art. Għalhekk min jieqaf biss fl-aspett viżibbli tal-Knisja, min fil-Knisja jara biss soċjetà tal-bnedmin u xejn aktar, mill-Knisja jkun fehem biss ħaġa żgħira, anzi nistgħu ngħidu li ma jkun fehem xejn. Għaliex il-Knisja, dan hu li jiddistingwiha minn kwalunkwe soċjetà oħra tal-bnedmin, l-element soprannaturali, tal-qawwa t'Alla li taħdem

fiha u li skop soprannaturali tagħha illi twassal il-bnedmin għall-ħajja ta' dejjem. Hija tinqeda b'mezzi li m'humiex ta' did-dinja; tgħallem għerf li mhux tal-bnedmin, imma għerf irrivelat mogħti minn Alla; issaħħaħ il-bnedmin bil-qawwa tal-grazzja li hija wkoll ġejja minn Alla l-Imbierek.

U jekk fil-Knisja, l-element viżibbli, jiġifieri l-bnedmin li huma membri tagħha, u l-istrutturi li huma joħolqu jiqdiemu, u jkun hemm bżonn li jinbidlu minn żmien għal żmien, iżda mhux hekk l-element soprannaturali u divin li jeżisti fiha. Il-bnedmin u l-istrutturi tal-Knisja mal-medda tas-snin, ikun hemm bżonn li jiġu aġġornati, u jiġu addattati għall-ħtiġijiet attwali. Difatti, kif igħidu l-għorrief, "Ecclesia semper reformanda"; dment li l-Knisja teżisti fuq il-wiċċ ta' din l-art, dejjem ikun fiha xi ħaġa li għandha tiġi mġedda, irranġata, jew imtejba. U għalhekk isiru l-Konċilji, is-Sinodi, u l-Kungressi Pastorali biex il-Knisja fl-element tagħha viżibbli u temporali, tkun tista' tiġi mġedda u aġġornata skond il-ħtieġa taż-żminijiet.

Iżda fl-element soprannaturali tagħha, il-Knisja tibqa' dejjem l-istess, għaliex l-element soprannaturali tagħha li jinkludi t-teżor ta' tagħlim irrivelat, u t-teżor ta' grazzja li Alla mar jafdalha, jibqa' dejjem ġdid. Proprju minn hawnhekk tiġi ż-żgħożija tal-Knisja; hija dejjem żagħżugħa għaliex tippriedka l-istess tagħlim li ppriedka Kristu, l-Għarus tagħha; għaliex tqassam l-istess grazzja u l-istess qdusija li ġejjin minn Kristu li huwa r-Ras tagħha.

Għalhekk, mela, mhux biżżejjed naraw il-Knisja bil-lenti ta' l-istatistika jew tas-soċjoloġija jew bil-

għajnejn tagħna tal-bnedmin. Imma jeħtieġ li aħna nħarsu lejn il-Knisja bil-għajnejn tal-fidi biex naraw fiha l-element soprannaturali, biex inħossu illi l-Knisja għandha l-għajnuna u l-assistenza ta' l-Ispirtu s-Santu Alla, biex nifhmu aħjar dak li qal Kristu, "Jiena nibqa' magħkom sa l-aħħar taż-żminijiet". U mhux biss nemmnu fil-Knisja kif nistqarru fil-Kredu, "Jiena nemmen fil-Knisja Mqaddsa Kattolika u Apostolika", imma nibqgħu dejjem f'għaqda intima magħha, biex b'dan il-mod anki aħna ngawdu miż-żgħożija spiritwali tagħha.

5. IL-PEDAMENTI TA' L-UNITÀ FIL-KNISJA (29 - 5 - 1985)

Il-Kungress Pastorali huwa konsultazzjoni mal-membri tal-Kleru, Reliġjużi u lajċi nvoluti fil-ħidmiet tal-Knisja u ssir għall-inqas kull ħames snin. Fil-Kungress Pastorali jkun hemm mhux biss bdil ta' ideat, iżda wkoll jittieħdu xi riżoluzzjonijiet illi jimpenjawna fis-snin li ġejjin, jimpenjaw mhux biss lil min għandu r-responsabiltà tat-tmexxija iżda wkoll lill-insara għaliex huma wkoll membri tal-Knisja lokali. Jekk inħarsu lejn l-imgħoddi ma għandniex għalfejn ikunu pessimisti. Veru li kien hemm xi riżoluzzjonijiet tal-Kungressi ta' l-1975 u 1980 li għal raġuni jew oħra ma twettqux, iżda fil-kotra kbira tagħhom ir-riżoluzzjonijiet ta' dawk il-

Kungressi twettqu u qegħdin jitwettqu u xi wħud minnhom huma ta' importanza kbira.

Jekk mhux ħaġa oħra, il-Kungressi Pastorali swew biex tinħoloq fostna mentalità ġdida. Mhux nikkuntentaw bit-tajjeb li għandna u nibqgħu nagħmlu bħas-soltu u ngħidu għax hekk soltu, iżda nfittxu li ntejbu dak li għandna u nintensifikaw il-ħidma tagħna.

L-ewwelnett, fil-Kungress ma ttrattajniex il-problemi kollha tad-Djoċesi, imma għażilna l-problemi li l-aktar għandhom x'jaqsmu ma' din l-era post-konċiljari. Fil-Kungress li għadna kif spiċċajna, instemgħu ilħna li mhux dejjem kienu jaqblu. Ġew imfissra fehmiet li kien hemm min għandu xi dubju dwarhom. Din hija ħaġa normali f'laqgħat fejn kull wieħed għandu l-jedd li wara li jkun irrifletta, jintervieni u jgħid tiegħu. Iżda ladarba qegħdin naħdmu għall-ġid tal-Knisja bħala membri tagħha li nemmnu fiha u ngħożżuha bħala Omm u Għalliema tagħna, il-ħafna fehmiet imfissra jeħtieġ li jersqu lejn xulxin u tinstab xi għamla ta' sintesi. Hemm bżonn li nqarrbu lejn xulxin l-ideat, anke meta dawn ikunu daqsxejn waħda imbegħda. Il-punti li naqblu fuqhom huma daqshekk numerużi u essenzjali illi ħdejhom il-ftit li fuqhom ma naqblux jirriduċu ruħhom għal ħaġa żgħira ħafna.

Il-qbil jew fehmiet komuni li naqsmu flimkien huma sintesi jew sinjali ta' dik il-għaqda jew unità tal-knisja li bl-ebda mod ma nistgħu nissagrifikaw, ikunu kemm ikunu l-attivitajiet u l-inizjattivi diversi.

Isqof ieħor li miet fis-sena 636, Sant'Isidoru ta' Sivilia kiteb hekk: **"Ecclesia vocatur proprie, propter quod omnes ad se vocet et in unum congreget"**. Hija msemmija hekk il-Knisja proprjament, għaliex issejjaħ lejha lil kulħadd u tiġborhom f'għaqda waħda, issejjaħ lil kulħadd il-Knisja u tinteressa ruħha minn kulħadd. Dan deher anke f'dan il-Kungress li għamilna, għax veru li tkellimna dwar il-problemi taż-żgħażagħ peress li kienet issena internazzjonali tagħhom, iżda ma nsejniex la t-tfal, la l-kbar, la l-morda, la x-xjuħ, la l-insara ferventi, u lanqas lil dawk li ma humiex ferventi. Ftit jew wisq, f'kulħadd ftakarna.

Imma l-knisja tiġbor lil kulħadd fl-unità. Kemm jista' jkun tipprova tiġborhom u tgħaqqadhom flimkien fil-fehmiet tagħhom, u anke fix-xewqat u fl-impenji tagħhom. Issa l-unità perfetta, dik l-unità li għaliha talab Kristu fid-diskors ta' l-Aħħar Ċena: "Biex ilkoll ikunu ħaġa waħda kif jiena fik u Inti fija", din l-unità perfetta tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu tintlaħaq biss fis-sema, iżda trid tibda tinbena f'din id-dinja, u l-pedamenti tagħha huma erbgħa. Ħa ngħidhom fil-qosor:

1. L-ewwelnett il-**verità**. Ebda bniedem ma jista' jiftaħar li għandu l-verità kollha u għalhekk hija meħtieġa riċerka tal-verità. It-tfittxija tal-verità jeħtieġ li tkun umli, għax nafu li aħna suġġetti għall-iżbalji, u r-riċerka trid tkun ukoll perseveranti, għax titlob minna sagrifiċċji. Din il-verità li aħna qegħdin infittxu ma tistax tkun xort'oħra mit-tagħlim ta' Kristu, kif imfisser mill-Knisja li minnHu ġiet mogħtija din is-setgħa li tħares it-tagħlim tiegħu,

tispjegah u twasslu lill-bnedmin. Ġesù, kif insibu fil-Vanġelu ta' San Ġwann (Kap 8:31-32) qal: "Jekk intom iżżommu sħiħ il-kelma tiegħi, tkunu tassew dixxipli tiegħi u tagħrfu s-sewwa, u s-sewwa jagħmilkom ħelsin".

2. It-tieni pedament ta' l-għaqda huwa l-**libertà**: mhux il-kapriċċ, meta kulħadd jagħmel li jrid, imma l-libertà ta' wlied Alla, jiġifieri l-ħlusija mill-preġudizzju u mill-jasar tal-ġibdiet bla raġan. Din hija dispożizzjoni meħtieġa sabiex inkunu nistgħu ngħixu ma' l-oħrajn f'atmosfera ta' rispett lejn xulxin. Il-membri tal-Knisja m'humiex ilsiera mxekklin mill-biża' tal-kastig, iżda huma wlied Alla illi jagħrfu u japprezzaw id-dinjità tagħhom u ta' ħuthom il-bnedmin l-oħra.

3. It-tielet pedament huwa l-**ġustizzja**. L-għaqda tinkiseb biss meta l-jeddijiet ta' kull wieħed huma mħarsin; meta min għandu l-awtorità jfittex dak li jaqbel għas-sudditi tiegħu u kull wieħed mill-membri tas-soċjetà jħabrek għal ġid komuni ta' kulħadd. Speċjalment fil-Knisja ta' Kristu fejn l-awtorità hija servizz għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ ma jistax ikun hemm ordni xieraq mingħajr il-kollaborazzjoni ta' l-insara mar-raġħaj spiritwali tagħhom. Fi kliem ieħor din hija ġustizzja wkoll illi l-insara jsibu min igħallimhom, min jagħtihom is-sagramenti, u r-raġħajja spiritwali jsibu min jaħdem u jikkollabora magħhom.

4. Ir-raba' pedament huwa l-**karità**. Ebda fattur ma huwa iktar effikaċi biex iġib il-għaqda mill-imħabba li Kristu għallem bi kliemu u bl-eżempju tiegħu. Hija l-imħabba ta' l-opri tajba li l-Knisja

Kattolika la llum u lanqas fl-imgħoddi qatt ma hediet li xxandar lill-bnedmin. Nikkwota biss dokument ftit li xejn magħruf, cioè l-enċiklika "Il Fermo Proposito" tal-Papa San Piju X li ħareġ fil-11 ta' Ġunju, 1905. Il-Papa qalilna hekk: "Qisu li tħarsu b'qalbkom kollha l-interessi tal-poplu b'mod partikulari dawk tal-kategoriji tal-ħaddiema u tal-bdiewa mhux biss billi ssawbu f'qalbhom it-tagħlim reliġjuż, iżda wkoll billi tħabirku biex tixxuttawlhom id-dmugħ u ttaffulhom it-tbatijiet, ittejbu l-kundizzjoni ekonomika tagħhom b'miżuri għaqlin, tagħmlu li tistgħu sabiex il-liġijiet pubbliċi jkunu ispirati mill-ġustizzja u jkunu kkoreġuti jew imneħħija dawk il-liġijiet li ma jaqblux mal-ġustizzja. Iddefendu fl-aħħarnett, u ħarsu kif jixraq jagħmlu l-Kattoliċi, id-drittijiet t'Alla f'kull ħaġa u dawk tal-Knisja li huma sagri wkoll". Dan kliem San Piju X ta' tmenin sena ilu. Jiena għalija dan huwa attwalissimu. Il-Knisja żżomm dejjem kuntatt mal-poplu. Dan huwa wieħed mid-dmirijiet tagħha. Il-Knisja ma tistax tingħalaq fis-sagristija anke meta jippruvaw jagħlquha fis-sagristija; il-lajċi li huma membri tagħha wkoll bid-dmir li jagħtu xhieda ta' Kristu u jkunu appostli tiegħu fid-dinja, ikomplu bla waqfien il-ħidma tagħha mhux biss fis-sagristija imma kull fejn ikun hemm bżonn, għax anke l-lajċi huma l-Knisja.

Għall-inqas, dan il-Kungress sewa sabiex ikollna prova oħra kemm il-lajċi fil-gżira għażiża tagħna huma lesti u mħeġġin li jaħdmu id f'id mal-kleru u mar-reliġjużi ħalli l-Knisja tkompli tifrex u ssaħħaħ il-ħidmiet li Alla jrid minnha. Dan huwa sinjal mhux biss ta' għaqda fil-Knisja lokali iżda huwa wkoll

sinjal ta' żgħożija u ta' vitalità. Għalhekk nistgħu nħarsu 'l quddiem b'qalbna qawwija minkejja kull diffikultà li tista' tinqala'. Alla magħna u magħna wkoll il-poplu ta' din il-gżira li fil-Knisja Kattolika dejjem lemaħ l-unika triq li twasslu għand Kristu.

6. KRISTU Ċ-ĊENTRU TAL-ĦAJJA TAGĦNA
(12 - 10 - 1985)

Kif għamilna snin oħra, illum inġbarna hawn fit-Tempju ta' Pinu, f'riġlejn l-Imqaddsa Verġni Marija, biex nagħtu bidu għas-sena soċjali ta' l-A.K., sena li fiha mhux biss nirriflettu fuq il-motto **"Kristu ċ-Ċentru tal-ħajja tagħna"**, iżda naħdmu wkoll biex dan l-ideal jitwettaq fina, membri ta' l-A.K., u fl-akbar numru possibbli ta' Maltin u Għawdxin f'dawn il-gżejjer li dejjem ftaħru bit-tradizzjoni nisranija tagħhom.

Verament li aħna membri ta' l-A.K., ma nistgħux induru lejn Kristu u ngħidulu bħal San Pietru: "Aħna ħallejna kollox u ġejna warajk!" San Pietru ħalla d-dar, id-dgħajsa, ix-xbiek, l-għodda l-oħra tas-sajd, il-mara, u mar wara Kristu. Il-membri ta' l-A.K. m'humiex obbligati li bħal San Pietru jiċċaħħdu minn kollox, iżda jekk wieħed irid ikollu 'l Kristu bħala ċentru ta' ħajtu, għandu jkun lest li jissagrifika xi ħaġa: il-ħin, l-enerġija, il-passatemp, forsi wkoll flusu stess. Għalhekk, jekk irridu nibnu l-ħajja tagħna fuq dak li għallimna Kristu, għandu

jkollna l-intenzjoni u d-disponibilità li niċċaħħdu minn xi ħaġa. Dan biex inkunu iżjed fil-libertà illi nimxu wara Kristu.

Issa ħafna drabi aħna nirripetu ċerti slogans u mhux dejjem nirriflettu biżżejjed fuq it-tifsira tagħhom. X'ifisser meta ngħidu **"Kristu ċ-ċentru tal-ħajja tagħna?"** Fl-opinjoni tiegħi, dan ifisser tliet affarijiet:

Lil Kristu nsibuh l-ewwelnett fl-**Iskrittura Mqaddsa**, b'mod speċjali fil-Vanġelu, li hu r-rakkont tal-ħajja ta' Kristu u l-ġabra tat-tagħlim tiegħu. Allura jekk irridu li jkollna lil Kristu bħala ċ-ċentru ta' ħajjitna jeħtieġ li jkollna aktar **għożża ta' l-Iskrittura Mqaddsa**. Jeħtieġ li naqraw u nimmeditaw aktar ta' spiss il-Kelma ispirata t'Alla.

Kristu jinsab ukoll fl-**Ewkaristija**. Jekk irridu li Kristu jkun tabilħaqq iċ-ċentru tal-ħajja tagħna, jeħtieġ nagħmlu kull ma nistgħu biex insiru **erwieħ ewkaristiċi**. Għall-membri ta' l-A.K., il-quddiesa m'għandhiex tkun biss xi ħaġa ta' tmiem il-ġimgħa. Huma għandhom jagħmlu ħilithom biex jieħdu sehem fil-quddiesa jekk jista' jkun kuljum. Għandhom ikunu minn ta' quddiem fl-adorazzjoni ta' l-Ewkaristija. Għandhom imantnu l-ħajja spiritwali tagħhom bit-tqarbin imqaddes.

Lil Kristu nsibuh imbagħad fil-**Knisja**, li hija l-Ġisem Mistiku tiegħu. Allura jekk irridu li Kristu jkun il-pedament li fuqu nibnu l-A.K. u kull ħidma tagħna, jeħtieġ inkunu **leali lejn il-Knisja**, jeħtieġ nimxu id f'id magħha u noqogħdu għat-tmexxija ta'

dawk li huma responsabbli quddiem Alla ta' l-erwieħ tagħna.

Naturalment, dan il-programm li għażilna għalina, jiġifieri li npoġġu 'l Kristu bħala ċentru ta' ħajjitna, m'huwiex programm ħafif; ma nistgħux inwettquh bil-ħila tagħna biss. Għalhekk nirrikorru għall-għajnuna ta' l-Imqaddsa Verġni Marija. Il-Madonna kellha 'l Kristu bħala ċentru ta' ħajjitha. Għalih issagrifikat kollox wisq iżjed milli ssagrifika kollox San Pietru u d-dixxipli l-oħra. Jalla bl-intercessjoni tal-Madonna, nitgħallmu nħobbu lil Kristu u ngħixu f'għaqda intima miegħu ħalli kullimkien inġibu ruħna bħala xiehda tiegħu quddiem id-dinja u nkunu għodda magħżula f'idejh għall-ġid ta' l-umanità.

7. XI PROBLEMI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ GĦAWDXIN
(24 - 11 - 1985)

Iż-żgħażagħ! Kemm smajna dwarhom matul din is-sena; kemm kliem sabiħ, kemm proġetti, biex ma ngħidx utopiji, ġew diskussi u eżaminati f'diversi setturi tas-soċjetà.

F'dan il-kurrent ta' interess ġdid dwar iż-żgħażagħ hija involuta l-Knisja Kattolika wkoll; però l-interess u ħidma tal-Knisja b'risq din il-kategorija ta' wliedha m'humiex limitati biss għas-sena internazzjonali taż-żgħażagħ; kemm qabel ġiet imnedija din

is-sena, il-Knisja interessat ruħha miż-żgħażagħ u kif ukoll wara li tintemm u tgħaddi din is-sena, il-Knisja tibqa' tiddedika l-ħeġġa tagħha għalihom.

Iżda meta ngħidu l-kelma "żgħażagħ" m'għandniex nibqgħu fl-astratt u nimmaġinaw li dawn huma xi kwalità rari ta' ħlejjaq li jgħixu maqtugħin għalihom. Meta ngħidu "żgħażagħ" għandna ninżlu fir-realtà konkreta u b'din il-kelma nifhmu li dawn huma wliedna u ħutna li l-bieraħ kienu tfal u għada jkunu rġiel u nisa, li jgħixu magħna u bħalna għandhom il-problemi tagħhom ta' kuljum, biċċa żgħar u biċċa kbar, xi whud mill-problemi komuni bħal dawk ta' żgħażagħ oħra u xi whud partikulari ta' l-individwu li jkun.

U la darba qegħdin f'Għawdex, bilfors ikollna nitkellmu dwar żgħażagħ Għawdxin bil-problemi attwali li jsibu ma' wiċċhom, bit-tamiet u bid-dubji li hemm f'qalbhom.

Bħaż-żgħażagħ ta' kull pajjiż ieħor tad-dinja, iż-żgħażagħ Għawdxin għandhom il-problemi li jippreparaw ruħhom għall-ħajja, li jsibu xogħol adatatt għalihom, li jiżviluppaw it-talenti tagħhom, li jħarsu ruħhom mill-kurrenti tal-ħażen. Iżda ħafna miż-żgħażagħ Għawdxin għandhom ċerti preokkupazzjonijiet u diffikultajiet partikulari, li forsi ż-żgħażagħ l-oħra tad-dinja ma għandhomx.

Qiegħed nirreferi għal mijiet ta' żgħażagħ Għawdxin li ta' kull ġimgħa u forsi iktar ta' spiss, iħallu djarhom biex imorru Malta fejn jiffrekwentaw l-iskola jew għandhom ix-xogħol u l-impjieg tagħhom. Din is-sitwazzjoni li tħassbek, meta tkel-

limt fuqha, ġie li sejjaħtilha "problema ta' emigrazzjoni interna". Difatti tixbah ħafna s-sitwazzjoni li jkunu fiha ċerti emigranti, li jkunu 'l bogħod mill-familja u mhux dejjem integrati biżżejjed fis-soċjetà u fl-ambjent li jkunu jgħixu fih.

Id-diffikultajiet li jġarrbu dawn iż-żgħażagħ Għawdxin ma humiex kollha l-istess u komuni għal kulħadd, u mhux lakemm wieħed jifhimhom sewwa u waħda waħda, dawn id-diffikultajiet, jekk ma jkunx igħix magħhom il-ħajja tagħhom ta' kuljum u jaqsam it-tbatijiet li jġarrbu huma.

Nistgħu nsemmu biss xi ftit minn dawn id-diffikultajiet u għamliet ta' tbatijiet li jġarrbu ż-żgħażagħ Għawdxin li jmorru Malta. Hemm dik tas-servizz tat-trasport li speċjalment fix-xitwa, mhux dejjem komdu biżżejjed; hemm id-diffikultà ta' l-alloġġi għax ħafna drabi diffiċli ssib fejn toqgħod u jkollok tikkuntenta b'dak li ssib. Xi wħud mill-Għawdxin għandhom problema finanzjarju. Hemm min għandu l-problema kif igħaddi l-ħin liberu tiegħu bla ma jaħlieh, għax ma jafx fejn ser jaqbad imur wara l-ħin tax-xogħol; għall-kuntrarju, xi wħud mill-istudenti ma jsibux ħin biżżejjed biex jistudjaw bis-sod, għax ħafna ħin jintilef fil-vjaġġ. L-Għawdxin mhux dejjem isibu min jifhimhom biżżejjed u jidher li hemm xi wħud mis-superjuri tagħhom li ma tantx qed jagħtu każ tal-'hardships' li għandhom il-ħaddiema Għawdxin. Fuq kollox lilna jinteressana t-tweġħir morali li jsibu ruħhom fih xi wħud mill-Għawdxin li jgħaddu ħafna jiem 'il bogħod mill-ġenituri tagħhom fil-gżira l-oħra.

Din il-problema ta' l-Għawdxin li jaħdmu Malta

hija wġiegħ ta' ras mhux biss għall-Gvern u għall-Knisja, iżda għal kull familja Għawdxija. Anki dawk il-familji li wliedhom huma żgħar, għandhom jifhmuha li din hija t-triq li minnha jridu jgħaddu dawn meta jikbru u aħjar li minn issa jibdew jippreparawhom għaliha.

Huwa dmir ta' ġustizzja u ta' karità nisranija, li nieħdu bis-serjetà dawn il-problemi li għandhom iż-żgħażagħ Għawdxin li jistudjaw jew jaħdmu f'Malta. Kristu Sultan, li bena r-reliġjon tiegħu fuq il-liġi tal-karità lejn Alla u lejn il-proxxmu, meta jiġi bħala mħallef fl-aħħar taż-żminijiet, jagħti wkoll din is-sentenza: "Kont barrani u lqajtuni...kont barrani u ma lqajtunix" (Mt 25, 38, 43). Anke l-Għawdxin, meta jkollhom igħixu 'l bogħod mill-gżira tagħhom, f'ċertu sens huma barranin u min jilqa' lilhom, fil-persuna tagħhom ikun jilqa' 'l Kristu.

Fost ħwejjeġ oħra, iż-żgħażagħ tagħna jittamaw mhux biss fl-għajnuna kontinwa ta' Kristu, iżda wkoll li l-kliem u t-tagħlim tiegħu jiġu aċċettati u mwettqin mill-bnedmin ta' żminijietna. Huma jemmnu u jifhmu li jekk it-tagħlim ta' Kristu jiġi mwarrab fil-ġenb, ikomplu jikbru u jiżdiedu l-problemi tas-soċjetà tagħna. Fejn m'hemmx rispett għat-tagħlim ta' Kristu, lanqas hemm rispett għad-drittijiet tal-bniedem u mogħdrija sinċiera għat-tbatijiet tagħhom. Iż-żgħażagħ jifhmu wkoll li sabiex fil-ġejjieni jkun hemm is-sliem fi ħdan is-soċjetà tal-bnedmin, jeħtieġ li l-ordni soċjali jkun mibni fuq il-prinċipji tal-ġustizzja u tal-karità li għallimna Kristu.

Għalhekk bir-raġun kollu, fi Kristu Sultan, iqegħdu t-tama tagħhom iż-żgħażagħ insara u din it-tama ma jkun qatt li tisfa mqarrqa.

8. IL-MESSAĠĠ TA' PINU U L-IDENTITÀ NISRANIJA
(22 - 6 - 1987)

Minn hawn u ftit ieħor ngħidu flimkien is-Supplika jew it-talba solenni lill-Madonna ta' Pinu f'dan il-Jum li fih infakkru l-ġrajja meta hija fdat il-messaġġ tagħha lil Karmela Grima.

Iżda sabiex din it-talba issir kif imiss, jeħtieġ qabel xejn li aħna nagħmlu ħilitna ħalli nifhmu l-messaġġ tagħha u nwettquh f'ħajjitna. Kull darba li niftakru fil-Madonna, aħna jkollna quddiemna xempju ta' perfezzjoni spiritwali li minnu nistgħu nitgħallmu ħafna.

L-Imqaddsa Verġni Marija hija l-ewwel nisranija, l-aqwa u l-eqdes fost id-dixxipli ta' Kristu. Hija mfaħħra fl-Evanġelju għaliex kienet dik li emmnet. Il-fidi tagħha f'Alla u fil-kelma tiegħu kienet il-pedament ta' ħajjitha. Hija mhux biss ħadet bis-serjetà lil Alla, iżda rabtet ir-rieda tagħha ma' tiegħu u ntelqet f'idejh. "Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej, ikun minni skond kelmtek" (Lq 1:38).

F'dan l-atteġġjament ta' Marija Santissima,

għandna tweġiba għall-problema ta' **l-identità nisranija**. Xi jfisser tkun nisrani tabilħaqq? Kif jintagħżel in-nisrani awtentiku min-nisrani tal-qoxra biss? Ħafna jistqarru li huma nsara, iżda l-fehmiet tagħhom, kliemhom u l-imġieba tagħhom jixhdu li huma 'l bogħod ħafna mill-istil ta' ħajja nisranija tabilħaqq.

Marija tgħallimna li l-ewwel kundizzjoni biex wieħed ikun nisrani hija l-fidi reliġjuża. Mingħajr fidi ma nistgħux nagħrfu lil Alla. Il-fidi twassalna biex naċċettaw lil Kristu fil-ħajja tagħna, nilqgħu kliemu bħala kelma tal-verità, anke meta tkun misteru għalina, u bil-kuraġġ kollu nippruvaw li nimxu fit-triq li mexa fiha Hu. Il-fidi tmexxina sabiex nitqaddsu bis-sagramenti li ħallielna Kristu, speċjalment bis-sagrament tal-qrar u tat-tqarbin. Il-fidi li tagħmel minna wlied leali tal-Knisja, li jagħtu xhieda tat-twemmin nisrani tagħhom u jħabirku għat-tixrid tas-Saltna t'Alla.

Fil-messaġġ tagħha, il-Madonna ta' Pinu semmmiet il-jiem li fihom ġisimha kien fil-qabar qabel ma ġie mqajjem mill-mewt u mtella' fil-glorja tas-sema. Fi kliem ieħor hija fakkritna fil-verità li wara l-mewt hemm ħajja oħra li tibqa' għal dejjem. Għall-bniedem modern li huwa mitluf u aljenat wara l-problemi tal-ħajja ta' kuljum, din it-twissija hija importanti. Il-ħajja f'din id-dinja mhix kollox; siewja kemm hi siewja, iżda mhix l-unika dimensjoni ta' l-eżistenza umana. Kemm konna nkunu miżeri aħna l-bnedmin, kienu mal-mewt jispiċċa kollox; anzi mal-mewt tibda ħajja ġdida li hija ħajja eterna u għal din il-ħajja jeħtieġ li nibdew naħsbu

minn issa. Dan l-orjentament tagħna lejn l-eternità huwa aspett ieħor mill-identità tagħna nisranija. Ma jistax jissejjaħ nisrani min ħarstu tasal biss sax-xefaq tal-mewt u ma jħabbilx rasu biex ihejji ruħu għal dak li jeżisti lil hemm mill-mewt.

Fil-messaġġ tagħha lil Franġisk Portelli, il-Madonna ta' Pinu ddaħħalna wkoll fil-misteru ta' Kristu. Hija ħeġġet id-devozzjoni lejn il-pjaga ta' l-ispalla ta' Kristu, li saret bit-tbatija tas-salib. Lil Kristu ma nistgħux nifirduh mis-sagrifiċċju tiegħu li bih kisbilna l-fidwa. Min jemmen fi Kristu, Iben Alla magħmul bniedem u Feddej ta' l-umanità, ma jieħux skandlu mis-Salib, li kien il-mezz tas-salvazzjoni. Fi żminijietna, meta l-Ispirtu ta' sagrifiċċju naqas ħafna u kważi spiċċa għal kollox, tajjeb li nilqgħu t-twissija tal-Madonna u niftakru li ma nistgħux naħarbu l-ħażin u nagħmlu t-tajjeb, jekk m'aħniex lesti li nbatu xi ftit ma' Kristu u għal Kristu. Ma nistgħux nilqgħu lil Kristu fil-ħajja tagħna, jekk ma nilqgħux ukoll is-salib li huwa joffrilna. Dan ukoll huwa aspett ieħor ta' l-identità nisranija tagħna. In-nisrani awtentiku, biex iwettaq it-tajjeb li jrid minna Kristu, ma jsibhiex bi tqila li jbati għalih u hekk jissieħeb miegħu fil-misteru tat-tbatija.

F'dan il-jum għażiż, huwa dmir tagħna li nroddu ħajr lil Ommna Marija, li ftakret fina u wasslitilna l-messaġġ tagħha. Iżda huwa dmir tagħna wkoll li nieħdu ħsieb li dan il-messaġġ nifhmuh dejjem aħjar u nwettquh fil-ħajja tagħna bil-għajnuna t'Alla għat-talb ta' l-istess Verġni Marija. Hekk ikun.

9. IL-KONFIRMAZZJONI: SAGRAMENT TAX-XHIEDA TA' KRISTU
(2 - 9 - 1987)

Sa mit-tmiem tat-tieni seklu wara Kristu, fil-komunitajiet Insara kien hemm rit differenti mill-magħmudija, għad li kien għad m'għandux l-isem eżatt ta' Griżma. IL-PAPA KORNELJU, f'nofs it-tielet seklu jagħmel ċara din id-distinzjoni. Sar-raba' seklu, il-griżma jew konfirmazzjoni, mogħtija bit-tqegħid ta' l-idejn jew bid-dlik taż-żejt fil-knisja kattolika, kienet saret rit magħżul mill-magħmudija. (J.A. HARDON, **The Catholic Catechism**, p. 515).

Skond ix-xhieda ta' Tertulljanu (De Carnis Resurrectione, 8) dawn li ġejjin kienu r-riti tal-bidu tal-ħajja Nisranija: magħmudija, Unzjoni, sinjal tas-salib, it-tqegħid ta' l-idejn, tqarbin.

Ippolitu ta' Ruma (235) jitkellem b'mod daqsxejn differenti u jsemmi dawn ir-riti: it-tqegħid ta' l-idejn ta' l-isqof u t-talb, id-dlik biż-żejt ikkonsagrat. U din id-dilka hija differenti minn dik li jagħmel il-qassis wara l-magħmudija, it-tqegħid ta' l-idejn waqt li tingħad formola trinitarja tat-tberik, is-sinjal tas-salib fuq il-ġbin u l-bewsa tal-paċi.

San Ċiprijanu (+258) waqt li jirreferi għall-Atti 8:14, igħid hekk: "Dan għadu jiġri fil-komunità tagħna. Dawk li jitgħammdu fil-Knisja, jingabru quddiem ir-raghajja tal-Knisja (isqfijiet), u bit-talb u t-tqegħid ta' l-idejn jirċievu l-Ispirtu s-Santu.

Is-Sinodu ta' **Elvira** (Spanja c.306) igħid li meta xi ħadd marid serju jirċievi l-Magħmudija b'urġenza minn sekular jew djaknu, għandu jinġieb quddiem l-isqof "sabiex jirċievi l-perfezzjoni bit-tqegħid ta' l-idejn" (can. 38, 77).

San Ċirillu ta' Ġerusalemm (+386) jitkellem dwar il-konfirmazzjoni fit-tielet katekeżi mistagoġika. Santi Padri oħra li jsemmu dan is-sagrament huma Sant'Ambroġ (de Sacr. III, 2:8-10), (De Mysteriis 7, 42); **S. Ġirolmu** (Dial Luciferianos 8et seq.); il-Papa **Innoċent I** (Ep. 25, 3); **S. Wistin** (de Trin. XV, 26, 46; In ep. I Joan. Tract 6, 10); S. Ljun il-Kbir (Sermo 24, 6).

Meta Kostantinu l-Kbir ta l-ħelsien lill-Knisja (313) sar tibdil fl-amministrazzjoni ta' l-ewwel sagramenti. Qabel l-isqof kellu l-possibiltà li jgħammed kull persuna u jagħtiha l-Griżma. Peress li l-għadd ta' dawk li bdew jersqu għall-magħmudija żdied ħafna, l-isqof ma setax ikompli jlaħħaq biex jagħti l-magħmudija u l-griżma lil kulħadd.

Għal din il-problema nstabu żewġ soluzzjonijiet differenti fil-Knisja tal-Lvant u f'dik tal-Punent. Fil-Lvant inżammet id-drawwa primittiva li l-Griżma tingħata immedjatament wara l-Magħmudija, iżda flok l-isqof jagħmel kollox, is-saċerdot li jgħammed. Din id-drawwa fil-Knejjes orjentali għadha tinżamm sal-lum, iżda l-konsagrazzjoni taż-żejt tal-Griżma ssir mill-Isqof. Fil-Punent, il-Magħmudija tingħata mis-saċerdot u l-griżma titħalla għal iktar tard u tingħata mill-isqof barra mill-każijiet ta' emerġenza. "Hekk l-isqof huwa l-ministru ordinarju

ta' dan is-sagrament. Ta' min jinnota li billi mhux dejjem kien faċli ssejjaħ isqof, fil-Medju Evu, il-konfirmazzjoni saret irregolari ħafna, i.e. ħafna nsara kienu jibqgħu mingħajrha (Harden p. 516).

It-teoloġi ta' l-**Iskolastika** u fosthom S. Tumas ta' Aquino, jagħmlu analoġija jew paragun bejn il-ħajja naturali tal-ġisem u l-ħajja soprannaturali tar-ruħ. Kif il-ġisem jitwieled u mbagħad jikber u jissaħħaħ, hekk ir-ruħ titwieled soprannaturalment bil-magħmudija u tissaħħaħ bil-Griżma (S. theol III, 72, 1).

Il-**Konċilju ta' Firenze**, fost is-seba' sagramenti tal-Knisja mwaqqfa minn Kristu, isemmi wkoll il-konfirmazzjoni.

Skond il-Protestant **Melanchton** (Apologia Confessionis art. 13. 6), il-konfirmazzjoni hija rit mibdi mis-Santi Padri u li mhux meħtieġ għas-salvazzjoni, għaliex mhux ikkmandat minn Alla.

Kontra l-protestanti li ċaħdu li l-Griżma hija sagrament differenti mill-Magħmudija, il-**Konċilju ta' Trentu** jistqarr: "Jekk xi ħadd igħid li l-Griżma hija ċerimonja bla bżonn u mhix sagrament veru u proprju, jew li xi darba ma kenitx ħlief katekeżi, li fiha ż-żgħażagħ kienu jistqarru l-fidi tagħhom quddiem il-Knisja, ikun skumnikat" (Denz. 871).

Skond ir-**Razzjonalisti** (p.e. Harnack) il-Konfirmazzjoni żviluppat matul iż-żminijiet minn azzjonijiet simboliċi li kienu jsieħbu l-Magħmudija fl-antik.

Il-**Papa Piju X** ikkundanna t-teoriji tal-Modernisti li kienu jżommu li fiż-żminijiet apostoliċi, il-

Griżma kienet għadha mhix sagrament indipendenti, magħżul mill-magħmudija (Denz. 2044).

Fil-Lumen Gentium, 11, il-Konċilju Vatikan II igħid: "Bis-sagrament tal-Griżma, huma jintrabtu mal-Knisja b'mod iżjed perfett u jkunu mogħnija minn qawwa speċjali ta' l-Ispirtu s-Santu; b'hekk huma jsiru aktar obbligati illi bħala xhieda ta' Kristu, bil-kelma u bil-ħidma jxerrdu l-fidi u jiddefenduha.

— **Natura tal-Konfirmazzjoni** —

X'inhi: "Is-sagrament tal-Konfirmazzjoni, li jimprimi l-karattru u bih l-insara, waqt li jkomplu l-mixja tagħhom tal-bidu tal-ħajja nisranija, jistagħnew bid-don ta' l-Ispirtu s-Santu u jintrabtu b'mod iktar perfett mal-Knisja, isaħħaħ lil dawk li jirċevuh u jobbligahom iktar strettament sabiex bil-kliem u bl-għemil ikunu xiehda ta' Kristu u jxerrdu u jiddefendu l-fidi" (Kan. 879).

Hemm xi definizzjonijiet oħra, per eżempju S. Tumas (S. Th. III, 72, lad 2): "Huwa s-sagrament li bih tingħata saħħa spiritwali lil dawk li twieldu millġdid bil-Magħmudija".

Il-**prova Biblika** li l-konfirmazzjoni hija sagrament imwaqqaf minn Kristu, insibuha fl-Atti ta' l-Appostli, iżda mhix diretta u espliċita, iżda minnha joħroġ il-fatt li l-Appostli kienu jagħtu l-Ispirtu s-Santu bit-tqegħid ta' l-idejn. Nistgħu nassumu li dan ma għamluhx minn rajhom, iżda għaliex kienu mqabbdin minn Kristu, għad li ma nsibu mkien kif u meta Kristu waqqaf dan is-sagrament.

Atti 8: 14-16 dwar Pietru u Ġwanni mibgħutin mill-appostli l-oħra fis-Samarija: "Imbagħad l-appostli (Pietru u Ġwanni) qiegħdu idejhom fuqhom (nies tas-Samarija) u huma rċivew l-Ispirtu s-Santu".

Atti 19; 6: San Pawl jagħti l-Ispirtu s-Santu liddixxipli f'Efesu: "Imbagħad, kif Pawlu qegħidilhom idejh fuqhom, niżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu bl-ilsna u jħabbru. B'kollox kienu madwar tnax-il raġel".

Issa biex ikun hemm sagrament jeħtieġ li jkollu sinjal sensibbli jew rit estern, li jagħti l-grazzja, u magħmul minn Kristu jew b'ordni tiegħu. Skond issiltiet ta' l-Atti hemm: (i) sinjal jew rit estern, i.e. ittqegħid ta' l-idejn; (ii) hemm il-grazzja, għaliex l-għotja ta' l-Ispirtu s-Santu hija l-bidu tal-qdusija u ma tistax issir mingħajr grazzja; (iii) l-Appostli għamlu dan ir-rit b'mandat ta' Kristu, għaliex kien Hu li wegħedhom l-Ispirtu s-Santu. L-Appostli f'kollox kienu jqisu lilhom infushom bħala ministri ta' Kristu (1 Kor. 4, 1).

— **Ministru tal-Konfirmazzjoni**—

Ministru Ordinarju huwa l-isqof. Dan huwa tagħlim "de Fide" tal-Konċilju ta' Trentu, kontra l-Waldesi, il-Wikliffjani, u l-Ħussiti: "Jekk xi ħadd igħid li mhux l-isqof waħdu huwa l-Ministru Ordinarju tal-Konfirmazzjoni, iżda kull qassis, ikun anatema" (D. 873). Il-Papa Innoċenz I jafferma: "Il-qassisin ma jistgħux jimmarkaw il-ġbin bl-istess żejt (kif jagħmlu fil-Magħmudija) iżda dan huwa privileġġ ta' l-isqfijiet biss meta jagħtu l-Ispirtu s-Santu" (D. 98).

Il-Ministru straordinarju huwa l-qassis li jkollu din is-setgħa jew mil-liġi ġenerali, jew minn indult apostoliku speċjali. Kif għidna, fil-Knejjes orjentali, dan is-sagrament jagħtuh is-saċerdoti immedjatament wara l-Magħmudija. Fil-Knisja Latina, din is-setgħa ġiet mogħtija bosta drabi lis-saċerdoti. Hekk San Girgor il-Kbir lill-qassisin ta' Sardinja tahom is-setgħa li jagħtu l-Griżma, iżda biss meta jkun assenti l-isqof (Ep. IV. 26).

Is-suġġett tal-Konfirmazzjoni: Rigward il-validità: il-griżma tista' tingħata biss lil persuna mgħammda (għaliex mingħajr magħmudija ma jistgħux jittieħdu s-sagramenti l-oħra) u li għadha ma rċevietx il-Griżma. Din tittieħed darba biss għaliex tagħti l-karattru.

Għal-liċeità, jew biex il-Konfirmazzjoni tittieħed denjament, huwa meħtieġ l-istat tal-grazzja.

Materja u forma tal-Griżma ta' l-isqof: Il-Papa Pawlu VI fl-1971 iddeċieda li l-essenza tal-konfirmazzjoni tikkonsisti fid-dlik bil-griżma li hija magħmula miż-żejt taż-żebbuġa u l-balzmu, ikkonsagrati mill-Isqof f'Ħamis ix-Xirka, kif ukoll fit-tqegħid ta' l-idejn, waqt li tingħad il-formola.

Sa mis-seklu XII fil-Knisja Latina kienet tintuża l-formola "Jiena ngħallmek bl-għelm tas-salib u nqawwik bil-griżma tas-saħħa, fl-Isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu". Iżda l-formola tarrit Bizantin kienet eqdem u iktar espressiva għaliex tindika l-għotja ta' l-Ispirtu s-Santu. Għalhekk fl-istess riforma ta' Pawlu VI, ġiet adottata din il-formola: "Ħu s-siġill tad-don ta' l-Ispirtu s-Santu".

Effetti tal-Griżma ta' l-Isqof:

(i) Bħala sagrament tal-ħajjin, żieda tal-grazzja santifikanti;

(ii) Dritt tal-persuna konfirmata għall-grazzja attwali;

(iii) Grazzja sagramentali li hija l-perfezzjonament tal-grazzja tal-magħmudija;

(iv) il-karattru: dan is-sinjal jagħti l-qawwa u d-dritt għall-għemejjel meħtieġa fil-battalja spiritwali kontra l-egħdewwa tal-fidi. Jagħti xebh ma' Kristu (N.B. Il-Knisja Ortodossa tiċħad il-karattru tal-Griżma u tirrepeti s-sagrament tal-Griżma meta wieħed jirritorna mill-ereżija).

— Kontribut speċifiku għall-bidu tal-ħajja nisranija —

Id-duttrina tal-fidi. Il-Griżma hija veru sagrament tal-Liġi l-Ġdida, imwaqqaf minn Kristu, li tiegħu l-ministru ordinarju huwa l-Isqof u li tagħti l-karattru. Il-Griżma ta' l-Isqof hija wieħed mit-tliet sagramenti ta' l-**inizjazzjoni nisranija** flimkien mal-Magħmudija u ma' l-Ewkaristija.

Imma skond l-opinjoni teoloġika, x'inhu l-**kontribut speċifiku** li dan is-sagrament jagħti lill-Inizjazzjoni Nisranija? Fil-katekiżmu nitgħallmu li s-sagrament tal-Griżma jagħmilna suldati ta' Kristu. Kif josserva Colman E. O'Neil, din it-terminoloġija suldati ta' Kristu taf il-bidu tagħha lil Pseudo **Melchiade** u lil Fausto ta' **Reiz.**[1] Għad li hija komuni ħafna fit-teoloġija medjevali, it-teoloġi tallum ma jaċċettawhiex.

L-Għotja ta' l-Ispirtu s-Santu: Id-digriet lill-Armeni tal-Konċilju ta' Firenze, 1319, igħid: "L-effett ta' dan is-sagrament huwa li fih jiġi mogħti l-Ispirtu s-Santu għall-qawwa tan-Nisrani bħal ma kien mogħti lill-Appostli nhar Għid il-Ħamsin, sabiex in-nisrani jkun jista' bil-kuraġġ kollu jistqarr l-isem ta' Kristu" (Denz 697). Però ta' min josserva li l-Ispirtu s-Santu jingħata wkoll fil-Magħmudija u fl-Ordni Sagri. Sant'Irinew[2] u San Ġustinu[3] jgħidu espressament li l-Ispirtu s-Santu jingħata fil-magħmudija u San Ċiprijanu jżid: "Per baptisma autem Spiritus Sanctus accipitur' u 'Baptisma esse sine Spiritu non potest'.[4]

Il-Griżma hi s-sagrament tal-maturità nisranija. Fir-rit il-ġdid tal-Griżma, l-Isqof igħid lil dawk li ser jirċievu l-Griżma: "Ngħoddkom bħala nsara adulti". John A. Hardon igħid: "We may in general define Confirmation as the sacrament of spiritual generation...confirmation increases the person's possession of divine life".[5] Din hija wkoll l-opinjoni ta' San Tumas meta jqabbel is-sagramenti mal-ħajja tan-nisrani — **argument ex convenientia** — kif fil-ħajja naturali bniedem jitwieled, hekk ukoll fil-ħajja spiritwali n-nisrani jitwieled bil-magħmudija; kif fil-ħajja naturali l-bniedem jikber u jissaħħaħ, hekk ukoll fil-ħajja spiritwali l-bniedem jissaħħaħ bil-Griżma. Però, ngħidu, mhux is-sagramenti tal-ħajjin kollha jżidu l-grazzji? Allura jekk ngħidu li l-Griżma ssaħħaħ in-nisrani (confermatio), dan mhux l-aspett proprju tagħha biss, imma komuni mas-sagramenti l-oħra. Mela x'inhu dan l-effett speċifiku tal-Griżma?

Xi teoloġi jgħidu li l-Griżma hija **sagrament tax-xhieda nisranija**. Din id-definizzjoni taqbel ma' tagħlim ta' xi Padri li jgħidu li l-Griżma ta' l-Isqof hija s-**sagrament tal-martirju** — jiġifieri sagrament tax-xhieda jew tat-testimonjanza. Iżda kif josserva Christopher J. Walsh "Baptism, which incorporates us into the priestly people of God, is already a commissioning for witness".[6] Dan ifisser li aħna, permezz tal-magħmudija, diġà għandna dak id-dmir li nagħtu xhieda nisranija.

Kien hemm min qal li l-Griżma ta' l-Isqof tagħti lin-nisrani mandat għall-apostolat tal-Lajċi. Din it-teorija kienet popolari fis-snin tletin. Jidher li hemm referenza għaliha fid-digriet **Apostolicam Acquisitatem** li jgħid: "Is-sekulari jiksbu d-dmir u d-dritt għall-apostolat mill-istess għaqda tagħhom ma' Kristu, li hu r-Ras tal-Ġisem Mistiku. Infatti permezz tal-magħmudija huma jsiru parti mill-Ġisem Mistiku ta' Kristu, permezz tal-Griżma ta' l-Isqof imsaħħa bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu jiġu maħtura minn Kristu stess għal apostolat". Però minn dan l-istess kliem tad-digriet, jidher ċar li dan l-effett mhux attribwit esklussivament għall-Griżma ta' l-Isqof biss.

Teoloġi oħra qalu li l-**Griżma ta' l-Isqof hija l-perfezzjonament, il-kumplament tal-Magħmudija**. Anke fir-rit li nużaw illum, insibu dawn il-kelmiet: Tagħtikom xebh ikbar ma' Kristu. Allura fil-magħmudija diġà hemm dan ix-xebh, waqt li l-Griżma tkompli tikkonferma dan ix-xebh li ħadu ma' Kristu. "Conformes fieri imagini Filii Sui" (S. Pawl).

Definizzjoni oħra hija li **permezz tal-Griżma**

wieħed jieħu sehem iktar sħiħ fil-knisja, il-komunità tal-kult. Dan ifisser li d-differenza bejn l-effett tal-Magħmudija u dak tal-Griżma mhix waħda essenzjali jew ta' sustanza, imma hija effett ta' grad. Jiġifieri l-Griżma tkompli tqawwilna dak li diġà rċivejna bħala nukleju fil-magħmudija. Però jidher li dawn it-teoriji jirreduċu l-Griżma għal sempliċi appendiċi tal-Magħmudija.

Oħrajn jippreżentaw din it-teorija: li l-Griżma hija **thejjija għal parteċipazzjoni attiva fil-ħajja tal-Knisja**. Mhux sempliċement tkun membru tal-knisja, imma tieħu sehem attiv fil-ħajja tal-Knisja. Philippe Rouillard jistqarr: "Nella cresima, noi riceviamo lo Spirito che distribuisce i carismi e i ministeri come vuole, per il bene della comunità; riceviamo lo spirito Santo che dispensa i suoi doni per costruire la chiesa; non lo riceviamo soltanto per il nostro progresso personale, ma per il nostro impegno al servizio degli altri ed al servizio di una comunità che dobbiamo contribuire ad edificare".[7]

Hawn naraw li jissemma dak li huwa **proprju tas-sagrament** tal-Griżma. L-Ispirtu Santu jinżel fina mhux sempliċement biex insiru aħjar, imma biex jagħtina xi wħud mill-ministeri tiegħu, għax dawn mhux imqassmin b'mod ugwali f'kulħadd, u hekk inkunu nistgħu nagħtu servizz lill-knisja u lill-bnedmin l-oħra.

Hawn naraw qbil ma' dak li jżommu xi teoloġi mhux kattoliċi, bħal ma huma Thurian u Vischer. Dawn, għalkemm ma jammettux li l-Griżma hija sagrament — skond it-tradizzjoni tar-Riforma — però jinsistu li anke fil-knejjes tagħhom ikun hemm

ċerimonja liturġika ta' konsagrazzjoni għas-servizz tal-Knisja u tad-dinja.

Din it-teorija għandha valur, għaliex lill-persuna, is-sagrament tal-Griżma jagħtiha dinjità li qabel ma kellhiex. U minn din it-teorija nistgħu nieħdu xi konklużjonijiet prattiċi kemm fuq livell ta' pastorali kif ukoll fuq livell ta' apostolat vokazzjonali.

La darba fil-Knisja Latina, tingħata separatament mill-Magħmudija, għandha tiġi rivalorizzata u min jirċeviha jkollu l-età adatta u preparazzjoni xierqa. Għalhekk jeħtieġ li napprofittaw miż-żmien, dak l-intervall bejn il-Magħmudija u l-għoti tal-Griżma. Nistudjaw b'mod intelliġenti l-età tal-kandidati. Dawn la jridu jkunu żgħar ħafna u lanqas kbar ħafna — għax imbagħad ikun hemm il-periklu li meta jikbru ma jagħmluhiex. Fuq kollox, il-Knisja flimkien mal-ġenituri u edukaturi għandha tagħti preparazzjoni u edukazzjoni xierqa lil dawn il-kandidati.

Mhux biżżejjed tagħlim reliġjuż astratt u mogħti b'mod ġenerali għat-tfal kollha, iżda hija meħtieġa attenzjoni individwali għal kull tifel jew tifla, skond l-attitudni tagħhom — kważi direzzjoni spiritwali individwali.

Il-messaġġ nisrani għandu jiġi ippreżentat bħala vokazzjoni — għażla kbira t'Alla u sejħa għall-fidi u għall-qdusija. Il-Konċilju Vatikan II tkellem dwar il-qdusija personali fil-Lumen Gentium, Kap. V.

Iżda fil-preparazzjoni tat-tfal għall-Griżma ta' l-Isqof, wieħed irid jipprova jmexxi lit-tfal anke f'dik

li hija vokazzjoni partikulari tagħhom. X'servizz se jagħti lill-Knisja meta jikber. Għalhekk il-preparazzjoni għall-Griżma għandha tgħin lit-tfal biex jistudjaw il-vokazzjoni partikulari tagħhom.

Il-katekisti u l-edukaturi, bħala parti mill-formazzjoni reliġjuża li jagħtu lit-tfal, għandhom isaħħu fihom il-vokazzjoni saċerdotali, reliġjuża jew missjunarja.

RIFERENZI:

1) COLMAN E. O'NEIL, *Bilancio della teologia del XX Secolo*, 291.
2) *Adv. Her.* 3.17.2.
3) *Dialog.* 29.
4) *Epist.* 63.8; 74.5.
5) John HARDON, *The Catholic Catechism*, 518.
6) J. WALSH, *Symposium 'Pastoral Liturgy'*, 179.
7) P. ROUILLARD, *Dizionario dei Temi della Fede*, 36.

10. ALLA FIĊ-ĊENTRU TA' ĦAJJITNA (27 - 9 - 1987)

Il-kelmiet "Jiena kollni tiegħek" huma l-motto ta' l-istemma tal-Papa attwali, Ġwanni Pawlu II. Jiena ma nafx eżatt mnejn ħadhom dawn il-kelmiet "Totus tuus" — "Jiena kollni tiegħek" — imma naħseb li ħadhom mill-Konsagrazzjoni li l-leġjunarji

jagħmlu lill-Imqaddsa Verġni Marija. Naħseb li anke hawn fostkom hawn minn dawk li huma leġjunarji u tafu illi ta' kull sena u forsi wkoll ta' kuljum, il-leġjunarju jtenni din it-talba li biha jikkonsagra ruħu lill-Madonna "Jiena kollni tiegħek, o Marija".

Iżda rridu niftakru illi dawn il-kelmiet "Jiena kollni tiegħek" qabel ma ngħiduhom aħna lill-Madonna, kienet qalithom Hi lil Alla; mhux eżattament l-istess kliem, imma kliem ekwivalenti, għax meta l-Madonna qaltlu lill-Anġlu, 'Jiena l-ilsira tal-Mulej, iktar minn qaddejja, ilsira tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek", xi jfissru dawn il-kelmiet? — Ifissru "Jiena kollni tiegħek u nintelaq f'idejk u nħalli Lilek, o Alla, li tagħmel minni kif trid Int". U nistgħu ngħidu li dan kien l-atteġġjament fundamentali ta' Marija.

Meta aħna nfaħħru lill-Madonna għall-fidi Tagħha kif faħħritha Eliżabetta, meta aħna nfaħħru l-ubbidjenza ta' Marija, dan għandna quddiem għajnejna: illi Hija kienet dejjem lesta illi twettaq dak li ried minnha Alla. Għaliex? Għaliex ma kellhiex spirtu ta' awtonomija esaġerata; ma kellhiex spirtu ta' indipendenza esaġerata kif għandhom ċerti femministi ta' żminijietna, imma għarfet il-verità illi l-ħajja Tagħha tiddependi kollox minn Alla, u riedet li Alla jqassam kollox kif irid Hu fil-ħajja Tagħha, jipprogramma Hu mument b'mument dak li kellu jgħaddi minn Għaliha.

Allura, meta aħna ngħidu dawk il-kelmiet "Totus tuus" — "Jien kollni tiegħek" — aħna ngħiduhom mhux biss lill-Madonna, imma flimkien mal-

Madonna u fuq l-eżempju Tagħha aħna hemm bżonn li ngħiduhom lil Alla. Jiena kollni tiegħek, qabel ma jiena tal-Madonna; qabel ma nikkonsagra ruħi lill-Madonna jiena kollni kemm jien t'Alla, u nikkonsagra ruħi lil Alla. U hawnhekk hawn xi ħaġa importanti ħafna għalina, il-għaliex ċerti nies anke minn dawk li jiftaħru li huma nsara, din il-ħaġa għadhom ma jifhmuhiex. Jaħsbu li jistgħu jipprogrammaw ħajjithom mingħajr Alla. Jaħsbu li Alla m'għandux jindaħlilhom f'ċerti affarijiet. Jaħsbu li għandhom ikunu sidien skond il-kapriċċi tagħhom. U hawnhekk tibda l-konfużjoni, hawn qiegħed il-gwaj, hawnhekk jibda d-diżordni meta l-bniedem jinsa din il-verità hekk fundamentali.

— **B'liema dritt jindaħal Alla** —

Għaliex niddependu minn Alla? Għaliex hu ħalaqna. Il-għaliex Hu jieħu ħsiebna. Il-għaliex Hu li jżommna f'saħħitna. Il-għaliex Hu li jagħtina d-dehen biex nistgħu nitkellmu. Kieku Alla jitlaqna mument wieħed, ir-roti ta' moħħna jibdew iduru 'l hawn u 'l hemm bħal arloġġ meta tiġrilu xi ħsara; jibda jdoqq waħdu u barra mill-ħin. Din hija verità li ma jista' jiċħadha ħadd: li aħna qegħdin f'idejn Alla u ma nistgħux nitħarrku jekk ma jkunx Alla li jgħinna. Għalhekk l-Appostlu Missierna jgħid 'in quo vivimus, movemur, et sumus' — 'illi Fih ngħixu, nitħarrku u nežistu'. Mingħajr Alla lanqas biss nistgħu nežistu, imma kemm hemm nies, u fosthom kemm hemm insara, illi din il-verità prattika — din il-verità li tolqot il-ħajja tagħhom kontinwament, ma jridux jaċċettawha.

Issib min igħidlek: "U Alla għax għandu jindaħal-

li fid-divertiment tiegħi, liema film immur nara, liema programm tat-televiżjoni nsegwi; Alla għax għandu jindaħalli liema partit nagħżel jew ma nagħżilx; Alla għax għandu jindaħalli jekk jiena niżżewweġ jew ma niżżewwiġx, jekk niddivorzja jew ma niddivorzjax, jekk jiena nħobbx lil marti, waħda biss jew inkella jkolli anke imħabbiet oħra; Alla għax għandu jindaħalli f'dawn l-affarijiet? Jindaħallek għax Huwa s-Sid, il-għaliex inti kollok kemm int Tiegħu. Tirrikonoxxi jew ma tirrikonoxxix din il-verità, tagħraf din il-ħaġa jew ma tagħrafhiex, imma l-verità fiha nnifisha tibqa' dik li hi illi l-bniedem jiddependi minn Alla, li Alla huwa sid assolut tal-bniedem.

U aħna nagħmlu l-Kungressi tax-Xirka mhux biss biex infejqu l-marda tad-dagħa, imma aħna l-laqgħat tagħna nagħmluhom l-ewwelnett biex nibqgħu niftakru aħna li hemm Alla u li Alla għandu d-drittijiet Tiegħu, u t-tieni biex quddiem kulħadd pubblikament fil-pjazez u fit-toroq, barra milli ngħajtu fil-knejjes, ngħajtu wkoll bil-microphones illi Alla jeżisti, li Alla huwa s-Sid tagħna, li Alla għandu d-drittijiet Tiegħu u li aħna għandna obbligi u obbligi liema bħalhom lejn Alla. Fil-fehma tiegħi, dan hu l-iskop tal-Kungressi tax-Xirka, illi nkunu nistgħu naffermaw id-drittijiet t'Alla. Veru li xi drabi tibqa' ħaġa limitata, dawn il-ftit mijiet ta' nies li jinġabru hawnhekk; veru li l-mezzi tax-xandir lanqas biss jintebħu li qegħdin nagħmlu Kungress tax-Xirka, jew forsi xi drabi jintebħu u mbagħad iġibu xi skuża, imma xorta waħda aħna nħossu d-dmir illi barra milli nagħmlu l-funzjonijiet liturġiċi ġewwa l-knejjes tagħna, nagħmlu wkoll funzjonijiet pubbliċi,

nagħmlu wkoll purċissjonijiet u nagħmlu wkoll dan il-Kungress tax-Xirka biex nistqarru quddiem kulħadd id-drittijiet t'Alla l-Imbierek.

— **Alla Sid u Ħabib** —

Ħafna minnkom siefru u kien hemm min għadda parti kbira minn ħajtu msiefer jew l-Awstralja jew il-Kanada jew x'imkien ieħor. Jiena, ngħid għalija, kull meta nsiefer, b'dak nintebaħ li jekk f'pajjiżna m'għandna xejn, jekk forsi aħna foqra, jekk forsi għandna ħafna problemi, iżda għall-inqas l-idea t'Alla għadha teżisti fostna, għallinqas fil-kotra kbira tiegħu l-poplu Malti u Għawdxi jaf li hemm Alla u lil dan Alla ma jqisux bħala rival tiegħu, ma jqisux bħala xi ħadd li miegħu ma għandu x'jaqsam xejn, imma jqisu bħala Sidu, bħala Padrun tiegħu u wkoll bħala benefattur tiegħu, għax aħna mhux biss nistqarru li Alla huwa Sidna, u għandu kull setgħa fuqna, imma nistqarru wkoll li Huwa jħobbna u lest li jagħtina l-għajnuna li neħtieġu.

Però, f'ħafna pajjiżi x'ġara? Ġara li 'l Alla warrbuH fil-ġenb, hemm min 'l Alla ċaħdu u qed jagħmillu gwerra u qed jonfoq miljuni u miljuni ta' flus biex jagħmel gwerra 'l Alla. Imma hemm min isib triq oħra, metodu iktar ħafif; lil Alla mhux qed jikkumbattiH imma qiegħed jemarġinaH, iwarrbu għall-ġenb, 'l Alla jittrattaH qisu ma kienx jeżisti.

Illum, fejn tidħol il-produzzjoni industrijali, fejn jidħol il-kummerċ, kemm hemm nies li jgħidu: imma Alla kif iridna nwettquhom dawn l-affarijiet? X'inhi l-liġi t'Alla dwar din il-ħaġa? L-istess fejn tidħol il-ħajja tal-familja, ħafna pajjiżi ta' l-Ewropa, kemm

hemm nies li jgħidu: imma Alla kif iridna nibnuha din il-familja tagħna? Kif iridna mmexxuha l-familja tagħna? Anke fid-divertiment: kull kamp tal-ħajja, ħafna drabi Alla huwa emarġinat, Alla huwa mwarrab fil-ġenb. U jiena nixtieq illi nfisser ċerta pre-okkupazzjoni tiegħi kif f'pajjiżna ċerti nies qegħdin jużaw ċerti espressjonijiet li m'humiex eżatti u li bihom nistgħu nagħmlu ħsara lir-reliġjon tagħna, ċerti espressjonijiet illi xi nies igħiduhom mingħajr ma jirriflettu u li jistgħu jbegħduna mill-verità oġġettiva kif inhi fiha nfisha. Tisma' min igħidlek għax il-Knisja ma tridx id-divorzju. Bil-mod! Mhix eżatta dik l-espressjoni: Alla ma jridx id-divorzju. Tgħiduli, imma l-Knisja trid id-divorzju? Il-Knisja ma tagħmilx ħaġa oħra ħlief tispjega l-liġi t'Alla, u għandha d-dritt li tispjega l-liġi t'Alla, il-għaliex Kristu, li ġie f'din l-art biex igħallimna u biex jifdina, f'idejn il-Knisja ħalla din il-missjoni li tispjega b'mod awtorevoli l-liġi tal-Mulej. Imma mhux tiġi tgħidli 'il-Knisja ma tridx id-divorzju'. Veru, il-Knisja ma tridx id-divorzju imma huwa Alla li ma jridx id-divorzju. U jekk wieħed jiddeċiedi illi jagħmel id-divorzju jkun qed jeħodha mhux biss kontra l-Knisja, imma wkoll ikun qed jeħodha kontra Alla. Jew tisma': għax il-Papa ma jridx l-użu tal-contraceptives. Bil-mod. Il-Papa dejjem ippriedka li dawn il-mezzi artifiċjali tal-kontroll tat-twelid huma ħżiena, imma l-Papa din ma qalagħhiex minn żniedu. Il-Papa qiegħed jinterpreta, qiegħed ifisser il-liġi t'Alla. Huwa Alla li ma jridx tbagħbis f'dawn l-affarijiet.

— **Tbagħbis fil-Ħajja tal-Bniedem** —

Għadu kif ħareġ dokument tal-Knisja dwar l-

esperimenti illi jsiru fuq l-embrijoni, jiġifieri fuq trabi li għadhom ma tweldux. Il-Papa mhux qiegħed jesprimi l-opinjoni persunali tiegħu, imma qiegħed iwassal il-messaġġ ta' Alla nnifsu. Alla l-Imbierek li huwa s-Sid tal-ħajja u ċerti manipulazzjonijiet, ċertu tbagħbis fil-bidu tal-ħajja tal-bniedem, Alla ma jippermettihx, Alla jikkundannah. Huma affarijiet kontra l-Liġi t'Alla li tgħidlek 'La toqtolx' u 'La tiżnix'. Allura tħallux min jingannakom.

Imma l-Papa hemmhekk, u anke fid-dokumenti l-oħra tiegħu, jafferma d-drittijiet t'Alla, u jgħallem għal darb'oħra li l-Liġi t'Alla hija tajba, hija qaddisa, hija ta' min josservaha u jirrispettaha. Allura, nifthu għajnejna, ma nwarrbux 'l Alla fil-ġenb. Alla jeħtieġ li jkun fiċ-ċentru ta' ħajjitna, fil-qalba ta' ħajjitna. 'L Alla għandna nfittxuH mhux biss meta mmorru l-Knisja, imma 'l Alla għandna nfittxuH fid-dar tagħna, għandna nfittxuH fil-postijiet tax-xogħol, u anke meta mmorru niddevertu. Qatt ma għandna mmorru bil-ħsieb li niddevertu 'l bogħod minn Alla, jew b'ċertu mod kif Alla ma jridx, imma niddevertu u nixxalaw dejjem b'rikreazzjoni onesta u li tixirqilna bħala Nsara. Għalhekk mela, inżommu quddiem għajnejna dawn il-kelmiet: "Jiena kollni Tiegħek". Hawnhekk hawn il-qofol tal-ħajja Nisranija: hija l-formola illi biha nesprimu l-Kristjaniżmu ġenwin awtentiku. In-Nisrani jaf illi Alla huwa sid tiegħu, jaċċetta l-liġi t'Alla, s'intendi dejjem bil-għajnuna tal-grazzja ta' Alla stess, u jipprova jwettaqha fil-ħajja tiegħu ta' kuljum.

— Ri-Evanġelizzazzjoni —

Semmejt il-Papa. Waħda mill-appelli, mis-seħjat

li jagħmel ta' spiss, hija tar-ri-evanġelizzazzjoni — Evanġelizzazzjoni ġdida ta' l-Ewropa. L-Ewropa darba kienet pagana, ġew il-Missjunarji, ippriedkaw u kkonvertewha. Imma l-Papa qiegħed iħoss il-ħtieġa tar-ri-Evanġelizzazzjoni. Illi l-Ewropa tiġi Evanġelizzata mill-ġdid. Ħafna nies fl-Ewropa, saru pagani, il-għaliex l-istil tal-ħajja taghhom tbiegħed għal kollox mill-istil tal-ħajja Nisranija. U l-Papa jrid li jkun hemm ri-Evanġelizzazzjoni ta' l-Ewropa. U jiena nista' ngħid illi l-Għawdxin u l-Maltin jistgħu jkunu minn ta' quddiem nett f'din l-opra qaddisa li l-Papa qed jitlob minna, l-Evanġelizzazzjoni ġdida ta' l-Ewropa. Kif? Il-għaliex jiena qiegħed nara hawnhekk sorijiet ta' diversi Ordnijiet Reliġjużi; qiegħed nara wkoll saċerdoti u ħafna minnhom qegħdin fl-Ewropa, min fl-Italja, min fl-Ingilterra, forsi anki xi ħadd fi Franza, u dawn qegħdin jagħmlu xogħol ta' ri-Evanġelizzazzjoni. Tgħiduli, imma n-numru tagħhom huwa ftit. Għal Alla n-numri ma jgħoddux, imma tgħodd ir-rieda tajba tal-bniedem. Ngħinuhom lil dawn is-saċerdoti, lil dawn is-sorijiet, forsi hemm anki xi sekulari li qegħdin igħixu barra minn pajjiżna, u l-ħidma tagħhom u l-eżempju tagħhom jista' jservi biex titwettaq din il-ħidma ta' Evanġelizzazzjoni ġdida.

Fuq kollox, noqogħdu attenti għal dawk il-barranin li jiġu pajjiżna. Jeħtieġ li aħna nagħtuhom eżempju tajjeb, jeħtieġ li quddiem dawn il-barranin li jiġu hawnhekk, inġibu ruħna ta' veri Nsara, nuruhom li aħna nemmnu f'Alla, nuruhom illi l-liġi ta' Kristu għalina fiha valur, nuruhom illi mhux il-flus biss huma l-uniku nteress tagħna. Jiena jiddis-

pjaċini ngħid, kif semma xi ħadd li tkellem qabli, li donnu hawn mewġa ġdida ta' materjaliżmu; donnu ċerti nies ħlief flus mhux qegħdin jaraw, donnhom ċerti nies dan huwa l-uniku valur u l-unika tifsira tal-ħajja tagħhom. Il-flus, kif kien igħid il-Papa Piju XI, huma 'qaddej tajjeb, imma sid ħażin u krudil'. Ma nħallux lir-regħba tal-flus tmexxina u tagħmina. Imma ninqdew b'dak li Alla jipprovdielna mhux biss biex nimxu 'l quddiem spiritwalment u kulturalment, imma anke biex nagħmlu l-ġid madwarna.

Il-Kungress tax-Xirka li qegħdin nikkonkludu l-lejla għandu tifsira speċjali l-għaliex qegħdin nagħmluh fis-Sena Marjana. U anke hawnhekk, ippermettuli illi nesprimi d-dispjaċir tiegħi illi kważi nħoss li ċerti nies donnhom għadhom anqas intebħu li bdiet is-Sena Marjana. Wieħed li tkellem qabli għamel anke l-kalkolu kemm il-ġurnata għaddiet minn meta nfetħet is-Sena Marjana fil-Pentekoste li għadda. Anke meta l-Papa ddikjara s-Sena Marjana din il-ħaġa għamilha mhux sempliċement biex jagħmel att ta' devozzjoni, imma biex ikun hemm qawmien spiritwali.

Għalhekk, mela, nitolbuha lil Sidtna Marija, biex tgħinna ħalli nqumu min-ngħas tagħna, biex nagħrfu u naraw aħjar il-verità, biex nagħtu s-sehem tagħna għall-Evanġelizzazzjoni ġdida ta' l-Ewropa u ta' pajjiżi oħrajn li jiftaħru li huma ċivilizzati.

Fuq kollox, nitolbuHa lil Marija biex aħna, fuq l-eżempju Tagħha, dejjem inħarsu lejn Alla bħala sid u benefattur tagħna, u nfittxu nwettqu f'kollox ir-rieda mqaddsa Tiegħu.

11. L-IŻVILUPP TEKNOLOĠIKU
(29-10-87)

X'nifħmu meta ngħidu żvilupp teknoloġiku? X'inhi t-teknoloġija? Hija x-xjenza applikata għall-ħidma tal-bniedem. Ix-xjenzati matul iż-żminijiet irnexxielhom li jiskopru l-liġijiet tan-natura, ċerti qawwiet misterjużi li qabel ħadd ma kien jaf bihom; imma x-xjenza mhux biss tiskopri dak li hemm fin-natura, imma tapplikah ukoll biex tbiddel il-ħajja tal-bniedem. Dan iseħħ f'kull kamp tal-ħajja; per eżempju, fil-mediċina.

Issa t-teknoloġija mhux biss imxiet 'il quddiem, imma għandha futur. Għalhekk meta ngħidu żvilupp teknoloġiku, nifħmu wkoll kambjament aċċellerat — mhux biss tibdil imgħaġġel, imma tibdil li jgħaġġel aktar, dejjem iżid fl-għaġġla tiegħu. Dan l-iżvilupp ma twettaqx b'ritmu ugwali, imma dejjem jiżdied — hekk li f'dawn l-aħħar għaxar snin sar żvilupp teknoloġiku wisq aktar minn żvilupp teknoloġiku li sar fl-aħħar ħamsin sena ta' qabilhom. Allura jeħtieġ li nkunu preparati għal dan it-tibdil u nkunu nafu kif ser nikkoeżistu miegħu — kif aħna nistgħu ngħixu f'dinja li dejjem qed tinbidel.

— Ambivalenza ta' l-Iżvilupp —

L-iżvilupp teknoloġiku huwa tajjeb jew ħażin? Dan it-tiġdid teknoloġiku kontinwu huwa ta' ġid jew ta' ħsara għall-bniedem? Ir-risposta hija li dan it-tiġdid teknoloġiku huwa ambivalenti — daqs kemm jista' jkun tajjeb daqshekk ieħor jista' jkun ħażin. It-tajjeb li fih nistgħu nutilizzawh — dak li hemm tajjeb

għall-bniedem, jeħtieġ li naċċettawh mhux biss għall-ħajja individwali, għall-familja, imma wkoll għall-apostolat, għall-ħidma pastorali. Dwar l-aspett ħażin ta' dan l-iżvilupp, importanti li aħna nkunu kapaċi nippreveduh; imbagħad jekk jista' jkun inżommuh 'l bogħod minna; aħjar hekk milli nħallu li tiġrilna l-ħsara, imbagħad nippruvaw nirrangawha.

Xi riżultati pożittivi ta' l-iżvilupp teknoloġiku huma l-mezzi tat-trasport, il-mezzi ta' komunikazzjoni, television, radio, computers, enerġiji differenti (elettriku, nukleari), progress fit-tagħlim, fil-mediċina, terapija, fl-agrikultura, fl-allevament tal-bhejjem. Dan kollu ġab ħafna iktar ħeffa, inqas tbatija, u fuq kollox iħalli aktar spazju għall-ħin liberu, li fih il-bniedem jista' mhux biss jiddeverti, imma wkoll jikber fil-kultura tiegħu.

— **Manipulazzjoni tal-Bniedem** —

Però hemm ukoll aspetti negattivi li hemm bżonn jinstab rimedju għalihom. Jista' jkun hemm manipulazzjoni tal-bniedem, u din il-manipulazzjoni hija periklu kontinwu. Meta l-bniedem jiġi manipulat jista' jiġi mqarraq fil-ġudizzju tiegħu dwar ċerti affarijiet u jista' jkun imġiegħel jiddeċiedi kontra l-konvinzjoni personali tiegħu. U hawnhekk hawn ħafna x'nistgħu ngħidu dwar il-Mass Media — television, radio, gazzetti. Illum bit-teknoloġija moderna l-istampar sar aktar faċli, però anke dan jista' jkollu effetti negattivi. Hemm kotba, gazzetti u stampar ieħor li jista' jagħmel il-ġid; però hemm ukoll materjal stampat ieħor li jista' jagħmel il-ħsara. Il-bniedem għandu d-dritt tad-deċiżjoni

ħielsa tiegħu u għalhekk jeħtieġ li jkun imħares minn kull xorta ta' manipulazzjoni.

— **L-Awtomazzjoni** —

L-iżvilupp teknoloġiku għandu wkoll influwenza fuq ix-xogħol tal-bniedem — fuq kull tip ta' xogħol. Waħda mill-effetti tat-teknoloġija hija l-awtomazzjoni — ix-xogħol li qabel kienu jagħmluh il-bnedmin, illum tagħmlu l-magna b'inqas ħaddiema. Dan ifisser li l-iżvilupp teknoloġiku wassal ukoll għal nuqqas ta' impjiegi. Ċerti fabbriki llum għandhom magni moderni u jużaw proċess ġdid u allura ma għandhomx bżonn ta' l-istess numru ta' ħaddiema li kellhom qabel.

F'dan il-kamp jeħtieġ li jkun applikat il-prinċipju nisrani li mhux il-bniedem għax-xogħol, imma x-xogħol għall-bniedem. Il-bniedem huwa fini, ix-xogħol huwa mezz. Ix-xogħol qabel kollox għandu jservi għall-bniedem u mhux għall-profitt. Il-profitt jiġi wara li jkunu sofisfatti l-esiġenzi tal-ħaddiema u ta' kull min huwa nvolut f'dan il-proċess tax-xogħol. Altrimenti jkollna inverżjoni ta' valuri — mela s-sidien ma għandhomx jaraw biss l-interessi tagħhom u ma jikkunsidraw xejn l-interessi tal-ħaddiema.

Dwar il-qgħad li jista' jkun konsegwenza tal-progress teknoloġiku hemm artiklu sħiħ fir-IV volum tal-Kelma tar-Ragħaj. Nixtieq nirrepeti ħaġa waħda li għidtha wkoll f'dak l-artiklu: ir-responsabbiltà li tikkumbatti l-qgħad, mhix tal-Gvern biss. L-Istat qabel kulħadd jeħtieġ li jikkumbatti l-qgħad u jara x'jagħmel biex kemm jista' jkun jinstab xogħol għal kulħadd; imma anke kull wieħed mill-membri

tas-soċjetà għandu jħabbel moħħu li jara li għandu jkun hemm xogħol għal kull min jixtieq jaħdem.

— **Is-Saħħa tal-Ħaddiem** —

Hemm influwenza oħra fuq ix-xogħol bħala effett ta' l-iżvilupp teknoloġiku li jridu joqogħdu attenti għaliha, speċjalment il-ħaddiema tal-fabbriki. Ħafna drabi l-iżvilupp teknoloġiku ġab ħsara lis-saħħa tal-ħaddiema, p.e. ċerti sustanzi kimiċi jistgħu jagħmlu ħsara lill-ġilda, lill-għajnejn u lis-sistema nervuż.

— **Id-Divertiment u l-Edukazzjoni** —

Dan l-iżvilupp teknoloġiku ġab bidla wkoll fil-mod kif il-bniedem igħaddi l-ħin liberu tiegħu. Illum id-divertiment sar ħaġa wisq aktar komplikata mill-imgħoddi; barra minn hekk sar iktar passiv u jinvolvi nefqa ikbar.

L-iżvilupp teknoloġiku jaffettwa wkoll l-edukazzjoni tal-kbar u taż-żgħar. Illum it-tagħlim jitlob inqas sforz, p.e. il-calculator igħin ħafna fil-matematika. Però, għalkemm it-tagħlim sar aktar ħafif u inqas tedjuż, forsi sar superfiċjali iktar milli kien qabel.

— **X'Jista' Jsir?** —

L-ewwelnett għandu jkun hemm aktar attenzjoni għat-tagħlim soċjali tal-Knisja. Il-Knisja tinteressa ruħha mill-problemi internazzjonali kollha — mhux biss mill-problema tal-paċi u mill-problema ta' fraternità bejn poplu u ieħor, imma wkoll mill-

problema ta' l-analfabetizzazzjoni, il-problema tal-ġuħ, il-problema ta' l-ekoloġija, eċċ.

Kif Kristu sar bniedem u daħal fl-istorja tal-bniedem, hekk ukoll il-Knisja tinkarna, tilbes l-istess problemi u l-istess aspirazzjonijiet u l-istess kundizzjonijiet li jkollhom il-bnedmin tad-dinja. Għalhekk il-Knisja tieħu bis-serjetà l-problemi tal-bnedmin ta' żmienna.

Għalhekk l-iżvilupp teknoloġiku jitlob minna li nsegwu dak li jkunu qegħdin igħidu l-Papiet u l-Isqfijiet dwar il-problemi l-ġodda. Ħaġa tajba li niddiskutuhom ukoll fil-laqgħat ta' l-Għaqdiet tagħna, kif ser nagħmlu dalgħodu, bil-għan li mid-diskussjoni joħorġu xi suġġerimenti siewja.

12. FIT-TRIQ TAL-QDUSIJA (4 - 7 - 1988)

Il-ħidma illi biha l-bniedem jasal għal grad għoli tal-qdusija, hija ħidma misterjuża għaliex il-qdusija tal-bniedem mhix ħaġ'oħra ħlief id-djalogu bejn l-ispirazzjoni ta' Alla u l-kooperazzjoni tal-bniedem.

L-Ispirtu s-Santu Alla li huwa l-awtur ta' kull qdusija, artist tas-sengħa liema bħalha, jorqom u jseddaq ir-ruħ tal-bniedem li hu għażel għalih biex jimliha bil-grazzji tiegħu. Għalhekk bilfors li aħna ngħidu li dak ix-xogħol u ħidma tas-santifikazzjoni tar-ruħ hija ħidma kollha kemm hi misterjuża, ħidma illi minnha l-bniedem jifhem ftit u ftit biss.

Iżda f'din il-ħidma tat-tqaddis, fis-santifikazzjoni tar-ruħ għandha parti importanti dik l-azzjoni li aħna nsejħulha dixxerniment. Il-bniedem imsejjaħ minn Alla għall-qdusija jeħtieġ li wara talb u riflessjoni jagħraf xi jrid Alla, jintebaħ bit-toroq li Alla minnhom ikun irid igħaddih. Mingħajr dixxerniment ma jistax ikun hemm adessjoni tal-volontà tal-bniedem u l-aċċettazzjoni tal-pjan li Alla għandu għalih. Jiġifieri l-bniedem biex isir qaddis jeħtieġlu qabel xejn u fuq kollox illi jagħmel dan id-dixxerniment biex jagħraf xi jrid Alla minnu, biex imbagħad ikun jista' jwettaq ir-rieda t'Alla. Fl-aħħar mill-aħħar hawn qiegħda l-essenza tal-qdusija, illi wieħed jaċċetta r-rieda t'Alla, li wieħed jagħraf il-pjan li Alla sawwar għalih u bil-kuraġġ u bla ma jaqta' qalbu jwettaq ftit ftit matul ħajtu dan il-pjan tal-qdusija.

Issa llum aħna ġejna hawnhekk, f'dan is-Santwarju ta' Pinu biex nieħdu sehem f'ċelebrazzjoni illi hija mhux biss rari imma nistgħu ngħidu li hija unika, il-għaliex id-Djoċesi tagħna, li ilha wieqfa iktar minn mitt sena, iżda qatt fl-imgħoddi ma saret fiha funzjoni ta' din l-għamla. U għandna nħossuna xxurtjati li qegħdin hawnhekk u aħna l-atturi u l-ispettaturi ta' din il-funzjoni tal-lum. Aħna qegħdin nagħtu l-ewwel passi ta' dan il-proċess tal-Beatifikazzjoni ta' Madre Margerita De Brincat. U hawnhekk ukoll il-Komunità tagħna u l-insara ta' pajjiżna huma mitlubin biex jagħmlu att ta' dixxerniment, dixxerniment komunitarju, irridu flimkien u bil-kooperazzjoni ta' kulħadd, nippruvaw nifhmu u niddeċiedu x'irid Alla minna f'dan il-mument, x'inhi r-rieda t'Alla rigward Madre Margerita, x'inhu dak li jista' jkun ta' l-ikbar ġieh għal Alla u ta'

ġid spiritwali għalina l-bnedmin. Allura l-fatt li qegħdin nieħdu sehem f'din il-funzjoni singulari tallejla huwa għalina mhux biss unur iżda wkoll tagħbija, mhux biss ġieh imma anki dmir. Irridu nidħlu għal din il-biċċa xogħol **"con timore e tremore"**, bil-biża' u tregħid il-għaliex aħna qegħdin nippruvaw nidħlu fil-pjani t'Alla, fil-proġetti t'Alla l-Imbierek li huma proġetti sbieħ u qaddisa u nobbli imma mhux dejjem jirnexxielna nifhmuhom.

Għalhekk aħna nagħtu l-ewwel passi fil-proċess ta' l-istudju dwar il-beatifikazzjoni ta' Madre Margerita bi spirtu ta' umiltà liema bħalha. Aħna rridu biss dak li jrid Alla, kif iridu Alla, u meta jridu Alla. Aħna ma għandna l-ebda intenzjoni li ngħaġġlu l-affarijiet iżjed mir-ritmu naturali li dawn l-affarijiet jeħtieġu. Aħna nafu li l-bidwi juri xewqa kbira illi l-qamħa tikber u tagħti l-frott, imma l-ebda bidwi għaqli ma jmur iġebbed iż-żbula biex tikber iżjed imma jħalliha tieħu ż-żmien tagħha, tixrob l-ilma tax-xita, issir bir-raġġi tax-xemx, imbagħad meta jkun il-waqt, fi żmien il-ħsad, il-qamħ jingabar fil-matmura. Hekk ukoll dan il-proċess tal-beatifikazzjoni mhux xi ħaġa ta' l-għaġġla. Illum għandna nagħmlu dawn il-mistoqsijiet fundamentali: "X'irid Alla mill-komunità tagħna rigward din ir-ruħ twajba ta' Madre Margerita? Wasal jew ma wasalx iż-żmien li tkun iktar magħrufa u mogħtija qima?" Dawn huma d-domandi li jinteressawna u jeħtieġu ż-żmien u għaqal biex inkunu nistgħu nwieġbu għalihom. Għalhekk għidtilkom li l-funzjoni tallejla hija funzjoni ta' ferħ, nieħdu sehem fiha b'sens ta' kburija spiritwali, imma bl-umiltà kollha nippruvaw nagħmlu dixxerniment u nagħrfu x'inhi

r-rieda t'Alla. Fl-istess ħin noqogħdu b'seba' għajnejn li ma nieħdux xi żball u npoġġu r-rieda tagħna minflok ir-rieda t'Alla u ngħidu li hu pjan t'Alla dak li huwa biss proġett tal-bniedem.

F'okkażjoni bħal din, jiena nixtieq nagħmel appell għall-kooperazzjoni tagħkom. Il-kawża tal-beatifikazzjoni ta' Madre Margerita ftit jew wisq għandha tinteressa lil kulħadd. Għandha tinteressa lis-sorijiet tal-Kongregazzjoni tagħha. Minn ta' quddiem għandha tinteressa lilna l-Għawdxin il-għaliex din ir-ruħ twajba twieldet fi gżiritna, fi gżiritna wkoll bdiet il-ħidma tagħha bħala fundatriċi. Iżda għandha tinteressa lill-poplu Malti kollu, il-għaliex Madre Margerita hija Maltija, bint il-poplu Malti u għalhekk il-kawża tal-beatifikazzjoni tagħha għandha tinteressa lil kulħadd. Dan l-appell għall-kooperazzjoni mela nagħmlu lill-Maltin u lill-Għawdxin kollha.

Fuq kollox hemm bżonn li nitolbu, nitolbu lill-Mulej biex inwettqu sewwa dan l-eżerċizzju ta' dix-xerniment. Il-Mulej jagħtina d-dawl ħalli nagħrfu sewwa fejn hi l-verità. Il-Mulej jagħtina l-perseveranza u s-sabar sabiex ma naqtgħux qalbna mit-tul tal-proċess, imma nagħmlu kull ma hu meħtieġ bil-ħeġġa u l-entużjażmu.

Dan mela hu s-sinifikat, it-tifsira tal-funzjoni tal-lejla, fiha d-Djoċesi qiegħda tagħti l-ewwel passi biex tkun tista' titwettaq il-kawża tal-beatifikazzjoni ta' Madre Margerita. Kulħadd huwa msejjaħ biex jitlob, jitlob kontinwament ħalli jekk din hija r-rieda t'Alla, meta jkun il-waqt jingħata l-ġieh ta' l-artali lil waħda mill-ulied tal-poplu tagħna.

Fl-istess ħin kull meta nitkellmu fuq il-qaddisin u l-erwieħ twajba aħna naraw il-kobor ta' din is-sejħa biex aħna nimxu mill-istess toroq li għaddew huma. Fil-ħajja ta' Santu Wistin naqraw li kellu influwenza kbira fid-deċiżjonijiet tiegħu l-fatt li xi nobbli ħallew l-għana tal-palazzi biex imorru jgħixu fid-dežert. Santu Wistin meta rrifletta fuq dan il-pass għamel din il-konklużjoni: "Jekk dawn irnexxielhom jirbħu d-dinja, jaqbdu t-triq tal-qdusija, għaliex ma nagħmilx hekk jien ukoll?"

Allura, nixtieq nagħlaq dawn iż-żewġ kelmiet fqajrin tiegħi billi nagħmel sejħa lil kulħadd, irġiel u nisa, membri tal-Kleru, insara, kbar u żgħar, biex l-eżempju ta' Madre Margerita jqanqalna ħalli anki aħna nwettqu l-missjoni li jrid Alla minna u kif igħallimna l-Konċilju Vatikan II fil-Kapitlu V fil-Lumen Gentium, "Nieħdu bis-serjetà l-Magħmudija tagħna u nimxu bil-kuraġġ aħna wkoll fit-triq tal-qdusija".

13. L-ISPIRTU TA' SAGRIFIĊĊJU
(5 - 7 - 1988)

Ġejna flimkien nagħtu qima lill-Madonna fis-Santwarju tal-Mellieħa bħala waħda mill-attivitajiet ta' din is-Sena Marjana. Żgur li matul din is-sena aħna qlajna ħafna grazzji mingħand Alla. Huwa dmir tagħna li lill-Mulej inroddulu ħajr ta' dan kollu.

Iżda jiena l-lejla, xtaqt ngħidilkom biex nitolbu grazzja oħra lil Alla — grazzja li għandna bżonnha ħafna. Ma ninsewx li l-Madonna hija Omm il-Ħaruf Immakulat: Kristu huwa l-Ħaruf Immakulat. Dan ifisser li Kristu sa mill-eternità kien iddestinat għas-sagrifiċċju tas-Salib; Kristu huwa l-bniedem Alla li ġie fid-dinja biex jifdi l-umanità mhux biss bit-tagħlim tiegħu imma iktar u iktar bis-sagrifiċċju tas-salib. Għalhekk Kristu huwa l-Ħaruf bla tebgħa; għalhekk S. Ġwann il-Battista meta wrieh lill-poplu sejjaħlu: "Dan hu l-Ħaruf t'Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja".

Il-Madonna mhux biss kienet taf li Binha Ġesù huwa l-Ħaruf Immakulat, imma hija stess ħadet sehem kbir fis-sagrifiċċju tiegħu fuq il-Kalvarju fejn hija saret l-Omm tad-Duluri.

X'inhi l-grazzja spiritwali li għandna bżonn nitolbu lil Alla bl-interċessjoni tal-Madonna? Hija l-grazzja li aħna nifhmu li ma nistgħux inkunu nsara veri jekk ma jkollniex spirtu ta' sagrifiċċju. Jekk għadna m'aħniex lesti li naqsmu t-tbatija ta' Kristu, allura aħna nsara ta' l-isem. Kieku l-insara ta' żmienna jitgħallmu din il-verità, kieku ma jimxux mal-kurrent tad-dinja, ma jaqgħux fix-xibka tax-xitan, ma jħallux il-kurrent ta' paganiżmu, ta' edoniżmu, ta' taħsir ikaxkarhom. Din hija l-grazzja li għandna nitolbu lill-Madonna matul din is-sena Marjana — li nkunu nsara awtentiċi, veri; u biex tkun nisrani tassew trid tifhimha li inti miexi wara Kristu, bniedem issagrifikat, u allura irid ikollok spirtu ta' sagrifiċċju, trid tkun lest li twettaq dmirijietek sewwa.

Inkomplu s-sagrifiċċju tal-quddiesa, is-sagrifiċċju ta' l-Iben t'Alla, nitolbu lill-Mulej bl-interċessjoni ta' l-Omm tagħna Marija, ir-Reġina tas-Sema u ta' l-art, biex ilkoll inkunu nies ta' sagrifiċċju, nies li lesti nbatu għall-ideali u l-prinċipji tagħna biex b'dan il-mod inkunu nsara veri.

14. IL-VERĠNI TAL-MAGNIFICAT
(21-8-88)

L-Evanġelista San Luqa jirrakkonta l-ġrajja ta' meta l-Madonna marret iżżur lill-qariba tagħha Santa Eliżabetta; u meta Eliżabetta semgħet it-tislima ta' Marija, Ġwanni li kien għadu tarbija żgħira magħluq fi ħdanha, qabeż bil-ferħ, għaliex ħass il-preżenza ta' Kristu s-Salvatur, dan ukoll tarbija żgħira magħluq fil-ħdan ta' Ommu Marija Santissima. U Eliżabetta mimlija bl-Ispirtu s-Santu marret tgħid dawk il-kelmiet: "Fejn qatt se jmissni dan il-ġieh, dan l-unur hekk kbir li tiġi għandi Omm il-Mulej tiegħi". Eliżabetta, imdawla bl-Ispirtu s-Santu, għarfet il-Misteru kbir li kien twettaq f'Marija; għarfet li l-Iben t'Alla sar bniedem u kien magħluq fi ħdan il-kuġina tagħha. U għalhekk Eliżabetta kienet waħda minn ta' l-ewwel li aduraw l-Iben t'Alla magħmul bniedem.

Il-Madonna, b'radd ta' ħajr lil Alla, infexxet fil-Kantiku tal-"Magnificat". Il-Kantiku li bih hija tfaħħar il-kobor ta' Alla; u tfisser ukoll il-ferħ tagħha f'Alla, is-Salvatur, li kellu jagħti l-fidwa lill-bnedmin. Iżda fost l-oħrajn, fost kliem ieħor li qalet

fil-Kantiku tal-"Magnificat", il-Madonna qalet ukoll "Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar". Din hija l-istqarrija pubblika li għamlet l-Imqaddsa Verġni Marija dwar il-Mirakli u l-prodiġji li Alla l-Imbierek mar iwettaq fil-ħajja tagħha.

Il-Verġni Mqaddsa Marija ġiet imsejħa "Il-Verġni tal-Magnificat" għaliex dina l-għanja, dan il-kantiku, tal-Magnificat, ma kienx biss għanja, innu li ħareġ minn qalbha, f'mument ta' ferħ; il-Magnificat kien il-programm ta' ħajjitha kollha. Il-Magnificat ma kienx biss għanja mlissna mill-Imqaddsa Verġni Marija. Imma dan kien u għadu l-istil tal-ħajja tagħha kollu kemm hu; il-ħajja li hija kienet tgħix fuq il-wiċċ ta' din l-art; u l-ħajja li l-Madonna Mtellgħa fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem, qegħda tgħix hemm ħdejn it-tron ta' Binha Ġesù.

Il-Madonna hija l-Verġni tal-Magnificat mhux biss fiż-Żjara tagħha lil Eliżabetta, mhux biss meta Hija kienet qegħda tistenna lil Kristu tarbija jitwieled, mhux biss meta lil Kristu wrietu lir-Raghajja ta' Betlem, mhux biss meta lil Kristu offrietu fit-Tempju, u mbagħad offrietu wkoll fuq il-Kalvarju, imma l-Madonna hija l-Verġni tal-Magnificat anke meta Hija rat lil Kristu Rxuxtat u mimlija bil-ferħ raddet ħajr lil Alla. Il-Madonna hija l-Verġni tal-Magnificat anke llum meta Hija mqegħda Sultana tas-sema u ta' l-art, Inkurunata mit-Tliet Persuni tas-Santissima Trinità.

Il-Madonna fis-sema tkompli dik l-Għanja tal-Magnificat u ttenni wkoll dawk il-kelmiet hekk sbieħ, "Is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar". U

dawn il-kelmiet tal-Magnificat jixbhu ħafna l-kelmiet tas-Salm 118 li joqogħdu wkoll lir-Reġina tas-Sema u ta' l-art. "Il-Leminija tal-Mulej għamlet miegħi ħwejjeġ ta' ħila, ma mmutx, imma ngħix, u nxandar l-għemejjel tal-Mulej". Marija wkoll tista' tgħid: "Dextera Domini fecit Virtutem", il-Leminija tal-Mulej għamlet ħwejjeġ meraviljużi, ħwejjeġ ta' ħila, ħwejjeġ li jgħaddu l-għerf u l-kapaċità tal-bnedmin. Biżżejjed daqqa t'għajn fil-qosor lejn il-ħajja ta' l-Imqaddsa Verġni Marija, biex aħna niftakru kif il-leminija t'Alla kienet dejjem magħha.

— L-Omm Safja tal-Mulej —

L-ewwelnett, il-Madonna tnisslet u twieldet mingħajr id-dnub tan-nisel; ir-Ruħ ta' l-Imqaddsa Verġni Marija qatt ma kienet imtebbgħa bl-ebda ħtija ta' dnub. L-Imqaddsa Verġni Marija qatt ma kienet ilsira tax-xitan; hija sa mill-bidu ħarġet minn Idejn il-Ħallieq kollha sabiħa, kollha Qaddisa, kienet mimlija kollha dawl. Dan kien l-ewwel Miraklu li mar jagħmel Alla ma' dik il-Kreatura Singulari, li ried li tkun għal kollox meħlusa mid-dnub biex tkun tista' tidħol f'taqbida max-xitan u ġġib rebħa fuqu u rebħa totali.

Mhux biss, iżda fl-Imqaddsa Verġni Marija ġiet imwettqa l-Profezija li ħafna sekli qabel kien ħabbar il-Profeta Iżaija. Il-Madonna kienet is-Sinjal illi ta Alla lil Aħaż biex jurih li għadu ma abbandunax il-Poplu Tiegħu: "Hekku illi Xebba ssir OMM u jkollha Iben u dan l-Iben ikun l-Emmanuel, Alla magħna". Bir-raġun li l-Evanġelista San Mattew jinnota dawn il-kelmiet tal-Profeta tal-Poplu Lhudi u jistqarr illi l-Emmanuel, il-Messija, Huwa Kristu l-

Feddej li ġie fid-dinja. L-Omm tiegħu mela hija dik il-Verġni li saret OMM mingħajr ma tilfet xejn mill-Integrità fiżika tagħha; Hija saret Omm u baqgħet Verġni. Anzi kif tistqarr il-Knisja Mqaddsa, bħala wieħed mill-punti tal-Fidi tagħha, il-Madonna kienet Xebba u Verġni, qabel it-Twelid, għaliex Hija saret Omm mhux b'opra ta' bniedem, imma b'opra ta' Alla, ta' l-Ispirtu s-Santu, illi tefa' d-dell Tiegħu fuqha, u bil-qawwa Tiegħu, għamilha OMM ta' l-Iben t'Alla magħmul bniedem. Il-Madonna kienet Verġni fit-Twelid, għaliex Kristu Tarbija li twieled minnha ma naqqas xejn mill-integrità tagħha. Kif igħidulna l-Għorrief u l-fissiera ta' l-Iskrittura Mqaddsa, kif ir-raġġ tax-xemx igħaddi mill-ġol-ħġieġ u ma jtellef xejn mill-integrità tal-ħġieġ, tal-kristall, hekk Kristu Tarbija twieled minn Marija Verġni mingħajr ma tellifha xejn mill-Verġinità Tagħha. Ikomplu jgħidulna l-fissiera ta'l-Iskrittura, kif Kristu daħal fiċ-Ċenaklu mingħajr ma nfetħu l-bibien u mingħajr ma ġie mwaqqa' l-ħajt taċ-Ċenaklu, hekk ukoll Kristu Tarbija ħareġ mill-Ġuf Immakulat tal-Verġni Mqaddsa Marija mingħajr ma tellifha xejn minn Xbubitha. Il-Madonna hija wkoll Verġni mgħarrsa ma' Ġużeppi li kien għamel ukoll il-Vot tal-Verġinità, Ġużeppi li kellu jkun ix-xhud u l-ħarsien tal-Verġinità ta' Marija. Ġużeppi ngħaqad ma' din il-persuna biex l-Imħabba ta' bejn Ġużeppi u Marija tkun Imħabba ikkonsagrata lil Alla. U l-Uniku Frott tal-Ġuf Verġinali ta' Marija kien Kristu u Kristu waħdu. Għalhekk għandu raġun San Ġirolmu u l-fissiera l-oħra ewlenin ta' l-Iskrittura Mqaddsa jgħidulna li meta l-Vanġelu jsemmi l-aħwa ta' Kristu, ma għandniex naħsbu li dawna kienu xi tfal oħra ta' Marija u ta' Ġużeppi,

imma l-aħwa ta' Kristu kienu qraba tiegħu, għaliex skond il-lingwa aramajka — u San Ġirolmu kien speċjalizzat f'dawn il-lingwi — il-kelma "aħwa" tfisser ukoll qraba, u nies li jiġu minn xulxin. Dan kien Miraklu ieħor li wettaq Alla ma' l-Imqaddsa Verġni Marija; għaliex għad li Hija saret Omm iżda baqgħet Verġni.

Imma l-aqwa prodiġju li Alla l-Imbierek ried li jitwettaq fl-Imqaddsa Verġni Marija, kien il-Maternità Divina Tagħha. Marija tat Iben lid-dinja; u min kien dan l-Iben? Xejn inqas mill-Iben t'Alla magħmul bniedem; Dak li twieled minn Marija, huwa t-Tieni Persuna tas-Santissima Trinità; huwa Dak l-istess Persuna li kienet sa minn dejjem, l-istess Persuna li ħalqet is-Smewwiet u l-art. Għalhekk, mela, bir-raġun, anke fis-Smewwiet, il-Madonna tista' tistqarr: "Dextera Altissimi fecit Virtutem", il-Leminija ta' l-Iktar Għoli għamlet ħwejjeġ meravil-jużi, ħwejjeġ ta' ħila.

— **Rebħa Fuq il-Mewt** —

U tissokta tgħidilna l-Madonna: "Jiena ma mmutx imma nibqa' ħajja". Veru li l-liġi tal-mewt hija għal kulħadd. Igħidilna San Pawl: "Hija l-Liġi li l--bnedmin darba jridu jmutu u wara l-mewt il-ġudizzju". U Kristu nnifsu miet u anke l-Madonna mietet. Imma Kristu ma baqax ilsir tal-mewt, imma rebaħ fuq il-mewt, għax wara tlett ijiem qam mill-mewt bis-setgħa Tiegħu nnifsu bħala Alla. U l-istess rebħa li għamel Kristu fuq il-mewt, għamlitha wkoll l-Imqaddsa Verġni Marija, mhux bis-saħħa tagħha personali, imma bis-saħħa u l-qawwa ta' Alla li ħabbha u pprivileġġjaha.

Il-mewt hija xi ħaġa li lilna l-bnedmin twerwirna, għaliex il-mewt iġġibna trab, il-mewt lill-bniedem, kbir kemm hu kbir, u mimli kemm hu mimli bil-ġid u bl-unuri, tagħlqu f'daqsxejn ta' kaxxa u mbagħad il-mewt tippreżentah ukoll bħala ikel tad-dud moqżież ta' l-art. Din hija l-kundanna tal-mewt, il-kundanna li xxejjen lill-bniedem, il-kundanna li lill-bniedem tumiljah tant illi ġġibu bħall-iċken waħda fost kollha kemm huma l-kreaturi. Veru li r-ruħ ma tmut qatt, għaliex hija spiritwali, imma l-ġisem imut, u wara jitmermer ġol-qabar, isir trab.

Imma din l-umiljazzjoni ma kellhiex tmiss lil Dak il-Ġisem Safi ta' l-Imqaddsa Verġni Marija. Mill-Ġisem Qaddis tal-Madonna ġie msawwar il-Ġisem ta' Kristu li ġie ssagrifikat fuq il-Kalvarju. U għalhekk Santu Wistin, Duttur tal-Knisja, igħidilna "Caro Christi Caro Mariae Est", il-Ġisem ta' Kristu meħud mill-Ġisem ta' Marija. Kien jixraq għalhekk li l-Ġisem ta' l-Imqaddsa Verġni Marija għalkemm kien suġġett għall-mewt, imma ma jkunx suġġett għat-taħsir, għall-korruzzjoni, għal dak l-avveliment li fih jaqa' l-ġisem tal-bniedem, għal dik il-qerda fid-dalma kiesħa tal-qabar.

Wara mewtha, irċeviet mill-ġdid il-ħajja u bil-Ġisem u bir-Ruħ ġiet meħuda fil-Glorja tas-Smewwiet. Dan huwa twemmin antik ħafna fil-Knisja Kattolika. Imma l-Imqaddes Papa Piju XII mar jiddikjara bħala Domma tal-Fidi tagħna li l-Madonna, fi tmiem il-ħajja tagħha fuq wiċċ l-art, bir-Ruħ u bil-Ġisem, bil-qawwa t'Alla, ġiet meħuda s-Sema fejn tgawdi dak il-Premju etern, mhux biss bir-ruħ tagħha iżda wkoll bil-ġisem. Fi kliem ieħor, fina wkoll titwettaq il-qawma mill-imwiet meta l-iġsma

kollha tal-bnedmin iqumu għall-ġudizzju u t-tajbin ikunu mistiedna biex jidħlu fil-Glorja tas-Smewwiet bil-ġisem u bir-ruħ, u l-ħżiena jiġu kkundannati għall-pwieni ta' dejjem bil-ġisem u bir-ruħ; imma biex issir din l-għażla aħna rridu nistennew sa l-aħħar taż-żminijiet. Imma Alla ried jagħmel eċċezzjoni ma' l-Imqaddsa Verġni Marija; u għalhekk ftit ġranet biss wara mewtha, taha l-grazzja tar-Reżurezzjoni, jiġifieri ħadet mill-ġdid il-ħajja, ruħha ngħaqdet mill-ġdid ma' ġisimha, u t-tnejn flimkien ġew mgħollija fis-smewwiet fuq il-kori kollha ta' l-anġli. Bir-raġun għalhekk il-Madonna tista' ttenni dawk il-kelmiet: "Non moriar sed Vivam", jiena ma mmutx imma nibqa' ngħix, anke wara l-mewt tagħha. Jiena nibqa' ħajja, mhux biss ir-Ruħ bħall-bnedmin l-oħra, imma ħajja wkoll bir-Ruħ u bil-Ġisem, Ġisem Igglorigikat bħal dak li kellu Kristu meta qam minn bejn l-imwiet.

Il-Madonna llum qegħda fil-Glorja tas-sema, tgawdi dak il-hena li ebda moħħ ta' bniedem ma jista' jifhem u li ħadd ma jista' jfisser. Sant'Wistin, Duttur tal-Knisja, meta staqsewh x'jagħmlu l-Qaddisin fil-ġenna, qalilhom: "Videbimus et amabimus", Naraw lil Alla u Nħobbuh. L-imħabba tant kbira li timla l-qalb tagħna b'ferħ kbir, ferħ li ħadd u xejn ma jista' jtellifhulna. Il-Madonna fis-sema qegħda tgawdi lil Alla, qegħda tara lil Alla fil-Glorja u fis-sbuħija tiegħu, qegħda tħobb lil Alla b'imħabba perfetta, imħabba sħiħa, imħabba li għaliha kien ilha tipprepara ruħha matul ħajjitha kollha fuq il-wiċċ ta' din l-art.

Imma x'tagħmel aktar l-Imqaddsa Verġni Marija

hemm fil-Ġenna? Il-Konċilju Vatikan II igħidilna li l-Madonna mtellgħa s-sema bir-ruħ u bil-ġisem, Hija sinjal ta' TAMA ĊERTA għalina l-bnedmin kif ukoll ta' faraġ għalina li għadna f'dan il-wied tad-dmugħ. Imma barra minn hekk, il-Madonna tindikalna wkoll il-qawwa u l-kobor ta' Alla; il-Madonna hija rivelazzjoni ta' Alla, il-Madonna hija raġġ fid-dawl sabiħ li ġej minn Alla. Il-Madonna għal din ir-raġuni wkoll tista' ttenni l-kelmiet tas-Salmista: "Narrabo Opera Domini", Jiena nxandar l-Opri tal-Mulej. U liema huma l-Opri tal-Mulej li xxandar il-Madonna, inkurunata fis-Sema Reġina ta' l-Anġli u tal-bnedmin?

— Il-Ħolqien, il-Fidwa, il-Qdusija —

L-ewwel opra ta' Alla hija l-opra tal-Ħolqien, tal-Kreazzjoni; Alla mix-xejn għamel kollox, ħalaq il-kreaturi u qiegħed lill-bniedem bħala sultan tal-ħolqien. Iżda l-kapolavur ta' kollha kemm hija l-kreazzjoni hija l-Imqaddsa Verġni Marija, ma hemm l-ebda Kreatura Pura, li tista' tasal fil-perfezzjoni naturali tagħha sa fejn waslet l-Imqaddsa Verġni Marija. Sant'Wistin, Duttur tal-Knisja, igħidilna: Alla kieku ried seta' joħloq dinja, isbaħ u aħjar minn dik li ħalaq, Alla kieku ried seta' joħloq xemx u kwiekeb iktar risplendenti minn dawk li ħalaq, imma Alla ma setax joħloq mara li jkollha dinjità u qdusija aktar minn dik li kellha Sidtna Marija, għaliex Marija kienet OMM ALLA u Omm Alla waħda, u waħda biss hemm. Għalhekk mela bir-raġun kollu lill-Madonna nfaħħruha bħala Kapolavur tal-Ħolqien. Il-pitturi magħrufa, kollha jkollhom xi pittura li tkun tabilħaqq meravilja, li huma stess jorbtu qalbhom magħha għax tkun l-

aqwa xogħol li ħarġet minn idejhom, l-iktar ħaġa li tagħtihom sodisfazzjon. Hekk hija Marija, mhux għal pittur uman, ta' din id-dinja, imma għal Artist Divin li huwa Alla, Alla l-Ħallieq meta jħares lejn l-Imqaddsa Verġni Marija jitgħaxxaq bil-perfezzjoni tagħha, u jista' jgħid: "Hekk hu l-kapolavur, l-aqwa xogħol li ħareġ minn idejn il-Ħallieq, is-Setgħani". Għalhekk Marija xxandar l-Opri tal-Mulej, għaliex Fiha nfisha Hija Perfezzjoni l-iktar kbira, u tiġbed fuqha l-attenzjoni tal-bnedmin u ġġagħalhom jistagħġbu b'dak li ħareġ mill-Idejn Omnipotenti ta' Alla.

It-tieni opra tal-Mulej hija l-Opra tal-Fidwa, li kif igħidulna t-Teoloġi, hija wisq aqwa mill-opra tal-ħolqien. Għaliex permezz tal-fidwa, Alla ġabar dak li kien ser jintilef, permezz tal-fidwa, Alla lill-bniedem li kien ikkundannat għall-kastig tad-dnub, għall-kundanna ta' dejjem, ħelsu minn dik il-kundizzjoni tal-miżerja spiritwali, u l-bniedem mifdi minn Kristu reġa' sar, Iben ta' Alla, reġa' sar Ħabib tal-Mulej. Il-Madonna wkoll ġiet mifdija; anzi l-Madonna hija msejħa l-Primogenita Redemptionis. Għaliex il-fidwa tal-Madonna kienet fidwa kollha kemm hi speċjali; il-fidwa li biha Alla ried jifdi lill-Anġli tiegħu. Lilna l-bnedmin Alla ppermetta li l-ewwel naqgħu fil-ħtija, imbagħad isalvana. Ippermetta li l-ewwel nimirdu, imbagħad jagħtina l-mediċina, biex nistgħu nfiequ. Imma mal-Madonna Alla mexa xorta oħra: Huwa ried li Hija ma timrad qatt, biex ma jkollha bżonn qatt il-mediċina, Huwa ħelisha minn qabel mid-dnub oriġinali. Għalhekk il-Madonna mifdija minn Kristu Binha, b'fidwa speċjali, il-Madonna hija l-ewwel waħda fost il-

mifdijin, l-ewwel waħda li gawdiet mill-frott tas-Salvazzjoni. Bir-raġun kollu tista' tgħid: Jiena nxandar l-Opri tal-Mulej, għaliex min jifhem sewwa l-misteru ta' Marija, jifhem ukoll kemm hija kbira l-Opra tar-Redenzjoni, li wettaq Kristu.

It-tielet Opra tal-Mulej, imxandra mill-Assunta, hija l-Opra tas-Santifikazzjoni, tat-Tqaddis tal-bnedmin, li aħna nattribwuha lill-Ispirtu s-Santu. Ftit hawn qaddisin fid-dinja, iżda qaddisin hawn; kien hawn fl-imgħoddi, u hawn illum; u kull qaddis huwa sinjal ċar tal-preżenza ta' Alla. Ma hemmx qdusija awtentika, jekk ma tkunx frott tal-ħidma moħbija ta' l-Ispirtu s-Santu fl-erwieħ. Għalhekk, mela dik il-ħidma moħbija li tgħin il-bniedem ħalli jirnexxilu jirbaħ it-tentazzjonijiet, iżomm il-bogħod mill-korruzzjoni tad-dnub, jagħżel għalih it-triq tal-Kalvarju, it-triq tat-tbatija, it-triq tas-Salib, jirreżisti kontra l-kurrenti tad-dinja, biex ikun kollu kemm huwa ta' Alla u jwettaq dejjem ir-rieda ta' Alla, hija ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu. Kull meta aħna naraw qdusija ġenwina, aħna nistgħu ngħidu "Digitus Dei est hic", hawnhekk jinsab id-Driegħ ta' Alla, il-preżenza ta' Alla, il-qawwa ta' Alla. Issa min fost il-qaddisin kollha kellu dik il-milja kollha ta' qdusija li kellha l-Imqaddsa Verġni Marija? Min kellu fost il-Qaddisin kollha dawk il-virtujiet hekk sbieħ, il-virtujiet evanġeliċi? Min fi qdusitu qorob tant lejn il-Mudell hekk kbir li hu Kristu daqs kemm qorbot l-OMM tiegħu l-Verġni Marija? Għalhekk mela l-Madonna, il-Kapolavur tal-Ħolqien, nistgħu nsejħulha wkoll il-Kapolavur tal-Grazzja. Hija l-ikbar qaddisa li sawwar Alla fost kollha kemm huma l-ħlejjaq, mhux biss il-bnedmin, imma anki l-

Anġli, il-Kerubini u s-Serafini tiegħu. Ħadd fost il-ħlejjaq kollha li ħalaq Alla ma wasal biex iħobbu daqskemm ħabbitu Marija; ħadd fost il-ħlejjaq kollha, li ħarġu minn idejn Alla, wasal biex jogħġbu daqshekk kif għoġbitu l-OMM tagħna l-Verġni Marija. Għalhekk joqogħdu żgur għall-Verġni Marija Nkurunata l-kelmiet tas-Salm 118: "Il-Leminija tal-Mulej għamlet ħwejjeġ ta' l-għaġeb. Jiena ma mmutx imma nibqa' ngħix bir-Ruħ u bil-Ġisem għal dejjem, u hekk inxandar l-opri tal-Mulej, il-Ħallieq tiegħi".

— **L-Omm u l-Ulied** —

Min minna ma jifraħx meta niftakru li għandna OMM hekk qaddisa, imżejna b'dinjità liema bħalha? Anki aħna f'din id-dinja nippruvaw nagħtu qima lill-Madonna, bil-pellegrinaġġi li nagħmlu, bit-tiżjin tal-knejjes tagħna, bil-kant li nkantaw, il-mużika li ndoqqulha, il-pitturi, l-iskulturi, il-mużiċisti, il-poeti, kollha kemm huma ppruvaw jagħtu glorja lil Marija, ifaħħruha u jkantawlha l-innijiet ad unur tagħha. Imma ibqgħu ċerti li nagħmlu kemm nagħmlu, żgur li ma jirnexxilniex li aħna nlaħħqu ma' dik il-Festa Kbira u kontinwa li għandha l-Imqaddsa Verġni Marija hemm fil-Glorja tas-sema. Kristu, l-Iben tagħha, is-Sultan tal-Ħolqien, Redentur ta' l-Umanità, jagħtiha Glorja u Tifħir. Flimkien ma' Kristu jingħaqdu fit-tifħir tagħhom lil Marija l-Erwieħ tal-Qaddisin, u l-Ispirti tas-sema u d-disa' Kori ta' l-Anġli.

Għaliex Alla ried li fis-sema jkollna Omm li tgawdi tant unur, tant qima, tant apprezzament minn Alla u mill-qaddisin? Biex ikollna Ċentru ta'

Attrazzjoni li jiġbidna lejn is-sema. Aħna nafu li d-dinja hija mmexxija minn dik li jsejħulha "Law of gravity", il-Liġi tal-gravità. Iċ-ċentru tad-dinja jiġbed kollox lejh. Kieku ma kenitx dik l-attrazzjoni taċ-ċentru tad-dinja, kieku lanqas iżżomm ġebla fuq ġebla, kieku kien jiġrilna bħal dawk li jivvjaġġjaw fl-ispazju, meta l-oġġetti jtiru 'l hawn u 'l hemm għax huma bla piż. Imma fil-ħolqien fiżiku, fil-ħwejjeġ materjali ta' madwarna, hemm forza ta' attrazzjoni, iċ-ċentru tad-dinja li tiġbed kollox lejha u hekk iżżomm kollox fl-ordni tiegħu. Iċ-ċentru ta' attrazzjoni hija l-Imqaddsa Verġni Marija, igglorifikata fil-Ġenna bir-Ruħ u bil-Ġisem.

Il-Madonna qegħda hemm fuq u aħna nħarsu lejha u ngħidu li Hija l-OMM tagħna. Il-Madonna qegħda fil-Ġenna biex aħna niftakru li fejn marret Hi aħna maħluqin biex immorru hemm aħna wkoll. Il-Madonna qegħda fil-ġenna biex tagħmlilna l-kuraġġ ħalli anki fid-diffikultajiet tal-ħajja, aħna ma ninsew qatt il-premju li hemm jistenniena. Il-Madonna mtellgħa fis-Sema tgħidilna: "Jiena wkoll batejt. Jiena wkoll xerridt id-dmugħ, jiena wkoll ġarrabt il-faqar. Jiena wkoll ħassejt f'qalbi wġiegħ ta' min qal kliem iebes u weġġgħani; imma Jiena bqajt miexja fit-triq tal-Qdusija. U l-istess triq li għaddejt minnha Jien, intom tistgħu tgħaddu minnha intom ukoll, ulied għeżież tiegħi".

Għalhekk, aħna llum, waqt li nagħtu tifħir lill-Imqaddsa Verġni Marija, f'din il-Parroċċa li hija ddedikata Lilha, li qed tiċċelebra t-300 sena tagħha, ngħidulha: "OMM tagħna, Reġina tas-sema u ta' l-art, iġbed lejk il-qlub tagħna, oftomna mir-rabtiet

ta' dina l-art, agħmel li aħna ma nintrabtu qatt mal-ħwejjeġ ta' din l-art, ma nsiru qatt ilsiera ta' l-affarijiet materjali. Il-ħarsa tagħna bħala nsara, għandna nitfgħuha 'l bogħod lejn l-Eternità, ma aħniex kreaturi li neżistu biss għal ftit taż-żmien, aħna maħluqin għall-eternità, maħluqin għall-Ġenna, biex ingawdu lil Alla. Kif igħidilna d-Duttur tal-Knisja, Sant'Wistin: "O Mulej, il-qalb tagħna inti ħlaqtha għalik, u ma tistax issib mistrieħ qabel ma tasal għandek".

Dan huwa d-destin tagħna, din hija l-vokazzjoni tagħna bħala nsara, li naslu fit-tgawdija tal-Ġenna, fejn OMMNA tistenniena, fejn hemm iċ-ċentru ta' l-Attrazzjoni ta' ruħna.

Nitolbu lil Sidtna Marija biex tħarisna kontin wament, biex tmexxi Hi l-passi tagħna, speċjalment nitolbuha għat-Tfal u ż-Żgħażagħ tagħna, għal dawk li qegħdin f'xi periklu speċjali, għal dawk li forsi mingħajr ħtija tagħhom tilfu l-fidi, jew qegħdin fil-periklu li jitilfuha. Nitolbu lill-Madonna għal kulħadd, għall-bnedmin kollha, għax hija OMM ta' kulħadd, u ngħidulha: "O Sidtna Marija, Reġina ta' l-Anġli u tal-bnedmin, iġbed lejk il-qlub tagħna, u wassalna fil-Ġenna biex ingawduk għal dejjem".

15. IL-LINGWAĠĠI TAL-KATEKEŻI
(26 - 9 - 1988)

F'din l-epoka tal-"computers" li qed ngħixu fiha, hija moda li wieħed jitkellem dwar il-"lingwaġġi".

Anke l-computer għandu l-lingwaġġ tiegħu li bih, min iħaddem il-computer, jagħtih l-ordnijiet u jfissirlu l-"homework" li għandu jagħmel.

Il-lingwaġġ mhux biss pont bejn il-bniedem u l-computer, iżda huwa, qabel xejn, pont bejn bniedem u bniedem ieħor. Il-lingwaġġ huwa l-għodda jew il-mezz li bih huma kkomunikati u mwassla l-ħsibijiet u x-xewqat ta' min għandu xi messaġġ x'jagħti lil ħaddieħor. Biex ikun hemm komunikazzjoni soċjali, mhux biss hija meħtieġa l-preżenza ta' tnejn jew aktar, jiġifieri ta' min jittrasmetti u ta' min jirċievi, iżda huwa meħtieġ ukoll li wieħed ikollu xi ħaġa xi jgħid u jkun jaf kif igħidha lil ħaddieħor. Din hija l-funzjoni proprja tal-lingwaġġi: il-lingwaġġ igħin lil min għandu xi ħaġa xi jgħid lil ħaddieħor sabiex ikun jaf igħidha u jkollu l-mezz li bih jista' jwettaq dan, b'mod effikaċi, jiġifieri li min qed jirċievi l-messaġġ ikun jista' jifhmu.

Mela fil-katekeżi huma importanti ħafna l-lingwaġġi li nużaw. Il-katekista, sewwa jkk qiegħed igħallem liż-żgħar kif ukoll jekk qed igħallem lill-istudenti, liż-żgħażagħ jew lill-miżżewġin, għandu messaġġ ta' interess kbir għalihom. Minn dan il-messaġġ tiddependi l-hena tagħhom fl-eternità u ħafna drabi wkoll f'din id-dinja.

Però, xi drabi jiġri li l-messaġġ tal-katekeżi la jqanqal għatx u ħeġġa fis-semmiegħa u lanqas iżomm ħajja l-attenzjoni tagħhom sabiex jistgħu jitgħallmuh sewwa. Il-ħtija ta' dan kollu aktarx hija fil-mod kif il-katekist jew ix-xandâr ta' l-aħbar it-tajba jwassal il-messaġġ tiegħu; jaf x'għandu jgħid

iżda ma jafx kif għandu jgħidu; għadu ma tgħallimx juża l-lingwaġġ adattat għall-katekeżi mal-kategorija ta' nies li għandu quddiemu.

Fl-istess ħin, barra li jirrispetta lil dawk li lilhom qiegħed iwassal il-messaġġ, il-katekist jeħtieġ li jkun leali lejn il-verità sħiħa li huwa għandu jxandar. Kif naqraw fil-"Catechesi Tradendae", "ir-regola ewlenija hija li x-xjenza tal-lingwaġġ tkun disposta li toqgħod għas-servizz tal-katekeżi, hekk li tgħinha verament ħalli twassal jew tikkomunika lit-tfal, adoloxxenti, żgħażagħ u adulti ta' żminijietna, il-kontenut sħiħ tad-duttrina, mingħajr ebda tgħawwiġ" (no. 59).

F'dan il-Kungress Kateketiku, huwa mistenni li fil-laqgħa ġenerali u fil-workshops nistudjaw liema huma l-lingwaġġi li għandna għad-dispożizzjoni tagħna bħala katekisti u kif nistgħu nużawhom aħjar, biex insaħħu l-ħidma apostolika tagħna. Is-suġġerimenti li jiġu aċċettati, fl-aħħar jingabru f'riżoluzzjonijiet, xi wħud ġenerali u oħrajn partikulari, jiġifieri dawk li jirrigwardaw l-istudenti, iż-żgħażagħ u l-adulti. Dan ikun il-frott tal-Kungress tagħna li jservi wkoll bħala programm ta' ħidmiet għall-ġejjieni.

Mingħajr ma nidħol fid-dettalji li fuqhom ser jitkellmu dawk li jmexxu l-workshops, però niġbor f'ħames kategoriji jew għamliet ewlenin, il-lingwaġġi li jużaw il-bnedmin u li bihom għandu jinqeda wkoll il-katekista:

1. **Il-Kelma mitkellma jew orali:**
Dan huwa l-mezz li bih inqeda Kristu biex igħal-

lem lid-dixxipli tiegħu. Bil-kelma mitkellma, inqdiet ukoll il-Knisja fl-ewwel żminijiet tagħha biex taqdi l-missjoni tax-xandir tal-verità. Kif igħidilna San Pawl "Alla għoġbu jsalva lil min jemmen bil-bluha tal-**predikazzjoni**" (1 Kor 1. 21). Il-predikazzjoni magħmula kif imiss u b'mod adattat għas-semmiegħa għandha l-arma ewlenija għax-xandir tas-saltna t'Alla. Għalhekk nitkellmu dwar l-omelija katekетika, dwar l-eżerċizzi u għamliet oħra ta' predikazzjoni. Il-kelma mitkellma hija wżata wkoll fil-laqgħat tat-tagħlim, anke fejn jiġi segwit il-metodu tad-diskussjoni.

2. **Il-kelma miktuba u speċjalment stampata:**

Assolutament ma nistgħux inħallu barra l-lingwaġġ tal-"print". Il-kotba huma importanti, iżda l-publikazzjonijiet u perjodiċi huma aktar fl-idejn u jinqraw iżjed mill-kotra kbira ta' nies. Għalhekk barra mit-text-books tal-katekiżmu u kotba oħra ta' ispirazzjoni kattolika, jeħtieġ li ninqdew bl-istampa perjodika li għandna f'idejna u speċjalment bil-"Bullettin tal-Ħadd" biex inwasslu l-messaġġ tal-Katekeżi. Anke f'dan il-kamp, teħtieġ sengħa u li jiġu applikati l-aħjar mezzi.

3. **Il-lingwaġġ tax-xbihat jew ta' l-immaġini:**

Dan forsi huwa l-aktar għamla ta' lingwaġġ popolari fost il-bnedmin ta' tmiem it-tieni millenju. Fuq kollox il-films għall-iscreens kbar tas-swali taċ-ċinema u għall-iscreens żgħar tat-television, invadew id-dinja kollha. Iktar mill-films li semmejna, qed jiġbdu l-attenzjoni taż-żgħar u tal-kbar il-video-tapes. Mhux biżżejjed noqogħdu nnewħu minħabba l-ħsarat morali li jistgħu jħallu

dawn id-divertimenti moderni, iżda għandna nkunu aktar pożittivi u nistaqsu: kif nistgħu ninqdew bihom għall-apostolat? X'sehem għandu jkollhom il-visual aids ta' kull sura fit-tagħlim kattoliku?

4. **Il-lingwaġġ tas-simboli jew tas-sinjali:**

Huwa wkoll familjari għall-bniedem modern. Bħala eżempju biżżejjed insemmu s-"sign posts" u sinjali oħra. Żgur li tkun ta' għajnuna kbira għall-katekeżi kieku l-insara kollha jifhmu aħjar is-simboliżmu tal-Liturġija speċjalment tal-Quddiesa. Il-kliem u l-ġesti taċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika, għandhom ħafna x'jgħallmu lill-insara li jieħdu sehem sħiħ, attiv u intelliġenti kif jitlob il-Konċilju. Anke r-reliġjożità popolari bħalma huma l-pellegrinaġġi għas-santwarji Marjani għandha tkun okkażjoni ta' katekeżi u tiġbor fiha ċerti sinjali li jistgħu jedifikaw lill-insara.

5. **Il-lingwaġġ tax-xhieda nisranija jew tal-preżenza attiva**

L-istil ta' ħajja ta' l-edukaturi kollha u fuq kollox tal-katekisti għandu jiġbor fih il-messaġġ ta' ħajja onesta, mibnija fuq il-valuri tal-vanġelu. Din il-fwieħa ta' Kristu, kif sejħilha l-Appostlu (2 Kor 2.15) ma jistax ikun li ma tinħassx u ma tħallix l-effett tagħha; "għaliex aħna nwasslu l-fwieħa ta' Kristu fost dawk li jsalvaw u fost dawk li jintilfu". Fuq kollox għandhom jidwu f'widnejna l-kelmiet tiegħu: "In-nies għandhom iħarsu lejna bħala ministri ta' Kristu u amministraturi tal-misteri ta' Alla. Issa barra minn dan, l-amministraturi wieħed jistenniehom li jkunu fidili" (1 Kor 4, 1-2). Il-fedeltà lejn Kristu nħarsuha mhux biss billi nxandru t-tagħlim

tiegħu b'eżattezza, iżda wkoll billi nwettquh fil-ħajja tagħna ta' kuljum fi ħdan il-komunità nisranija.

Taħt il-ħarsien ta' l-Imqaddsa Verġni Marija, Tron ta' l-Għerf, aħna nafdaw dan il-Kungress Kateketiku b'tama qawwija li minnu l-poplu t'Alla fi gżiritna, speċjalment il-ġenerazzjonijiet li telgħin, jiksbu ġid spiritwali bil-kotra.

16. IL-KTIEB U L-KNISJA (14-10-88)

Ġejt mistieden biex nitkellem fil-qosor dwar "IL-KTIEB U L-KNISJA" u nixtieq nibda fejn jispiċċa r-Raba' Vanġelu: "Hemm ħafna ħwejjeġ oħra li għamel Ġesù, li, kieku kellhom jinkitbu waħda waħda, naħseb li d-dinja kollha ma tkunx tesa' l-kotba li jinkitbu" (Ġw 21.25). Sewwa jekk dawn il-kelmiet kitibhom San Ġwann l-Evanġelista, u sewwa jekk żiduhom xi whud mid-dixxipli tiegħu, mill-ewwwl daqqa t'għajn ituk x'tifhem li qegħdin jirreferu għal żewġ problemi: L-ewwel waħda hija dik ta' l-ispazju, fejn jitqiegħdu dawk il-kotba kollha, iktar u iktar li f'dak iż-żmien ma kellhomx kotba bħal tagħna u lanqas kellhom il-"microfilms", iżda kellhom li "scrolls" li kienu jiġu mkebba fuq bastun ta' l-injam. It-tieni problema kienet dik tal-qabża li hemm bejn ir-realtà tal-ħajja u l-letteratura; dak li ġara tabilħaqq huwa wisq iktar wiesgħa u kkomplikat minn dak li ġie rreġistrat bil-kitba. Il-ktieb, hu kemm hu profond, ma jistax jissostitwixxi l-esperjenza tal-ħajja u l-anqas jista'

jiċċara l-enigmi li fiha, jew ifisser l-irqaqat kollha tagħha.

Madankollu, il-ktieb huwa fattur ta' importanza enormi fil-kultura tal-bnedmin. Hekk ukoll l-Evanġelju għad li ma fihx dak kollu li qal u għamel Kristu, iżda flimkien mal-Kotba l-oħra tal-Bibbja, huwa għajn u pedament tar-Reliġjon Nisranija. Din hija waħda mir-raġunijiet għaliex il-Knisja, sa minn żmien l-Appostli, uriet għożża u attenzjoni għall-kotba, l-ewwelnett għall-Kotba Sagri, imbagħad ukoll għall-kotba l-oħrajn.

F'dan il-kuntest, nistgħu nifhmu aħjar il-ħerqa ta' l-Appostlu Missierna San Pawl li jiftakar fil-ħwejjeġ li kellu bżonn u jitlob lid-dixxiplu tiegħu Timotju li ma jħallihx mingħajrhom: "Il-mantar li ħallejt Troas għand Karpus, ġibuli meta tiġi; u l-kotba wkoll, l-iktar il-parċmini" (II Tim. 4, 13).

— Teżor u Minjiera ta' Għerf —

Dwar il-Kotba Sagri, il-Konċilju Vatikan II fil-Kostituzzjoni Dommatika "Dei Verbum" (n. 21), igħidilna: "Il-Knisja dejjem tat qima lill-Iskrittura Mqaddsa kif tat lill-istess Ġisem tal-Mulej billi qatt ma naqset, l-aktar fil-Liturġija Mqaddsa, li tieħu l-għajxien bil-ħobż tal-ħajja mill-mejda tal-Kelma t'Alla u tal-Ġisem ta' Kristu u tagħtih lill-fidili. Flimkien mat-tradizzjoni mqaddsa, il-Knisja dejjem żammet u żżomm il-Kotba Mqaddsa bħala r-regola ewlenija tal-fidi tagħha, ispirati kif inhuma minn Alla, huma miktuba darba għal dejjem, igħallmu bla tibdil, il-Kelma ta' Alla nnifsu, u jsemmgħu fi kliem il-profeti u l-appostli, il-leħen ta' l-Ispirtu s-Santu".

L-Iskrittura Mqaddsa hija apprezzata bħala teżor u minjiera ta' għerf, mhux biss mill-Knisja Kattolika, iżda wkoll mill-ġnus kollha, speċjalment dawk bi tradizzjoni nisranija; bħal m'hu l-ġens Malti. "Fiċ-ċiviltà tagħna — igħidilna Jean Guitton, ("Il Lavoro Intellettuale" Ed. Paoline, pag. 125) — il-Bibbja hija l-ktieb per eċċellenza. Dak li l-iktar jiġbed l-ammirazzjoni huwa l-fatt li l-Bibbja mhix ktieb wieħed, iżda ġabra ta' l-għamliet kollha ta' kotba. Għad li fiċ-ċokon, tiġbor fiha s-suriet kollha tal-kelma: mill-kodiċi tal-Liġi sa l-għanja ta' l-imħabba. Fiha jinsabu mhux biss il-proverbji mfawra bl-għaqal, il-biki, u l-ilmenti, iżda wkoll il-parabboli u r-rakkonti ta' ġrajjiet traġiċi".

Dwar il-kotba l-oħra, nistgħu qabel xejn naffermaw li l-Knisja, matul l-istorja twila tagħha, ħarsithom mill-qerda billi bniet santwarji għalihom, jiġifieri l-bibljoteki u l-arkivji mxerrdin 'l hawn u 'l hemm ma' l-Ewropa, ħdejn il-katidrali u l-iktar fil-monasteri tal-Benedittini u ta' Ordnijiet Reliġjużi oħra. Kellu raġun għalhekk il-Papa Pawlu VI josserva: "Mhux il-Knisja kienet l-istituzzjoni bibljotekarja l-iktar ħabrieka, l-iktar għaqlija, u l-iktar produttiva? Hija ħarset il-kotba bħal imħażen tal-qamħ għall-poplu tagħha" (G.B. Montini, "Coscienza Universitaria" Ed. Studium Roma, 1930, pp. 75-77).

— Sintomu ta' Bniedem Matur —

Il-Knisja għallmitna wkoll kif għandna naqrawhom il-kotba biex minnhom nistagħnew spiritwalment. Hija għallmitna nagħżlu s-sabiħ mill-ikrah, it-tajjeb mill-ħażin, dak li hu ta' ġid minn dak

li jisfa ta' ħsara. Hija rawmet f'ħafna minn uliedha s-sens kritiku u l-kapaċità selettiva li huma sintomu ta' bniedem matur u ta' kuxjenza fformata kif imiss.

Kif jaf kulħadd, il-kotba bħal kull opra oħra li toħroġ mill-moħħ, mill-qalb u mill-idejn tal-bniedem, mhux kollha tista' tgħidilhom tajbin, iżda hemm xi wħud li huma vojta u insinjifikanti u oħrajn li għall-inqas f'xi partijiet tagħhom, huma moralment ħżiena u oġġezzjonabbli.

Għadu jgħodd anke fi żminijietna l-ilment ta' l-awtur Taljan Giovanni Papini, ("Il Sacco dell'orco", Vallecchi, 1933, p. 140): "Fost il-kotba hemm minn dawk li għall-ewwel daqqa t'għajn jidhru innoċenti, iżda huma inċentivi għall-faħx, jidhru xjentifiċi u huma xrara ta' ereżija, taħsibhom filosofiċi, iżda huma nasba għall-ħajja onesta u għall-ħsieb rett".

Il-Knisja, f'isem il-Liġi t'Alla li hija tgħallimna u tfissrilna, twissina u tħeġġiġna biex inżommu 'l bogħod minn dak kollu li jista' jkun ta' ħsara għalina, u biex ngħożżu dejjem dak li jdawwal moħħna u jqanqal riditna ħalli nwettqu għemil li jixraq lid-dinjità tagħna ta' persuni umani u ta' wlied Alla.

Ta' min jixtieq u jittama li din il-wirja ta' kotba nsara kif ukoll inizjattivi kulturali simili, jiswew biex anki f'pajjiżna jiġu mxerrda iktar il-kotba tajbin, tikber l-għożża għalihom u fuq kollox jikber l-għadd ta' qarrejja li jafu jagħżlu bil-għaqal il-qari tagħhom. B'hekk jinkiseb profitt, għall-kultura tagħhom personali, u dan ikun sinjal ta' ċiviltà u progress tas-soċjetà Maltija kollha kemm hi.

rażan imermer il-karattru taż-żgħażagħ tagħna, huwa theddida għall-familji u għall-komunità nisranija. Soċjetà li tagħlaq għajnejha u tippermetti tbaħrid ta' din il-kwalità, ma tistax tissejjaħ soċjetà nisranija.

Konnessi mal-problemi tan-**'night clubs'**, jekk mhux kollha, għall-inqas xi whud minnhom, huma l-pjagi tad-**droga** u tal-**pornografija**. Anke dawn, mhumiex ħwejjeġ ġodda, iżda t-theddida tagħhom għadha magħna u f'ċertu sens kibret. Dwar id-droga, hemm tmaqdir u kundanna mhux biss mill-Knisja, iżda minn kull min irid il-ġid taż-żgħażagħ. Nerġa' nirripeti hawn dak li għidt fid-diskors lill-irġiel, imsemmi fuq: "Min ixerred id-droga, min iqassamha, min ikabbarha, min joffriha lil ħaddieħor, min jipperswadi lil ħaddieħor biex jeħodha, huwa bniedem kriminali, bniedem li ħaqqu l-ħabs, bniedem li qed jikser il-liġi t'Alla u tal-pajjiż, bniedem li qiegħed jagħmel tant ħsara fis-saħħa fiżika u morali taż-żgħażagħ. Imma mhux biżżejjed li nikkundannaw lil min ixerred dawn id-drogi. Dan il-pass irridu nagħmluh imma miegħu rridu nżidu xi ħaġa oħra. Għaliex ċerti żgħażagħ sabu ruħhom fil-periklu ta' din id-droga? Għax fil-familja mhux dejjem sabu dik l-atmosfera ta' mħabba, ta' komprensjoni, ta' mogħdrija li huma għandhom bżonn". Minn hawn irridu nibdew.

Dwar il-pornografija, kemm dik tal-kotba u rivisti, kif ukoll tal-films u video-tapes, nixtieq nerġa' nwissi kif wissejt ħafna drabi fl-imgħoddi, bħal per eżempju fir-rally organizzat mill-għaqdiet Kattoliċi fid-9.7.1979 li hija qiegħda tkun kawża ta'

tant skandli, iġġib ħsara morali enormi speċjalment lit-tfal u liż-żgħażagħ, tinfirex bħal marda serja u thedded il-ħajja u l-għaqda tal-familja nisranija. F'dal-kuntest, nistgħu ngħidu li teħtieġ leġislazzjoni għaqlija li tikkontrolla l-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-video-tapes u jekk ikun hemm bżonn tipprojbixxi dawk li huma pornografiċi jew li jeżaltaw il-vjolenza li b'xi mod jistgħu jkunu ta' ħsara morali u mentali għall-ġenerazzjoni żagħżugħa.

L-aħħar osservazzjoni li xtaqt nagħmel hija rigward it-tfal u l-ħarsien tal-jeddijiet tagħhom. L-ewwelnett ta' min ifakkar li t-tfal għandhom il-jedd li jilgħabu u li jkollhom ħin għar-rikreazzjoni tagħhom. Nerġa' nafferma dak li għidt fl-imgħoddi, li qiegħed isir abbuż mil-lezzjonijiet privati. Ċerti tfal, minħabba l-privat, mhux biss ma jsibux ħin għall-isports u għal laqgħat oħra edukattivi, imma qegħdin iħossu tensjoni li tinkwetahom. Fl-opinjoni tiegħi, il-privat għandu jingħata biss f'każijiet partikulari lil dawk l-individwi li jkunu batuti fit-tagħlim u ma jistgħux ilaħħqu ma' sħabhom. Barra minn hekk, il-ġenituri m'għandhomx jiddeċiedu weħidhom dwar il-privat ta' wliedhom, iżda wara li jkunu ħadu l-parir ta' l-għalliema u xi edukaturi oħra.

Iżjed serja mill-privat, hija l-problema tax-xogħol. Din hija waħda mill-problemi soċjali li l-Knisja tkellmet ċar fuqhom sa mis-seklu li għadda. Saħansitra, il-Papa Ljun XIII fir-RERUM NOVARUM intebaħ kemm ħsara tista' ssir lit-tfal infushom, lis-soċjetà kollha, meta dawn jiġu mqabbdin

qabel ikollhom l-età xierqa. "Rigward it-tfal — tgħidilna l-enċiklika — "wieħed irid jiftaħ għajnejh li ma jdaħħalhomx għax-xogħol qabel ma' l-età tagħhom tkun saħħet biżżejjed il-forzi fiżiċi, intellettwali u morali tagħhom...altrimenti ssir impossibbli l-istess edukazzjoni tat-tfal" (nru. 26).

Semmejna diversi mardiet tas-soċjetà, iżda kollha għandhom oriġini jew bidu komuni: kollha jibdew mill-abbuż tal-libertà. Ebda waħda minnhom ma tista' titfejjaq jekk ma jkunx imsaħħaħ is-sens ta' responsabbiltà persunali. Ir-rally tal-lum fuq it-tema "libertà u sens ta' responsabbiltà" għandu jipprova jitfa' xi dawl fuq il-ħafna problemi li għamilna aċċenn għalihom.

18. IL-ĠENEROŻITÀ M'ALLA (6-11-88)

Nistgħu ngħidu li l-protagonista, jiġifieri l-persuna li l-iktar li tiġbed l-attenzjoni tagħna fil-Vanġelu tal-lum, hi dik l-armla fqira li tefgħet munita żgħira, fil-kaxxa jew it-teżor tat-Tempju.

Din l-armla fqira ġiet imfaħħra minn Kristu wisq iżjed minn dawk is-sinjuri li tefgħu kwantità kbira ta' flus biex igħinu t-Tempju, għaliex Kristu qal: "L-oħrajn għamlu l-offerta tagħhom miż-żejjed, minn dak li m'għandhom x'jambuh xejn, mentri din l-armla fqira għamlet l-offerta tagħha billi tat dak

kollu li kellha, dak kollu li kien meħtieġ biex tista' tgħix.

Din il-figura, dan il-persunaġġ ta' l-armla li aħna għandna quddiem għajnejna, huwa adattat ħafna biex aħna nagħmlu r-riflessjoni ta' dan il-Ħadd, il-Jum tal-Qdusija Universali.

L-ewwelnett hija armla, u aħna nafu li l-istati tal-ħajja huma tlieta:

i) iż-żgħożija mimlija enerġija u aspirazzjonijiet, tamiet għal li ġej.

ii) il-ħajja tal-familja, il-ħajja tal-miżżewġin b'ħafna responsabiltajiet fuq spallejhom.

iii) l-istat tar-romol, ta' min tilef lil martu jew lil żewġu minħabba l-mewt u li għalhekk jinsab f'ċertu stat ta' ħajja illi mhux nieqes mit-tribulazzjonijiet u min-niket.

Għal Alla, kull bniedem, raġel jew mara, u hi x'inhi l-età u l-istat tal-ħajja tiegħu, kull bniedem għandu l-possibiltà, l-okkażjoni li jsir qaddis, li jaqbad it-triq tal-qdusija. Allura kulħadd jista', jekk jikkopera mal-grazzja t'Alla, jilħaq grad ta' qdusija għolja, sewwa jekk hu żagħżugħ, mhux marbut biż-żwieġ, sewwa jekk huwa mara jew raġel miżżewweġ, kif ukoll jekk huma romol; m'hemm l-ebda stat ta' ħajja li huwa magħluq għall-qdusija, u għalhekk tajjeb li aħna nerġgħu niftakru f'dak li jgħidilna l-Konċilju Vatikan II fil-V Kapitlu tal-Lumen Gentium, li kull nisrani, ladarba Alla tah il-grazzja li jirċievi l-Magħmudija, qiegħed isejjaħlu wkoll biex isir qaddis. Il-Magħmudija, mela, tagħtina l-jedd u

anke d-dmir li naħdmu għall-qdusija u għas-santifikazzjoni persunali tagħna. Ma nieħdux żball, m'għandniex naħsbu li l-qdusija tikkonsisti f'affarijiet straordinarji, mhuwiex is-sawm għat-tul, jew orazzjonijiet ma jaqtgħu qatt li huma l-vera essenza tal-qdusija, għax forsi mhux kulħadd jista' jitlob u mhux kulħadd saħħtu tippermettilu jsum; l-essenza tal-qdusija qiegħda filli wieħed jagħmel ir-rieda ta' Alla, filli wieħed jagħti lil Alla dak li Alla qiegħed jitlob minnu. Allura importanti li wieħed ikun ġeneruż m'Alla; importanti li wieħed ma joqgħodx jixxaħħaħ m'Alla, u hawnhekk għal darb'oħra tista' tkun ta' lezzjoni għalina l-armla mfaħħra mis-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, għax hija xempju u mudell tal-ġenerożità.

Il-ġenerożità xi tfisser? Ifisser li tkun lest li tagħti minn dak li għandek u li tissagrifika wkoll lilek innifsek. Kristu qalilna: "Din tat dak kollu li kellha", anki dak li kien meħtieġ għall-ħajja tagħha. U iktar ma tkun kbira l-ġenerożità, iktar tkun kbira l-qdusija tagħna. Hawn qiegħed it-termometru tal-ġenerożità, għaliex kull nisrani, ftit jew wisq jipprova jagħmel ir-rieda t'Alla; intom għalhekk ġejtu hawnhekk, f'dil-knisja dalgħodu, għax tridu tagħmlu r-rieda t'Alla, għalhekk titolbu u għalhekk tagħmlu ħafna opri oħra sbieħ. Imma l-ġenerożità mhix ta' kulħadd l-istess; hemm min 'l Alla jagħtih il-'minimum' u hemm min jagħtih il-'maximum'; hemm min 'l Alla jtih l-iċken, l-iftet, u hemm min 'l Alla lest li jagħtih kollox, anke ħajtu stess lest li jikkonsagraha għalih. Hemm ċerti nsara li m'Alla jimxu kif jagħmel l-arġentier, dak li jbiegħ id-deheb,

li jkollu miżien li jiżen sa l-inqas milligramma, allura qabel ma 'l Alla jagħtuh xi ħaġa, jiżnuha, jikkalkulaw, imbagħad igħidulu "u iva, tista' teħodha Mulej". Mentri l-atteġġjament tar-ruħ ġeneruża, ta' ruħ li tħobb tabilħaqq lil Alla, huwa dak li nsibu fil-ktieb ta' l-Iskrittura: "Kollox tajtek u offrejtlek bil-ferħ". Dan għandu jkun l-atteġġjament ta' min tabilħaqq iħobb lil Alla, ta' min qiegħed jieħu bis-serjetà l-mixja tiegħu għall-qdusija.

S'intendi mhux kulħadd huwa kapaċi jisma' u jifhem dan il-messaġġ li qiegħed nipprova nwassal jien, għaliex it-triq tal-qdusija mhix triq lixxa, imma triq imwiegħra, mimlija bil-ħotob u fiha ħafna ħofor ukoll. Allura mhux kulħadd jifhem din is-sejħa għall-qdusija. Imma hemm bżonn li jkun ikbar, wisq ikbar, in-numru ta' l-insara li jisimgħuha din is-sejħa u jippruvaw b'ħilithom kollha li jwettquha, għax aħna ħafna drabi, nilmentaw minn ħafna affarijiet, daqqa nilmentaw għax hawn is-serq, daqqa nilmentaw għax hawn l-epidemji u daqqa nilmentaw għal ħaġa u daqqa għal oħra. Iżda l-ikbar żball tad-dinja tafu x'inhu? Li m'hawnx qaddisin biżżejjed. Kieku l-kotra kbira tal-bnedmin kienu qaddisin, kieku d-dinja tinbidel f'ġenna ta' l-art. Allura għandna nitolbu biex ikun hawn iktar qaddisin awtentiċi, ġenwini, u biex tikber il-qdusija ta' kulħadd, għaliex m'hemm l-ebda bniedem li jista' jgħid "jien issa kbirt biżżejjed fil-qdusija". Hi kemm hi kbira l-qdusija tiegħu, kull bniedem jista' jżid xi grad ieħor ma' dik il-qdusija li għandu.

Għalhekk jien nixtieq illi f'dan il-jum illi aħna fih qegħdin nisimgħu din is-sejħa li għamlilna l-

Moviment Pro Sanctitate biex niċċelebraw il-Ġurnata tal-Qdusija, nixtieq li flimkien nitolbu lill-Mulej biex fid-dinja jkun ikbar in-numru tal-qaddisin; it-tieni, biex il-Mulej jagħti l-grazzja lil kulħadd ħalli l-bnedmin isibu l-kuraġġ u l-qlubija meħtieġa biex ikunu jistgħu ikunu ġenerużi m'Alla, jagħtuh dak li jitlob minnhom u hekk jikbru kontinwament fil-qdusija.

WERREJ

Daħla 3

I PARTI (PASTORALI)

1. Is-Sagrament tal-Konfermazzjoni (24-6-1984) 5
2. Iċ-Ċentinarju ta' San Ġorġ Martri (1-7-1984) 11
3. Is-Sena Liturġika (20-11-1984) 16
4. Il-qagħda pastorali tad-Djoċesi (24-5-1986) 19
5. Rigali tal-Qalb ta' Kristu (9-6-1986) 24
6. Il-Kwindiċina ta' l-Assunta (24-7-1986) 26
7. Il-Bibbja minn idejn il-Knisja (5-1-1987) 31
8. Attwalità ta' l-Irtiri Spiritwali (1-2-1987) 34
9. Is-Sens Nisrani tal-Festi (28-3-1987) 37
10. Rispett lejn il-ħajja tal-familja (6-7-1987) 39
11. Il-Katekeżi (12-9-1987) 42
12. Iċ-Ċentinarju tal-Mewt ta' San Ġwann Bosco (27-12-87) 45
13. Il-75 Anniversarju tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali (30-5-1988) 48

II PARTI (SILTIET MIĊ-ĊIRKULARI)

1. Ġublew tad-Deheb ta' l-Oratorju (27-3-1984) 51
2. Tiġdid tal-Konsagrazzjoni tal-Parroċċi (24-5-1984) 52
3. Il-Qima lejn il-Madonna ta' Pinu (31-5-1984) 53
4. It-Tielet Ġimgħa Biblika (9-1-1985) 54
5. Il-Ġimgħa Mqaddsa (21-3-1985) 56
6. It-Tielet Kungress Pastorali Djoċesan (6-4-1985) 57
7. Il-Qima lejn l-Ispirtu s-Santu (11-5-1985) 59
8. L-Inkurunazzjoni tal-Madonna tas-Sokkors (1-7-1985) 61

9. It-43 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali (8-8-1985) 63
10. Id-Deċenza fl-Ilbies (12-8-1985) 64
11. Ir-Rużarju u ż-Żgħażagħ (25-9-1985) 65
12. Il-50 Anniversarju ta' Lourdes Home (10-10-1985) 67
13. X'inhu s-Seminarju (5-3-1986) 68
14. Mejju, ix-Xahar tal-Madonna (29-4-1986) 70
15. Ċentinarju tal-Konverżjoni ta' S. Wistin (30-7-1986) 71
16. Laqgħa Ekumenika f'Assisi (15-10-1986) 72
17. Festa ta' Kristu Sultan (11-11-1986) 73
18. Jum Radd il-Ħajr (20-11-1986) 75
19. Ċelebrazzjoni tal-Milied Nisrani (11-12-1986) 76
20. Talb għall-Vokazzjonijiet (4-4-1987) 78
21. Il-Ġurnata tal-Papa (14-10-1987) 79
22. Ir-Raba' Missjoni Djoċesana (17-10-1987) 81
23. Talb għall-Agonizzanti (11-2-1988) 82
24. Il-25 Kungress tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla (4-4-1988) 84
25. Jum il-Vokazzjonijiet (12-4-1988) 85

III PARTI (SILTIET MINN TAĦDIDIET)

1. Id-Delitt Faħxi ta' l-Abort (15-1-1985) 87
2. L-Attwalità tat-Tagħlim ta' S. Wistin (16-2-1985) 91
3. Issa li għandna l-Bibbja bil-Malti f'idejna (10-4-1985) 98
4. Il-Knisja, Sagrament ta' Kristu (26-5-1985) 100
5. Il-Pedamenti ta' l-Unità fil-Knisja (29-5-1985) 103
6. Kristu, iċ-Ċentru tal-Ħajja tagħna (12-10-1985) 108

7. Xi Problemi taż-Żgħażagħ Għawdxin (24-11-1985) 110
8. Il-Messaġġ ta' Pinu u l-Identità Nisranija (22-6-1985) 114
9. Il-Konfirmazzjoni: Sagrament tax-Xhieda ta' Kristu (2-9-1987) 117
10. Alla fiċ-Ċentru ta' Ħajjitna (27-9-1987) 128
11. L-Iżvilupp Teknoloġiku (29-10-1987) 137
12. Fit-Triq tal-Qdusija (4-7-1988) 141
13. L-Ispirtu ta' Sagrifiċċju (5-7-1988) 145
14. Il-Verġni tal-Magnificat (21-8-1988) 147
15. Il-Lingwaġġi tal-Katekeżi (26-9-1988) 159
16. Il-Ktieb u l-Knisja (30-10-1988) 164
17. L-Abbużi tal-Libertà 168
18. Il-Ġenerożita' ma' Alla (6-11-1988) 172